**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Ġunju, 2025

Rikors Ġuramentat: 426/10AL

**AB f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri CB**

**vs.**

**DB**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 996/2006)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi tad-9 ta' Diċembru 2010 li permezz tiegħu l-atttriċi ppremettiet kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Gunju 2006, hekk kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. BZ 1;*

*2. Illi l-kontendenti ghandhom tifla minuri u cioe' CB ta' tliet (3)*

*Raguni tat-Talba*

*3. Illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess konvenut;*

*4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti, hawn anness u mmarkat bhala Dok. BZ 2;*

*Talba*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-*

*1. TIDDIKJARA U TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u TAWTORIZZA lill-esponenti tghix separatament minn ma' l-intimat;*

*2. TILLIKWIDA ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-minuri CB, filwaqt li TORDNA U TIKKUNDANNA lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u TORDNA illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa*

*ghandu jew jista' jkollu; u TIPPROVDI dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;*

*3. TIDDIKJARA li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;*

*4. TAPPLIKA kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici.*

*5. IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u TASSENJA porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*6. TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija,okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.*

*7. TAKKORDA lill-attrici l-kura u kustodja esklussiva tat-tifla minuri CB.*

*8. TAWTORIZZA lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri CB, u dana ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.*

*BL-ISPEJJEZ bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] u l-kontro-talba mressqa minnu[3];

*1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hiex opposta b'dan pero illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.*

*2. Illi t-tieni talba tal-hlas ta' manteniment hija opposta billi l-attrici kienet adultera u ma ghandiex il-kura u l-kustodja ta' binthom.*

*3. Illi s-seba' talba hija opposta billi l-imgiebgha tal-attrici hija tali li ma tistax tigi afdata bil-kura u l-kustodja ta' binthom C u d-dar matrimonjali ma ghandiex tkun ir-residenza taghha u ta' binthom ad esklusjoni tal-intimat stante li hija l- proprjeta parafernali tal-intimat u s-separazzjoni sehhet minhabba t-tifrik irrimedjabbli tort tal-attrici.*

*4. It-talba ghall-likwidazzjoni ghall-komunjoni tal-akkwisti mhijiex opposta stante l-prova ta' dak li huwa parafernali, dotali u/jew tal-komunjoni.*

*5. Illi r-raba' talba hija opposta stante l-fatt li kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozzizzjonijiet tal-Ligi kif citati mill-attrici u di piu l-attrici ddekadit minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni.*

---

[2] Fol. 17.

[3] Fol. 20.

*6. Illi in oltre r-rikorrenti AB mhijiex il-kuratrici ad litem ta' bintha minuri Cstante illi din qieghdha fil-kura u l-kustodja ta' missierha DB kif jirrizulta mid-digriet ta' din il-Qorti tad--9 ta' Settembru, 2010 hawn anness u mmarkat bhala dokument JZ1 fejn ir-rikorrenti bir-rikors taghha tat-23 ta' Gunju, 2010 talbet li tigi fdatha l-kura u l-kustodja ta' bintha minuri u ta' liema l-Qorti cahdet skond id-digriet taghha tad-9 ta' Settembru, 2010.*

*7. Illi b'digriet iehor tal-5 ta' Ottubru, 2010 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument JZ2 il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex immedjatament tirritorna l-minuri li hatfet minn idejn l-intimat u biex tigi moghtija lura lill-intimat bl-assistenza ta' zewg marixxali u tal-membri tal-korp tal-Pulizija.*

*8. Illi mhux minnu li l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibli stante illi hu kien hati ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tar-rikorrenti u dan kif jistghu jixhdu kemm membri tal-familja tieghu kif ukoll missier ir-rikorrenti bl-affidavit tieghu hawn ezebit bhala dokument JZ3.*

*9. Illi hija r-rikorrenti illi hija hatja ta' adulterju, eccessi, mohrija, theddid u offizi gravi da parti taghha in konfront ta' zewghha stante illi minkejja illi hija mizzewga hija bdiet relazzjoni mal-ex boyfriend taghha F G u ilha hekk f'din ir-relazzjoni minn Gunju, 2009.*

*10. Illi l-imsemmija rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali u abbandunat il-bintha Cu zewgha u marret tghix ghand ommha f'Marzu, 2010 minhabba li hija kienet f'rabta sentimentali ma dan F G.*

*11. Illi hi u l-intimat bdew imorru ghand il-family therapist Dr. Charles Azzopardi u kif ukoll għand il-psikjatra Dr. David Cassar u Dr. George Debono ghax hasbu li setghet tkun post*

*natal depression pero minn dan ma kien xejn imma problemi sentimentali frott ir-relazzjoni li hija kellha extra maritali ma F G.*

*12. Illi meta kienet tghix ghand missierha induna li hija kienet qed tikkomunika regolari ma F G u ma ridtx jaccettha go daru u keccieha minn go daru. Minn hemm marret lura d-dar matrimonjali ma zewghha li xorta hafrilha pero baqghat in kuntatt ma F G minn wara dahru.*

*13. Illi kif jista' jixhed missierha H I mhux minnu li l-intimat qatt refa' idejh fuqha u lanqas qatt ma kellha xi marki ta' grief jew tbengil fuq persuntha u dan kollu qed taqalghu bl-iskuza tar-relazzjoni extra maritali.*

*14. Illi minkejja dan hija xorta baqghat f'relazzjoni bil-mohbi ma' F G u fl-20 ta' Gunju, 2010 ghall-habta tal-10.30 p.m. wara li nqabdet minn omm l-intimat K B hija ltaqghat mal-istess F G fil-pjazza tas- Siggiewi, telghet fil-karozza mieghu u telqet lejn l-Ghassa ta' Hal Qormi u halliet lill-bintna biex tmur mal-mahbub taghha.*

*15. Illi l-intimat dejjem gab rispett lill-martu, lill-binthom u lill-familja u qatt ma kien adulteru u lanqas uza vjolenza u/jew eccessi u/jew mohqrija fuq martu wara liema perijodu fl-20 ta' Gunju, 2010 marret tghix l-Ghabex ghal circa tlett xhur f'liema perijodu qatt ma giet id-dar biex tara lil bintha minkejja l-offerta biex tara lil binthom fid-dar matrimonjali, fid-dar tal-genituri tieghu jew fid-dar tal-genituri taghha.*

*16. Illi minkejja li huwa kien għadu lest biex jahfrilha hi ghadha f'relazzjoni ma F G kif jistghu jixhdu terzi u ma riedet qatt tirritorna d-dar.*

*17. Illi minkejja dan ossia li ppruvat tisraq lil binthom u tallega hwejjeg mhux xierqa in konfront ta' zewghha huwa hass li huwa fl-interess ta' binthom biex tara lil ommha f'hinijiet*

*miftehma bejniethom pero mhux lest li jaccetta li binthom tittraba f'sitwazzjoni mhux xierqa.*

*18. Illi binthom tmur l-iskola tas-Sorijiet Frangiskani u tara lil ommha t-Tlieta u l-Hamis u/jew is-Sibt jew il-Hadd b'mod alternattiv basta mhux fil-prezenza li mhux membri tal-familja.*

*19. Illi F G huwa missier ta' hames t-itfal minn zewg nisa differenti u l-ambjent fejn ir-rikorrenti trid trabbi l-binti mhuiex san u xejn dekoruz u mhux fl- interess taghha.*

*20. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Kontro talba tal-intimat DB (ID 384580M) ghat-talba ta' A B*

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:*

*Billi l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhhu mir-rikors guramentat ipprezentat kontra tieghu mill-attrici u debitament notifikat lilu sabiex jipprezenta l-odjerna kontro talba.*

*Billi l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzji, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da part ital-attrici.*

*Billi l-intimat gie debitament awtorizat illi jipprezenta din l-istanza permezz tad-digriet apositu dokument BZ ta' din il-Qorti.*

*Tghid l-istess attrici ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghall-finijiet tal-Artikolu 48C tal- Kodici Civili Kap 16, tistabilixxi d-data*

*meta l-istess attrci ghandha tkun ikkonsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.*

*2. Tawtorizza lill-intimat li jghix separat mill-attrici martu.*

*3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Ctigi fdata lill-intimat salv l-access tal-attrici fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti.*

*4. Tikkundanna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut zewgha ghalih u ghall-imsemmija tifla minuri Cdik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi iffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-attrici u l-bzonnijiet tal-konvenut pagabbli mill-attrici lill-istess konvenut zewghha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew hekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu somma globali li fil-fhema tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex il-konvenut ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attrici.*

*5. Tapplika kontro l-attrici interament jew in parti d-dispozzizjoni tal- Artikolu 48 tal-Kodici Civili.*

*6. Tiddikjara xorta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzzjonijiet komposto kif fuq ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista interalja tad-dati tal-akkwist ta' diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrci ghandha tkun ikkonsidrata li minnha kienet hatja il-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-istess attrici billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizzjoni, Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lil eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*7. Tikkundanna lill-istess attrici tikkonsenja lill-intimat il-beni kollha parafernali tieghu.*

*8. Tordna illi d-dar taz-zwieg 95, Narcisa, Triq santa Margerita, Siggiewi proprjeta parafernali tal-intimat tigi okkupata esklusivament mill-intimat.*

*9. Tawtorizza lil-intimat illi jirregistra ossia jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.*

*10. Previa dikkjarazzjoni illi l-uzu kontinwu ta' kunjom l-intimat mill-attrici jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghalih tipprojbixxi lill-istess attrici milli tkompli tuza kunjom l-intimat.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja minn fejn inhareg id-digriet biex jipprocedu ghas-separazzjoni kif ukoll l-ispejjez tad-digrieti tad-9 ta' Settembru, 2010 u tal-5 ta' Ottubru, 2010 u bl-ingunzjoni tal-attrici ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-attriċi rikonvenuta għall-kontro-talba tal-konvenut;

*1. ILLI ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament Ghalhekk it-talbiet ta' l-istess imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonant. konvenut rikonvenzjonant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, u dan ghaliex:*

*i. Kien il-konvenut rikonvenzjonat li bil-mohqrijiet, sevizzi, ingurji u kull tip ta' trattament degradanti iehor, kisser iz-*

[4] Fol. 29.

*zwieg, u dan apparti r- relazzjonijiet adulteri tieghu kif ha jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*
*ii. Illi l-esponenti m'ghandha ghalfejn tiddekadi mill-ebda dritt ghal manteniment minghand il-konvenut, stante li ma tahtix ghat-tifrik taz-zwieg, u lanqas ma ghandha b'xi mod tapplika kontriha xi wahda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*iii. Illi l-esponenti topponi li l-konvenut jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri C, u dan peress li mhuwiex minnu li l-konvenut kapaci jiehu hsiebha kif imiss jekk kemm-il darba jkun hemm din it-tip ta' kustodja.*
*iv. Illi dwar il-manteniment, apparti li ddekada minn dan id-dritt ghar-ragunijiet hawn qabel imsemmija, jinghad ukoll illi l-esponenti topponi li thallas manteniment lill-konvenut, u dan stante li ghandu introjtu tajjeb, u komdu anke jaghmel kapricci, u dan kif ha jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*
*v. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta, b'dan pero' illi l-porzjonijiet mhux necessarjament ikunu ugwali.*

*2. Illi l-esponenti topponi wkoll ghat-talba tal-konvenut biex ma tibqax tuza l-kunjom taz-zwieg, u dan ghal ragunijiet ovvji, fosthom minhabba l-futur tat-tifla minuri u sabiex ikun hemm konsistenza.*

*3. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri.*

*DIKJARAZZJONI TAL-FATTI ta' l-attrici rikonvenzionata*

*Bil-qima tghid u bil-gurament taghha A B tikkonferma:*

*1. ILLI huwa minnu illi z-zwieg ta' bejnietna tkisser b'mod irrimedjabbli u huwa minnu wkoll li hemm lok ghal separazzjoni personali bejnietna.*

*2. Illi dan iz-zwieg tkisser tort unikament tal-konvenut, minhabba mohqrija, sevizzi, ingurjji u adulterju li kkommetta fil-konfront tieghi.*

*3. Illi jekk hemm xi sanzjoni tal-ligi, din ghandha tigi applikata kontra l- konvenut, ghall-htijiet lilu dovuti, u mhux bil-kontra.*

*4. Illi l-konvenut mhux kapaci jkollu kura u kustodja tat-tifla minuri, u f'dan is-sens nopponi ghat-talba ta' kura u kustodja konguntiva, u dan kif ha jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.*

*5. Illi l-konvenut tilef id-dritt li jien inmantnieh minhabba t-tortijiet tieghu, apparti l-fatt li ghandu introjtu tajjeb.*

*6. Illi l-affarijiet ta' bejnietna ghandhom jinqasmu, b'mod mhux necessarjament ugwali.*

*7. Illi jien naf b'dawn il-fatti personalment.*

Rat il-lista ta' xhieda tal- attriċi rikonvenuta;

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2011[5] fejn il-Qorti appuntat lil Dr Barbara O'Brien bħala assistent ġudizzjarju biex tiġbor il-provi f'din il-kawża, il-verbal tal-20 ta' April 2012[6] li bih il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr O'Brien u ssostitwitha b'Dr Nadia Vella bl-istess inkarigu u fakultajiet, il-verbal tal-25 ta' Ġunju 2014[7] li bih il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju u ħatret lil Dr Abigail Critien bħala perit legali bis-soliti fakultajiet u l-verbal tas-7 ta' Frar 2023[8] f'liem seduta l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Critien peress li din ġiet elevata għall-maġistratura u ssostitwietha b'Dr Rebecca Muscat bl-istess inkarigu u fakultajiet;

---

[5] Fol. 33.
[6] Fol. 205.
[7] Fol. 435.
[8] Fol. 902.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem l-assistenti ġudizzjarji u l-periti legali;

Rat ir-rapport maħluf tal-perit legali;[9]

Rat in-nota ta' l-attriċi li permezz tagħha ressqet domandi in eskussjoni għar-rapport tal-Perit Legali[10] u n-nota bit-tweġibiet relattivi tal-Perit Legali;[11]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2025;[12]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ppreżentata fit-13 ta' Marzu 2025[13];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[14];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u *ċioé* riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tal-atti kollha ta' dan il-każ.

Ir-rapport tal-Perit Legali Dr Rebecca qed jiġi riprodott testwalment fl-intjer tiegħu:

*6) Illi in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilhom lill-assistent ġudizzjarju, kienu nżammu s-segwenti seduti:*

*Seduta fl-14 ta' Ġunju 201, 6 ta' Settembru 2011, 21 ta' Ottubru 2011, 12 ta' Ottubru 2012, 22 ta' Ottubru 2012, 6 ta' Diċembru 2012, 1 ta' Frar 2013, 21*

---

9 Preżentat fit-18 ta' Lulju 2024 a fol. 1054.
10 Fol. 1122.
11 Fol. 1126.
12 Fol. 1129.
13 Fol. 1142.
14 Fol. 1128.

*ta' Marzu 2013, 06 ta' Mejju 2013, 4 ta' Gunju 2013, 07 ta' Ottubru 2013, 6 ta' Novembru 2013, 7 ta' Jannar 2014, 12 ta' Frar 2014, 11 ta' Marzu 2014, 2 ta' Mejju 2014, 17 ta' Gunju 2014, 22 ta' Settembru 2014, 12 ta' Novembru 2014, 12 ta' Jannar 2015, 2 ta' Marzu 2015, 13 ta' Mejju 2015, 9 ta' Lulju 2015, 9 ta' Ottubru 2015, 27 ta' Novembru 2015, 29 ta' Jannar 2016, 3 ta' Marzu 2016 , 7 ta' Lulju 2016, 24 ta' Ottubru 2016, 12 ta' Dicembru 2016, 15 ta' Marzu 2017, 4 ta' April 2017, 17 ta' Ottubru 2017, 23 ta' Jannar 2018, 2 ta' Mejju 2019, 11 ta' Novembru 2019, 15 ta' Jannar 2020, 12 ta' Frar 2020, 1 ta' Gunju 2021, 27 ta' Settembru 2021, 11 ta' Novembru 2021, 7 ta' April 2022, 4 ta' Mejju 2022, 5 ta' Lulju 2022, 16 ta' Novembru 2022, 27 ta' Marzu 2023 u 3 ta' Mejju 2023.*

## *2. RIKORSI, RISPOSTI U NOTI NTAVOLATI*

*8) Kif jixhdu l-atti, f'din il-kawża ġew intavolati diversi rikorsi u risposti mill-partijiet u għalhekk ser issir referenza għall-istess:*

*Atti dwar ġbir ta' oġġetti personali tal-attriċi*

*a) Rikors ta' AB datat 19 ta' Mejju 2011*[15] *fejn talbet il-Qorti tiffissa jum u data sabiex taccedi fid-dar matrimonjali biex tigbor l-effetti personali taghha fil-presenza tal-marixalli u l-pulizija u dan wara li allegat li ma hijiex qed issib kooperazzjoni min-naha tal-konvenut.*

*Permezz ta' digriet datat 23 ta' Mejju 2011 il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tiġbor l-effetti personali tagħha nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2011 fil-5.00pm.*

*b) Rikors ta' AB datat 9 ta' Ġunju 2011*[16] *fejn saret referenza ghar-rikors intavolat precedentament u irrilevat li mhux qed issib kooperazzjoni tal-konvenut. Hija regghet talbet l-assistenza tal-marixalli u l-Pulizija.*

*Risposta ta' DB datata 14 ta' Lulju 2011*[17] *fejn irrileva li l-attriċi diġa daħlet id-dar bl-assistenza tal-marixalli u pulizija minn Gunju 2010 tlett darbiet u hadet maghha l-oggetti kollha u hu sahansitra ippakjala 31 garbage bags liema oggetti baghtom ma missiera. Kull darba li telqet mid-dar huwa talaba tiddikjara li ma ghad fadlilha xejn fid-dar sabiex filkas tohodom u mhux terga titlob li tidhol fid-dar biex iddejqu u tivvesah. Kull ma fadlilha l-attrici hija katina tad-deheb b'isimha fuqha u tlett crieket tad-deheb ohra peress li kollox diga ittiehed minnha u huwa diga offrilha li jikkonsenjala dan permezz ta' ittra annessa mar-rikors u ghalhekk jichad li ma ikkoperax imma kienet hi li ma gabrietx l-oggetti. L-oggetti jistghu jinghataw lilha jew jigu imhollija l-ghassa.*

---

[15] Fol 37
[16] Fol 47-48
[17] Fol 51 u 52

*Digriet 19 ta' Lulju 2011*[18] *fejn il-Qorti laqghet it-talbet u ordnat li r-rikorrenti taccedi fil-fond matrimonjali kif mitlub fl-1 ta' Awissu 2011 fid-9:00am.*

*c) Nota datata 2 ta' Awissu, 2011*[19] *li biha nforma lill-Qorti li l-attriċi aċċediet fid-dar matrimonjali flimkien mal-pulizija u li huwa offra li hija tieħu d-deheb parafernali tagħha ossia żewġ ċrieket kbar u ħamsa żgħar ta' metal isfar, erbgħa ċrieket kbar ta' metal abjad u ċurkett iswed, ħmistax-il misluta, pendent isfar b'ittra B, pendent forma ta' ċavetta; forma ta' wiċċ kristu u forma ta' qalb u qrun, 8 ġiżirajjen bojod, żewġ imsielet bojod, 3 ċappetti sofor, żewġ arloġġi u pendent bil-kelma A. Huwa irrileva li l-attriċi irrifjutat li tiffirma rċevuta ta' dan kollu u għalhekk ħallietom fil-fond.*

*d) Rikors tal-attriċi datat 15 ta' Settembru 2011*[20] *fejn hija spjegat li marret fid-dar u l-konvenut insista li tiffirma dokument biex jirrilaxxa l-oġġetti, liema dokument imur kontra d-digriet tal-qorti. Hija taf li rieda tiffirma xi dokument li se tirċievi ħwejjiġa kollha meta ma kienx il-każ.*

*Ġie anness rapport magħmul mill-attriċi fl-1 ta' Awissu 2011 fejn irrapurtat li meta marret tiġbor l-affarijiet u rat id-deheb hija infurmat lill-żewġha li kellha aktar affarijiet u li huwa aċċetta li jmorru fil-kamra tas-sodda u ġabret xi affarijiet. Wara hija talbet biex tiġbor aktar affarijiet iżda żewġha irrifjuta u qalilha li telqet mir-residenza sentejn ilu u ma għandha xejn fejn hija qaltlu li għandha xi karti tal-isptar. Huwa aċċetta li tidħol fil-kamra u meta hija staqsiet fuq xi albums li kellha meta kienet zgħira huwa mar ifittex u sab xi ritratti iżda ma sabx l-albums u qalilha li jekk isibhom ser itihomla.*

*Digriet datat 15 ta' Settembru 2011 fejn il-Qorti iffissat data għall-ġbir tal-oġġetti għat-30 ta' Settembru 2011.*

<u>*Noti tal-Appoġġ, rikorsi dwar l-aċċess u Rapporti*</u>

*e) Rikors attrici datat 9 ta' Dicembru 2010*[21] *fejn talbet li dan ir-rikors jigi appuntat ghas-smiegh, li tinhatar social worker biex tirrelata dwar it-trobbija tat-tifla u l-ambjenti disponibbli ghaliha, takkordala l-kura u kustodja, manteniment ghaliha u ghat-tifla, u tawtorizza tiehu l-oggetti personali taghha. Hija jsostni li zewgha kecciha mid-dar bis-swat u glied tant li spiccat l-Ghabex u qed jirrifjuta li jtiha l-affarijiet personali taghha. It-tifla qed tghix ma zewg persuni anzjani peress li hu qajla ghandu hin irabbiha filwaqt li hi ghandha hin ghat-tifla peress li ma tahdimx. Hija tghix mal-genituri taghha u apparti konsistenza tista toffri hajja ta' stabbilita' aktar milli jipprovdi l-*

[18] Fol 53
[19] Fol 61
[20] Fol 65
[21] Dan ir-rikors qieghed esebit fit-tieni volum tal-process u mhux enumerat

*intimat. Fir-rikorsi u risposti l-intimat jirreferi ghall-affidavit ta' missiera li sar f'sitwazzjoni ferm differenti u ghalhekk ikun utli li l-Qorti tisma l-partijiet.*

*Risposta konvenut 30 ta' Marzu 2011: huwa allega li l-attrici irrendiet ruhha hatja ta' adulterju u vjolenza fil-konfront tieghu u ta' binthom meta bdiet relazzjoni li ghada tissusisti mal-ex boyfriend taghha F G. Hija abbandunat id-dar, lill-zewgha u lill-bintha f'Marzu 2010 minhabba din ir-rabta sentimentali. It-tifla ghandha hajja stabbli ma missierha haga li ommha ma tistghax toffrila ghax telqet mid-dar diversi drabi, qeghda f'relazzjoni ma ragel li mhux ta' kondotta nadifa u huwa missier ta' erba t'itfal ohra min zewg relazzjonijiet. Dan mhux mod kif trabbi tifla. It-tifla tmur skola siggiewi u ilha tmur hekk u tiffrekwenta dutrina. Hu qatt ma cahhad lill-martu mill-access basta mhux fil-presenza ta' irgiel barranin, izda tifla xorta qed tittiehed ghand omm F G u anki tkun fil-karozza tieghu. Hu jichad li kecca lill-martu jew kien vjolenti maghha fejn hu gie illiberat mill-akkuzi fis-seduta tat-21 ta' Frar 2011.*[22] *It-tifla tghix mieghu, u tingabar mill-iskola min nanna meta ikun xoghol. Hu jirreferi ghall-affidavit ta' missier l-attrici ki jitkellem wahda. Hu mhux tenut li imantni lil martu meta hi f'posizzjoni li tahdem u skont informazzjoni li ghandu, tahdem bla ktieb u kif ukoll meta qeghda f'relazzjoni extra-maritali ma F G. It-tifla hu dejjem mantniha. Hu cahad li ghandu oggetti ta martu f'daru.*

*Digriet 11 ta' April 2011: tilqa talba ghall-gbir tal-effetti personali u tordna lill-appogg jipprezentaw rapport dwar il-hidma li gja saret.*

*L-Appogg ipprezentaw l-imsemmija rapport fis-16 ta' Mejju 2011, liema rapport gie prezentat mix-xhud D Antoncich.*

*f) Rikors ta' DB datat 8 ta' Ġunju 2011*[23] *fejn intalab sabiex qabel ma CB ma tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali fil-kumpilazzjoni Pulizija vs F G, hija ma jkolliex kuntatt ma ommha biex ma tiġix influwenzat minnha.*

*Il-konvenut irrifera wkoll għad-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Mejju 2001 fejn l-attriċi ġiet ordnata tara lill-bintha darbtejn fil-ġimgħa għall-siegħa fil-bini tal-appoġġ u għall-fatt li l-omm qegħda f'relazzjoni ma F G u tqatta ljieli ghandu fid-dar tieghu Bormla fejn tiehu hsiebu u lill-erba ulied tieghu li huma taht welfare officers. Il-missier semma ukoll li C ma għandhix tara lill-ommha qabel tixhed stante li hija vulnerabbli u għandha tlett snin għax qed tallega li F G abbuzaha sesswalment u għalhekk huwa fl-interess tal-gustizzju u ghall-inkoluminita' tal-minuri li qabel ma tixhed ma jkollhix kuntatt ma ommha li tista tinfluwenzaha biex ma tixhidx kontra F G.*

[22] Huwa esebixxa kopja tac-charge sheet fejn hemm indikat li gie lliberat minn akkuzi ta' griehi hfief fuq martu fl-20 ta' Gunju 2010.
[23] Fol 40

*Risposta ta' AB datata 17 ta' Gunju 2011*[24] *fejn irrilevat li żewġha qed jagħmel min kollox biex ibiegħed lit-tifla minn ommha u li dan ir-rikors kellu jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrat fejn l-Omm ikkostitwiet lilha nfisha parte civile ghax ghandha interess issegwi proceduri fejn hemm bintha. L-acess qed jigi ezercitat fl-Agenzija Appogg u wahda mill-kundizzjonijiet tal-haddiema socjali li gie accetata bla kundizzjoni mill-esponenti huwa li ma jsirx referenza ghall-kaz. Hija ma ghandha l-ebda interess li titkellem fuq il-kaz anzi ghandha interess li dawn jispiccaw sabiex tirriverti ghall-vizti li kellha originarjament. L-animu ta' DB ma ghandux ikun biex juza dan il-kaz biex jittronka kull possibilta' ta' access mill-omm. Hija tichad li tiffrekwenta lill-F G u tqatta iljieli mieghu jew tiehu hsieb l-uliedu.*

*Digriet 21 ta' Gunju 2011 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet ghall-uhud mir-ragunijiet imsemmija fir-risposta.*[25]

*g) Nota tal-Aġenżija Appoġġ datata 12 ta' Lulju 2011*[26] *li biha infurmaw lill-Qorti li l-aċċess b'superviżjoni qed jinżamm regolarment darbtejn fil-ġimgħa u li għalkemm għall-bidu il-minuri kienet xi ftit resistenti, l-andatament tal-aċċess huwa wieħed tajjeb u stabbli u l-bint tkun ħerqana biex tiltaqa ma ommha. F'sessjoni partikolari hija saħansitra staqsiet għalfejn kellhom jitilqu wara li spiċċa l-ħin tal-aċċess.*

*h) Nota tal-Aġenżija Appoġġ datata 18 ta' Novembru 2011*[27] *fejn infurmaw lill-qorti li l-aċċess huwa sospiż peress li l-omm ma tistgħax tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-aħħar li inżamm aċċess kien fl-1 ta' Settembru 2011 u l-andament kien wieħed tajjeb. Ir- relazzjoni ta' bejn l-omm u t-tifla kienet stabbli, jagħmlu attivitajiet flimkien, jikkomunika ma xulxin u tifla tesprimi l-imħabba lejn ommha. L-omm tkun kalma u tirrelata b'mod posittiv ma bintha filwaqt li l-missier ikkopera sabiex l-aċċess ikun posittiv.*

*i) Rikors tal-attriċi tat-22 ta' Settembru 2011*[28] *fejn infurmat lill-Qorti li kellha tidħol l-isptar u għamlet operazzjoni u qed tirkupra ġo dar il-Baħrija. Hija ma tistgħax toħroġ min hemm u tmur tara tifla l-Appoġġ. Il-ħaddiema tal-Appoġġ ma oġġezzjonawx illi t-tifla tmur f'din id-dar u hija tixtieq iżżomm kuntatt waqt li tirkupra. Talbet lill-Qorti tara tifla f'din id-dar ġewwa Bahrija u tawtorizza lin-nanniet materni jiġbru u jwasslu lura lit-tifla mill-Aġenzija Appogg.*

*Risposta tal-konvenut 2 ta' Diċembru 2011*[29] *fejn ta rendikont tar-rikorsi intavolati fl-atti u irrileva li l-attrici qeghda f'relazzjoni ma F G li huwa r-*

[24] Fol 43-44
[25] Fol 45
[26] Fol 60
[27] Fol 101
[28] Fol 103-104
[29] Fol 122-124

*ragun tas-separazzjoni tal-partijiet. Irrimarka wkoll li r-raguni ghalfejn il-Qorti kienet fdatlu l-kustodja ta' bintu huwa li kif jirrizulta mir-rapport tar-response service tal-harsien tat-tfal tal-4 ta' Mejju 2011, it-tifla tkellmet fuq abbuz minn F G. Minkejja li r-rikorrenti tichad li qeghda f'relazzjoni mieghu, waqt dawn il-visti hija gieli kienet fl-istess dar u involuta fil-hajja tat-tfal tieghu. It-tfal semmew ukoll hafna lir-rikorrenti u qalet li tghix maghhom u ghalhekk l-attrici tghix mal-allegat stupratur ta' binth minkejja proceduri kriminali pendenti. Huwa cahad li l-attrici trid tara lill-bintha l-Bahrija d-dar tan-nanniet materni ghax hija tista tkompli tmur l-Appogg. Ir-rikorrenti mhux minnu hija konvalexxenti imma ghandha tmien xhur tqala u ser ikollha tarbija min F G; tohrog u tkun barra ta' spiss u sahansitra accediet fil-fond parafernali tieghu fl-1 ta' Ottubru 2011. Huwa ghalhekk fl-ahjar interess tal-minuri li tibqa' tara lill-bintha taht supervizjoni tal-appogg. Hija l-ahhar li marret tara kien fl-1 ta' Settembru u cioe' tlett xhur mentri hu qatt ma ostakola dan l-access. Ma ghandux jigi varjat id-digriet tat-23 ta' Mejju 2011 u dan minhabba li F G ghandu access anke ghad-dar ta' omm l-attrici ghax gie accetat minnhom.*

*Digriet tat-12 ta' Dicembru 2011*[30] *fejn il-Qorti cahdet it-talbiet.*

*j) Digriet tal-Qorti datat 11 ta' Jannar 2012 fejn il-Qorti ordnat lil DB jew lil-parentela tieghu sabiex jiehdu lill-minuri fir-residenza tal-genituri ta' AB u cioe' il-Bahrija kull nhar ta' Tnejn u Gimgha bejn il-5.30pm-7.30pm sabiex hija tkun tista tara hemm bil-kundizzjoni illi fl-ebda hin ma jkun hemm F G. Il-Qorti irrizervat li tipprovdi ulterjorment wara li tkun semghet il-partijiet.*

*k) Rikors ta' DB 23 ta' Jannar 2012*[31]*: saret referenza ghad-digriet tal-11 ta' Jannar fejn gie varjat digriet b'talba seduta stante meta la hu u lanqas l-avukat tieghu ma kienu hemm u ghalhekk gie mcahhad mid-dritt xieraq. Kien xieraq li jigu notifikat meta ma kienx hemm tibdil tac-cirkostanzi salv li l-attrici welldet tarbija fl-1 ta' Jannar 2012 u huwa prezenta kawza ta' denegata paternita' fis-16 ta' Jannar 2012. Il-kawza kriminali qeghda ddeferita ghat-25 ta' Jannar 2012. Ma hemm l-ebda garanzija li F G ma jkunx prezenti fid-dar tan-nanniet materni, aktar u aktar meta hu jiffrekwenta din id-dar regolarment. L-access kien iffissat li jsir l-appogg u sar fis-17 u 19 ta' Jannar. Huwa ma jistax jifhem ghalfejn digriet gie varjat u ghalfejn hu jew il-parentela tieghu ghandhom jiehdu lill-minuri meta l-istess AB u l-genituri taghha jsuqu. Huwa ma jistghax iwassal lill-bintu ghax jahdem bix-xift. L-omm ghandha tkompli tara il-bintha bis-supervizjoni tal-appogg u dan biex ma jkunx hemm indhil jew kontaminar ta' provi fuq it-tifla. L-omm li hija ngunta biex tixhed fil-kriminal ghada ma xehditx u ghalhekk tista bi kliema tikkontamina lill-bintha, iktar u iktar meta skond rapport tal-appogg AB*

---

[30] Fol 125
[31] Fol 140-143

*gidbet li taf lill F G u cahdet li kienet f'relazzjoni mieghu meta kienet ilha mieghu fiz-zwieg.*

*Inghad ukoll li H I mhuwiex bniedem affidabbli u dan ghax allega li bintu kienet tghix mieghu u mhux ma ragel iehor filwaqt li qal li t-tifla qed tigi influwenzata min DB. Ghalhekk talab lill-qorti li l-access jerga jsir taht supervizjoni tal-appogg.*

*Risposta AB 25 ta' Jannar 2012*[32]*: Il-qorti tista taghti kull provvediment opportun anke fl-assenza tal-partijiet meta si tratta l-interessi tat-tfal bis-sahha tal-artikolu 149 tal-Kodici Civili. Il-konvenut kellu interess li jkun prezenti u ma kienx. Ma gie mistur xejn mill-qorti anzi inghataw provvedimenti biex F G ma jkunx hemm li filfatt mhux qed ikun u gie anness Affidavit tal-genituri tal-attrici H u J, konjugi I.*[33] *Kienet l-attrici stess li intervjeniet fil-kawza kriminali u ma ghandha l-ebda hsieb tressaq lit-tifla hdejn F G. Kwalunkwe proceduri kriminali saru bl-iskop li tinholoq skuza biex l-omm ma tarax lill-bintha filwaqt li taghmila cara li fl-ebda hin ma hija qed tiddefendi lill-F G. Lanqas meta kienet ilha zmien rikoverata l-isptar*[34]*, il-konvenut ma kienx jippermetti li hija tara il-bintha u ghamel min kollox biex jistultifika l-access lill-omm. Huwa qed jigdeb li dan F G qed ikun fir-residenza tal-genituri taghha u qed johloq konfuzjoni bejn il-fatt li hija se tixhed fil-kawza ta' F G meta dan ma hux minnu. It-tifla xehdet darbtejn f'din il-kawza u ma rrizulta xejn min dak allegat. Dan ikompli juri kemm hija qed tintuza bhala arma kontra l-omm. Hija cahdet li tghix fid-dar ta' F G jew li tohodlu hsieb id-dar tant li ivvinta li rawha nies tal-appogg minghajr ma indika min. Mhux minnu lanqas li hi ghandha mezzi tat-trasport ghax huwa ddispona mill-vettura taghha propju biex ma tkunx tista tmur tara lill-bintha fl-access. Hija talbet lill-Qorti li sal-udjenza li jmiss, id-digriet jibqa intatt u tisma il-partijiet.*

*Digriet 26 ta' Jannar 2012*[35]*: Qorti cahdet it-talbiet b'dan li l-attrici jew il-genituri taghha ghandhom jigbru lit-tifla u jwassluha lura ghand il-konvenut.*

*l) Rikors Urgenti DB 27 ta' Marzu 2012*[36]*: huwa talab li jiġi preżentat rapport tal-Appogg dwar l-allegat abbuzz tat-tifla minuri minn F G li allegatament sar quddiem omma u kull rapport iehor li ghandhom dwar il-partijiet u l-minuri.*

*Risposta AB 3 April 2012:*[37] *hija tichad l-allegat abbuz u l-uniku raguni li dan qed jigi allegat huwa biex it-tifla tinqata min maghha. Hija tirrileva li l-*

[32] Fol 147-149

[33] Dawn cahdu li jkun id-dar u tennew li mhux lest li jaccetawh fl-istess dar

[34] Gew annessi certifikat medici: wiehed li kellha emergenza u ma setghetx tmur qorti, l-iehor datat 13 ta' Settembru 2011 fejn gie ssugerit li ghandha tevita strapazz u tkun fis-sodda kemm jista jkun, iehor datat 8 ta' Novembru 2011 li hija kienet qed tircievi antenatal care u kien suggerit li tistrieh kemm jista jkun.

[35] Fol 155

[36] Fol 157

*agenzija appogg qatt ma semghuha jew baghtu ghaliha izda tirremeti ruha f'idejn il-Qorti dwar x'ghandu isir. L-uniku persuna li baghtet ghaliha kienet l-ispettur Therese Sciberras. Hija tirremeti ruha b'dana li jkollha dritt tal-kontro-ezami.*

*Digriet 5 ta' April 2012*[38]*: tawtorizza lill-konvenut jipprezenta rapport tal-Agenzija Appogg u kull rapport iehor li ghandhom.*

*m) Rikors Urgenti DB 27 ta' Marzu 2012*[39]*: illi d-digriet tat-26 ta' Jannar 2012 baqa jigi onorat sas-16 ta' Marzu 2012 meta t-tifla giet ritornata min ommha u stqarret li kif kienet ghamlet diversi drabi, kienet fil-prezenza ta' F G. It-tifla regghet stqarret abbuz sesswali min F G quddiem omma. Il-konvenut sema wkoll lir-rikorrenti tghid il-binta biex ma tghid xejn lill-missiera dwar dak li kien gara fis-16 ta' Marzu. Meta tifla giet kienet imgerfxa u bdiet tilmenta b'ugigh fil-parti taghha. Din ittiehdet immedjatment ghand it-Tabib Carmelo Vella li rrilaxxa certifikat*[40] *u tifla stqarret li regghet giet abbuzata fil-prezenza ta' omma u zewg t'itfal tas-Sur G. Huwa mar l-ghassa u sar rapport u idahhlu l-appogg biex jinvestigaw il-kaz ukoll. Min dak iz-zmien it-tifla bdiet issofri ukoll minn inkontinenza konsegwenza tat-trauma u cystitis. AB mhux persuna ta' fiducja u mhux tobdi digriet. F G rega gie arrestat fis-16 ta' Marzu 2012. Huwa reġa talab li l-access jigi ezercitat taht supervizjoni.*

*Digriet 27 ta' Marzu 2012*[41] *fejn il-Qorti issopendiet kull acess tal-omm ghall-minuri u harget ir-rikors ghan-notifika.*

*Risposta AB 3 ta' April 2012*[42]*: zewgha qed johloq frame up u huwa qatt ma ried jaccetta d-digriet tat-26 ta' Jannar. It-tifla qatt ma ittiehdet fil-presenza ta' F G u wisq anqas saru dawn il-hnizrijiet. Zewgha qatt ma uriha certifikati u tabib qed joqghod biss fuq dak li qallu l-konvenut u familjari tieghu. Hija dejjem accediet ghat-tifla fil-presenza tal-genituri taghha. Huwa car li dak li qed jghid hu fabbrikat ghax minkejja li qed jghid li l-abbuz sar fil-presenza taghha, xorta talab access taht sorveljenza. Qeghda izzomm lill-konvenut, il-familjari tieghu u tabib responsabbli ghad-danni. Hija esebiet CD fejn it-tifla qed tigi ibbumbarjata mill-familjari tal-konvenut biex ighegula tghid affarijiet fil-konfront ta' ommha.*

---

[37] Fol 159
[38] Fol 161
[39] Fol 163--165
[40] Dok CVI a fol 166: fejn it-tabib Vella iccertifika li t-tifla qed tghid li l-partner ta' omma F nehhila l-qalziet u l-panty u dahhal subajgh fil-parti taghha. It-tifla qalet li dan mhux l-ewwel kaz. Hija urietu fejn dahhal subghajh. Fil-parti ta barra ma jidirx li kien hemm grif jew tbengil izda fuq gejja il-gilda dehret irritata. Gie esebit Dok CV 2 a fol 167 fejn fis-19 ta' Marzu 2012 it-tifla giet icceritifikata mill-istess tabib li qed issofri min incontinence. Gie esebit certifikat iehor Dok CV 3 fol 167 datat 23 ta' Marzu 2012 fejn it-tifla ma tistax tmur ghand omma ghax qed tbaghti min cystitis u filfatt lanqas marret skola.
[41] Fol 168
[42] Fol 169-170

*Digriet 5 ta' April 2012: tilqa talba.*[43]

*n) Digriet tal-Qorti datat 20 ta' April 2012 fejn l-attriċi ingħatat aċċess b'supervizjoni nhar ta' Tlieta mit-3pm-5pm u nhar ta' Ġimgħa mill-5.30pm sas-7.30pm. Il-Qorti ħatret lill-J Sammut sabiex jiġu eżaminati l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors ta' DB tat-27 ta' Marzu 2012 u tar-risposta ta' AB fit-3 ta' April 2012. Intlaqgħet talba biex jiġu esebiti tapes fl-atti tal-kumpilazzjoni quddiem il-Maġistrat Padovani Grima fil-kawza Pulizija vs F G u kopja tac-CD presentat min DB fl-istess proċeduri.*[44]

*o) Rapport tal-Perit Psikologa J Sammut*[45] *datat 5 ta' Ġunju 2012. Il-psikologa kellmet lill-minuri tlett darbiet, darbtejn wehidha u darba fil-presenza ta' missiera u n-nanna paterna. It-tifla dak iż-żmien kellha 4 snin. Il-psikologa innutat li t-tifla kienet konsistenti f'dak li qalet u ma tatx l-impressjoni li qed tirrepeti xi ħaġa li qalilha ħaddieħor. Meta mistoqsija fuq F, it-tifla qalet li dan ħabib ta' ommha, li ma tieħux pjaċir miegħu u li imissilha l-patata, fejn qalet li ommha tkun ħdejh meta isir dan. Hija qalet ukoll li ommha ma tgħidlu xejn lill-F iżda hi tgħid il-ommha tgħidlu jieqaf. It-tifla meta mistqosija għat-tieni darba kienet konsistenti u għalhekk il-psikologa kienet tal-opinjoni professjonali li t-tifla mhux qed tiġi mgeghla tghid affarijiet li hi ma temminx fihom jew tirrepeti dak li qed jgħidula nies oħra. Hija kkonkludiet ukoll li t-tifla żgħira wisq biex tivvinta stejjer bħal dawn.*

*Digriet 6 ta' Gunju 2012: Il-Qorti wara li rat l-atti u rapport tal-espert psikologa J Sammut tordna li l-Omm tara lill-bintha taht supervizjoni darbtejn fil-gimgha ghall-saghtejn.*[46]

*p) Nota tal-Appoġġ tat-22 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha infurmaw lill-Qorti li l-omm u l-minuri jkunu ħerqana biex jiltaqgħu u jqattgħu ħin flimkien. Meta l-minuri tkun reżistenti n-nanna paterna tinkoraggiha biex tidhol u izzom idejn ommha. It-tifla issaqsi ukoll dwar it-tifla YZ. Il-partijiet igibu rispett lill-xulxin u meta f'okkazjoni it-tifla kienet rikoverata, l-missier informa lill-omm tramite l-Appogg, l-omm zarita.*

*q) L-inkarigu ta' Dr Sammut ġie estiż biex hija tisma lill-missier l-attriċi, lill-attriċi, u lill-omm il-konvenut. Dan ir-rapport ġie presentat fit-12 ta' Ottubru 2012.*[47]

*Laqgha mal-Omm: Il-psikologa tkellmet mal-omm li tenniet li t-tifla qed tigi mgheghla tghid l-affarijiet u hi tixtieq li trabbi t-tifla. Hi qalet li qatt ma*

[43] Fol 172
[44] Fol 205-206
[45] Fol 212-217
[46] Fol 173
[47] Fol 237-245

*laqghatha ma F u li quddiemha zgur qatt ma giet ma F u zgur qatt ghal dawk l-affarijiet. Il-psikologa irrilevat li hija kella tinsisti mal-omm biex issemmi lill-Fny, li din kienet ftit vaga, xi drabi kontradittorja u kemmxejn suspettuza fil-mod kif bdiet tipprova tirrispondi ghal mistoqsijiet dwar x'tip ta' relazzjoni ghandha ma F. L-ewwel donna qalet li kwazi ma kienitx tafu u li ma tafx jekk binta tafux imbaghad qalet li forsi kien xi habib bhal hafna li kellha u kien biss meta tkellmu fuq YZ li qalet li missierha kien F G. Hi wara qalet li forsi ma ghadhomx flimkien u li tghix mal-genituri taghha. Hi kwazi irrifjutat li tirrispondi mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni ma G ghax dawn affarijiet personali u li lesta tirrispondi dwar dan lil Imhallef. Isemma il-Monsinjur Q N li jghix mal-familja paterna fejn l-omm allegat li qed jghid certu affarijiet lit-tifla u li ghajjarha qahba flok jirranga r-relazzjoni bejn il-partijiet. Allegat ukoll li Dhuwa vjolenti u li ommu tindahal hafna filwaqt li hi qatt ma tghid xejn kontra l-missier. Fit-tieni laqgħa l-omm ziedet li qed jaqtawgha mit-tifla u mhux jghaddula informazzjoni dwar skola jew sptar. Semmiet ukoll li t-tifla tigri 'hemm u 'hawn, li omm il-konvenut iggib lit-tifla ghall-access mhux il-missier, li n-nanna tghid lit-tifla biex omma ma tidholx maghha toilet u li n-nanna tindahal. Hija qalet li ma ghandhix fiducja fit-tobba u semmiet li hemm certifikat li t-tifla kienet ma tiflahx meta fir-realta kellha appuntament mal-psikologa. Meta mistoqsija hija qalet li qatt ma hadet lit-tifla ghand tabib.*

*Il-konvenut qal li t-tifla qatt ma semmiet lin-nannu patern fl-istorja tal-allegat abbuz u hu jahseb li ma ghandux x'jaqsam u li l-minuri thawdet. Huwa xtaq li t-tifla terga tigi mitkellma. Huwa kien qal lin-nannu li t-tifla qed issemmi li tara lill-F. Tenna li t-tifla tkun biss mieghu jew ma ommu u nnega li tkun ma nies ohra. Dwar il-monsinjur qal li dan zijuh u t-tifla qatt ma tkun mieghu. Dr George Grech u Dr Carmel Vella ezaminaw lill-minuri u wara l-ewwel allegat abbuz giet ezaminata ukoll mit-tabib tal-appogg. Qal li t-tifla tmur tajjeb SAV izda ghada mgerfxa mill-irgiel.*

*In-nannu matern tenna li ma jafdax lill-psikologa. Huwa qal li dak li qed jinghad fuq bintu huwa kollu gideb biex izomma AB. F mhux adattat ghaliha meta kienet namrata mieghu bintu u ma jidholx id-dar izda huwa ma riedtx jirrispondi ghalfejn dan huwa l-kaz. Dqed jaghmel hsara lit-tifla u qalulha biex tghid hekk. It-tifla dejjem tigri 'l hemm u 'l hawn u ma tghidtx kollox lil ommha. Huwa dejjem mart ma bintu meta kien hemm it-tifla C bejn il-perjodu tal-11 ta' Jannar sat-27 ta' Marzu 2012.*

*In-nanna materna irrakontat kif fis-16 ta' Marzu 2012 it-tifla allegat l-abbuzz sesswali. Hi qalet li wara l-ewwel abbuz it-tifla kienet qalet lill-missierha biex ma tmurx aktar u hu kien jghidilha li dik ommha u trid tmur. Hija qalet li omma haddietha d-dar ta' F, nezalha l-qalziet u rega dahhal subghajh. It-tifla qalet li kien hemm ommha u zewg titfal ta' F. Huma cemplu lill Dr Vella li sabilha irritazzjoni fil-patata sa quddiem. Marru l-ghassa u l-ghada marru l-Apoogg. Hija qalet li t-tifla tkun maghha jew man-nannu jew missieru. Ma*

*huham il- Monsinjur ma joqghodx maghhom u jmur il-Hadd biex jiekol. Cma tmurx ghall-access imdejqa izda mhux ikollha cans u kieku jsir fit-3.30pm ahjar.*

*Il-psikologa osservat ukoll parti minn access supervizjoni fejn it-tifla dehret li ghandha relazzjoni tajba ma omma u daret fuqa ghall-protezzjoni. Andreana Gellel mill-Appog ikkonfermat dak li qalet l-omm li gieli jkun hemm tensjoni bejn il-familji u li din taffetwa lill-C.*

*Fil-konkluzjoni peritali, il-psikologa ikkonkludiet li laqghat bejn l-omm u l-minuri huma mportanti u ghandhom jibqghu isiru u forsi jizdiedu izda taht supervizjoni. Dan aktar u aktar meta huwa ikkunsidrat li AB baqghet vaga dwar ir-relazzjoni taghha ma G. Dwar l-involviment tan-nannu, qisu dan qatt ma gie inkluz fl-istorja li irrakuntat it-tifla hlief mal-istess psikologika u forsi t-tifla giet konfuza dwar l-involviment tieghu. Din it-tifla forsi tfixklet ghax ilha titkellem ma hafna nies.*

*r) Nota tal-Appoġġ tat-31 ta' Awissu 2012: Permezz tal-istess il-qorti giet infurmata li l-access kien qed jinzamm regolarment u kien hemm relazzjoni posittiva bejn l-omm u l-minuri, tant li l-omm anke marret izzura l-isptar. L-omm tghaddi kummenti tajba fil-konfront tal-familja paterna. Il-minuri hija zghira wisq biex tifhem x'qed jigri u li tista turi l-emozzjonijiet taghha lejn iz-zewg genituri bl-istess mod. Filfatt meta tasal ghall access gieli ma tmurx tifrah b'ommha u ma titkellimx fuq li jigri dar. Hija tidher li ghandha bzonn ghajnuna biex tifhem li hi tista tqatta hin maz-zewg genituri.*

*Risposta ta' AB datata 19 ta' Settembru 2012: L-omm laqgħet l-osservazzjonijiet tan-Nota tal-Appoġġ li jirriflettu posittiv fuqa u juri biċ-ċar li hija trid toħloq klima serena fit-tifla u titkellem fil-posittiv fil-konfront tal-familja paterna għall-kuntrarju ta' dak li jsir mill-konvenut. Hija isostni li dan joħroġ miċ-ċar mill-fatt li meta t-tifla tasal mingħand il-missier, ma tmurx tifraħ b'ommha u għalhekk qed tiġi ssogezzjonata. Laqgħet ukoll is-suġġeriment li l-minuri għandha bzonn l-għajnuna sabiex tifhem li tista tqatta hin maz-zewg genituri.*[48]

*Risposta DB datat 11 ta' Ottubru 2012*[49]*: huwa jsostni li huwa sa mill-bidu inkoragixxa relazzjoni tajba izda kienet l-omm li abbandunat id-dar matrimonjali f'Marzu u wara rikonciljazzjoni f'Gunju 2010 hija telqet mid-dar u għaddew xhr qabel reghat rat il-binta. Dan sar minkejja li hu qalilha li tista tara fid-dar basta mhux fil-presenza ta' F G u dan minghajr l-ebda digriet. Huwa irrefera ukoll ghall-allegat abbuz sesswali u ghall-proceduri kriminali li allegatament sehh u f'zewg okkazjonijiet, it-tieni darba wara li l-Qorti fdat il-Omm li ma tiehux lit-tifla fil-presenza ta' F G. Huwa presenta ukoll*

[48] Fol 231-232
[49] Fol 233-234

*certifikat mill-espert psikologu J Sammut li ma irrakomandatx intervent iehor sakemm il-kwistjonijiet legali pendenti f'dan il-kawza u kontra F G jigu tterminati filwaqt li l-istess certifikat jghid ukoll li t-tifla qed tigi segwita min Ms Sammut. Ghalhekk it-tifla ma jinhtigilhiex ebda ghajnuna psikologika ohra. Mhux fl-interess tal-minuri li titqieghed f'riskju sakemm il-proceduri kriminali jintemmu.*

*Digriet 12 ta' Ottubru 2012: L-access jibqa' kif ordnat.*

*s) Nota Appogg 13 ta' Frar 2013: l-access huwa wiehed regolari u meta t-tifla kienet ma tiflahx, is-sieghat gew kompensati. Waqt l-access, l-omm iggib lill-bintha E u tifla tiehu gost u toqghod tilghab maghha. Gieli inqala disgwid fuq tehid ta' ritratti mill-omm ghax bhala regola l-appogg ma jippermettux dan jekk mhux bil-kunsens taz-zewg genituri. Il-missier mhux dejjem accetta. L-Appogg ma ghandhomx oggezjoni u ghalhekk jitolbu direzzjoni tal-Qorti.*

*Digriet 18 ta' Frar 2013: Il-Qorti awtorizzat tehid ta' ritratti purche ma jkunux b'mod ezagerat.*

*t) Digriet 14 ta' Marzu 2013 (fol 307): Ġiet mahtura espert psikoterapista Marika Busietta biex tevalwa l-affidabilta' tan-nanniet materni u jekk ghandux ikun hemm access taht supervizjoni fid-dar taghhom minghajr il-presenza assoluta ta' F G.*[50]

*Dr. Veronia Ellul talbet li tiġi sostitwita għaliex għandha kunflitt ta' interess u l-Qorti ħatret lill-Louise Eminyan (fol 380) li wkoll ma setgħetx taċċetta l-inkarigu. Il-Qorti rrevokat dan l-inkarigu u ħatret lill-Dr Angela Abela (fol 388).*

*(u) Nota Appoġġ 30 ta' Mejju 2013 (fol 329): l-aċċess huwa wieħed regolari. Il-missier wera x-xewqa li meta t-tifla tkun l-isptar, l-omm tmur tara u kif ikkonfermaw il-partijiet dan spiss isir. Il-minuri tmur tajjeb ma ommha u ma ohtha E.*

*(v) Nota Appoġġ 16 ta' Diċembru 2013 (fol 398): saret referenza għan-nota tat-25 ta' Novembru 2013 fejn irreferit għall-aċċess u tiċċara li l-aċċess b'supervizjoni għandu jkun hemm l-omm u l-minuri biss u mhux terzi persuni salv supervisor.*

*(w) Rikors attriċi 15 ta' Jannar 2014: Dr Angela Abela ukoll uriet xewqa li ma tespliċitax l-inkarigu u n-nanniet materni ilhom xhur jiġu mċaħħda milli jaraw lill-minuri. Fil-kaz xehdet O P li ammettiet li kellha relazzjoni mal-intimat fil-mori u issa huwa qiegħed f'relazzjoni ma M N. L-attriċi tallega li dan hu l-istess persuna li jgħid li hi mhux f'posizzjoni li tieħu ħsieb lill-minuri*

[50] Nota tal-istess psikoterapista giet intavolata fejn informat li l-Qorti li ghandha Kunflitt ta' Interess u ghalhekk giet mahtura Dr. Veronica Ellul b'digriet tat-21 ta' Mejju 2013.

*meta ilu jesponiha għal diversi nisa. Għalhekk titlob lill-qorti tisostitwixxi lill-Dr Abela u tawtorizza lill-attriċi ttella lill M N bhala xhud.*

*Risposta DB 27 ta' Jannar 2014: mhux għaqli li l-aċċess jiġi varjat u l-omm għandha tkompli tara lill-minuri taħt supervizjoni kif anke rreferew l-appoġġ fin-nota tas-16 ta' Diċembru. Dan ifisser li lanqas ikun hemm n-nanniet materni. H u J I ma jistgħux jiġi fdat bl-access ta' tifla psikologikament fragli anke konsiderando li huma ma obdewx id-digriet tal-qorti u assikuraw li l-minuri ma titlaqx mid-dar tagħhom u tiltaqa ma F G. Huwa jagħmel referenza għax-xhieda tat-tifla fil-qorti kriminali u għar-rapport ta' J Sammut. Fl-istess rapport il-psikologa tenniet li t-tifla zghira wisq biex tivvinta stejjer filwaqt li meta n-nannu matern kien mistoqsi r-raguni ghala ma riedtx lill-G f'daru, huwa irrifjuta li jaghti wahda u kien vag ħafna. Huwa ma weriex oġġezzjoni li titla M N fil-kawza stante li huwa zgur ma kienx adulteru u ghandu dritt ikompli b'hajjtu izda wera oggezzjoni li titqabbad psikologika ohra.*

*Digriet 29 ta' Jannar 2014: Qorti ċaħdet l-ewwel talba izda laqgħet it-tieni talba.*

*(x) Nota Appoġġ 29 ta' Jannar 2014: l-aċċess jinzamm u t-tifla għandha relazzjoni tajba ma omma u ġieli jkun hemm oħta ukoll. L-access b'supervizjoni qed jagħti opportunita lill-omm u t-tifla jqattgħu ħin tajjeb flimkien u jizviluppaw r-relazzjoni tagħhom f'ambjent sikur.*

*Digriet 12 ta' Marzu 2014: In-nanniet materni jistgħu jaraw lill-minuri darba fil-ġimgħa taħt supervizjoni tal-Appoġġ. Il-Qorti awtorizzat ukoll lill-attriċi tkun preżenti għall-laqgħat kollha iffissat mill-kapillan tas-Siġġiewi bit-thejjiha għall-Ewwel tqarbina, Corpus u ċelebrazzjonijiet originazzjoni mill-Knisja.*

*(y) Nota Appoġġ 15 ta' April 2014: l-appoġġ qed issib diffikulta tattwa l-aċċess man-nanniet minħabba nuqqas ta' qbil ta' kif il-minuri għandha titwassal fid-dar tan-nanniet materni u lura. Ir-regola hi li l-minuri tiġi trasportata fil-presenza tal-ġenitur li qed jezercita l-access. L-omm insistiet li l-minuri tinġab il-Bahrija u qalet li n-nannu jista jiġbor lill-minuri u supervisor mir-rabat. Il-missier insista li huwa jahdem bis-shift u ghalhekk ma jkunx jista dejjem iwassal il-minuri u familjari ma jixtiequx imorru rabat minhabba problemi li graw fil-passat izda jridu jiltaqghu hdejn l-appogg. Ghalhekk intalbet direzzjoni tal-qorti. Ġie rakkomandat ukoll li qabel jibda l-aċċess, l-minuri tiġi ppreparata mill-psikologa.*

*Risposta tal-attriċi: il-missier qed joħloq ostakoli u l-omm ma tistghax tifhem ir-rakkomandazzjoni tal-Appoġġ dwar psikologa u dan peress li meta riedet tinnomina wahda l-Qorti, ghaddew aktar min sitt xhur biex isibu wahda. Kemm l-attrici u l-genituri taghha tant iridu jaraw il-minuri li disposti imorru l-appogg u jirritornawa hemm b'dan li siegha u nofs tad-digriet titwal ghall-*

*siegha ohra tenut kont it-tragitt. Adreana Gellel xehdet ukoll li t-tifla u l-omm imorru tajjeb u ma hemm l-ebda perikolu.*

*Risposta tal-intimat: huwa jahdem bis-shift u l-attrici ghandha tmur l-appogg. Huwa ma jaqbilx mal-access tan-nanniet materni peress li dan diga gie abbuzat. Huwa jaqbel mar-rakkomandazzjoni ta' psikologa qabel jibda l-access.*

*Digriet 19 ta' Mejju 2014: Tordna li l-Appogg tipprepara lill-minuri ghall-access min psikologu jew social worker li tahdem fl-istess Agenzija.*

*(z) Nota attrici 27 ta' Mejju 2013: Tifla giet rikoverata l-isptar fit-22 ta' Mejju 2013 u saret taf hekk min-Nota tal-appogg u dan minkejja digriet tal-Qorti datat 12 ta' Ottubru 2012 fejn il-missier kien obbligat jinformaha f'kaz ta' mard permezz ta' telefonata.*

*(aa) Nota Appogg 25 ta' Novembru 2013: L-access qieghed jinzamm b'mod regolari. Matul ix-xhur tas-sajf thassru numri ta' visti mill-omm li spjegat lill-haddiema socjali li issa li regghet saret omm, gieli jkun difficli ghaliha li tattendi ghall-access b'zewgt titfal taht it-tlett snin, specjalment meta xi hadd minnhom ikun marid. It-tifla thoss hafna meta l-omm ma tigix ghall-access u in vista ta' dawn l-izviluppi, il-haddiema socjali hija tal-fehma illi l-access jkun hin ghall-omm u t-tifla biss. Il-minuri tiehu pjacir fil-presenza ta' ommha u tkun qed tistenniha. Jirrizulta anke mill-kuntatt li l-psikologa ghamlet mal-haddiema socjali, li t-tifla ghaddeja minn zmien delikat u sensittiv u ghalhekk huwa importanti li n-nies ta' madwar Cjifhmu l-hsara li jistghu jaghmlu meta jitkellmu u jikkumentaw fil-presenza tat-tifla. Kemm il-haddiema socjali u kif ukoll is-supervisor gieli innutaw li jinghad kliem dispregjattiv fil-konfront tal-omm mill-missier u nanna paterni u dan gieli jsir ukoll fil-presenza tat-tifla meta jigu kkonsejati lura lilhom wara l-access.*

*(bb) L-attrici talbet lill-Qorti li tifla ma tkunx fil-presenza ta' nisa ohra stante li dan qed ikun ta' detriment ghaliha. Talbet ukoll li qabel ma jinghata digriet l-intimat jiddikjara jekk ghandux relazzjoni intima ma N u jispjega ukoll il-presenza ta' din il-mara waqt ic-cerimonja tal-precett.*[51] *Fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2014, intalab ukoll li l-attrici tara it-tifla fid-dar tal-genituri taghha taht supervizjoni tal-appogg (fol 449).*

*Risposta konvenut datata 1 ta' Lulju 2014: huwa kkonferma li ghandu relazzjoni ma Schmebri u behsiebu jizzeweg. Huwa ghandu dritt ikollu relazzjonijiet u anke jidhol fit-tieni zwieg. It-tifla ghandha dritt titrabba f'familja li giet lilha imcahhda minn ommha. Qabel ma t-tifla iltaqghet ma M N, ittiehed il-parir tal-psikolgi Roberta Attard fejn gie assigurat li mhux ser isirilha hsara. Hadd ma qieghed iccahad lill-attrici milli jkollha relazzjonijiet*

---

[51] Fol 435

*tant li ghandha zewg titfal minghand G. Huwa jghid li hija l-omm li ma tmurx regolari ghall-access. Din it-talba qeghda issir mhux ghat-tifla izda b'inkejja ghalih. Huma ghaddejin minn proceduri ta' annullament quddiem it-tribunal eklesjastiku li waslu fi stadju ahhari u hu ser japplika ghad-divorzju. N kienet hemm mal-pubbliku u ma haditx post l-omm tant li l-partijiet qaghdu hdejn xulxin u hadu ukoll ritratt flimkien, li gie esebit.*

*Xehdet M N fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2014 li kkonfermat li hija qeghda f'relazzjoni mal-konvenut u ser jizzewgu. Ilhom flimkien min Marzu 2013. Hija ikkonfermat li tidhol id-dar tieghu, li tkun fil-presenza tat-tifla tieghu, li marret il-quddiesa tal-precett u wara attendiet ghall-ikla, ghall-liema l-attrici ma kienitx hemm. Hija qed tghix mal-konvenut u t-tifla taht l-istess saqaf. Hija taf li qabila l-konvenut kellu relazzjoni ma mara ohra.*

*Riprodotta ix-xhud ikkonfermat li ghandha kawza ma missier binha. Hija ghanda l-kustodja izda manteniment ma jinghatax. It-tifel il-missieru ma jarahx. Hija kienet tahdem izda waqfet u ilha wieqfa 8 xhur izda se terga tibda. Meta D ikun xoghol hija gieli hadet hsieb it-tifla u gieli tkun ghand in-nanna u cioe' ommu.*

*Xehed DB il-konvenut fejn huwa kkonferma li ghandu relazzjoni ma M N u qabel kien ma O P ghall-xi sena. Cahad li dam f'relazzjoni ghall-sentejn u tenna li ma O it-tifla ma kienitx tiltaqa hlief okkazjoni ta' darba ghall-milied. Huwa ma kienx jghix ma O u ma kienitx tiekol ghandhom.*

*In kontro-ezami huwa kkonferma li qabel M kien ha parir mill-psikologi Veronica Ellul u Roberta Attard. M ghandha tifel iehor u t-tfal jingawala. Il-psikologa ma sabet l-ebda diffikolta, u huwa tenna li qaltilhom li ghandhom jibdew bil-mod qabel jizzewgu jghixu taht l-istess saqaf halli jaraw ir-relazzjoni bejn it-tfal u bejna kif ghandha tkun. Fuq mistoqsija tal-qorti huwa qal li meta hu jkun xoghol, it-tifla tiehu hsieba n-nanna u kif ukoll M. Huwa xehed li meta tmur l-Appogg it-tifla tbati hafna, taghmel pipi tahtha u ma torqodx bil-lejl. Mistoqsi jekk it-tifla thobbx in-nanniet, huwa wiegeb li l-problema kienet peress li giet misruqa mid-dar tan-nanniet u cioe' meta nannu u ommha dahlu fid-dar ta' ommu u taw xebgha lill-genituri tieghu u serqulu t-tifla. Mistoqsi mill-qorti dwar iz-ziju tieghu u jekk dan akkompanjahx l-appogg, huwa qal li gie ftit drabi, aktar min sentejn ilu.*

*Digriet 18 ta' Lulju 2014: It-tifla tara lin-nanniet materni darba fil-gimgha fid-dar tan-nanniet fil-presenza ta' haddiema socjali. Il-qorti tordna li l-haddiema socjali jirraportaw dwar l-andament tal-access wara tlett darbiet li isir l-access. It-tifla tingabar mill-appogg. F'dan l-istadju it-tifla tista tibqa tghix fid-dar ta' missierha flimkien ma M N.*

*cc) Rikors tal-konvenut datat 12 ta' Marzu 2014 (fol 438): mis-separazzjoni de facto l-attrici qatt ma hallset manteniment ghall-bintha minkejja li ghandha*

*impjieg mhux registrat fejn tbiegh donuts kuljum. Hija ghandha tikkontribwixxi stante li l-bzonnijiet kollha tat-tifla huma a karigu tal-missier, inkluz spejjez edukattivi fl-iskola XXX u kif ukoll spejjez medici li jinkludu spejjez ta' terapija frott l-abbuz min F G.*

*Permezz ta' nota datata 3 ta' Gunju 2014, huwa presenta l-FS3 ghas-sena 2013 fejn jircievi €23,242.92. min dawn tnaqqas l-ammont ta' €1906 bhala taxxa u €3657 kontribuzzjonijiet ghas-sigurta socjali.*

*Risposta attrici 13 ta' Gunju 2014: hi ma ghandhix mezzi u dan ir-rikors qed isir biss bhala stratagemma ohra tieghu biex ifixkel hajjita tant li wara kawza li ilha prezentata erba snin, issa holom li irid il-manteniment ghat-tifla. Hi tichad li ghandha impjieg. Hu ghandu diversi nisa bl-ahhar wahda M N li sahansitra kienet prezenti fic-cerimonja tal-precett tat-tifla. L-uniku introjtu li ghandha hija sigurta socjali fl-ammont ta' €479 fix-xahar li bih tiehu hsieb trabbi zewg titfal ohra.*

*Digriet 17 ta' Gunju 2014 (fol 446): tichad it-talba stante li ma giex ippruvat li l-intimata tahdem bi qliegh.*

*cc) Nota Appogg 25 ta' Gunju 2014 (fol 483): l-access huwa pjuttost irregolari peress li l-omm thassru minhabba li jkollha uliedha morda. Il-haddiema socjali iltaqghet mal-minuri sabiex tesplora maghha l-possibilta' li l-access jibda jsir id-dar tan-nanniet materni. Il-minuri tixtieq li l-access jibqa jinzamm l-appogg ghax thossa komda u hi ma tixtieqx tmur ghand in-nanniet ghax tibza minnhom u ma tiehux pjacir ghandhom. It-tifla tkellmet ukoll li jkun hemm hutha ohra waqt l-access u ma tkunx tista tgwadi lill-ommha. Minhabba l-eta' tenera ta' hutha, hi ta' spiss ikollha iccedi ghal gugarelli jew ikel u kien hemm episodji fejn il-minuri ohta gidmitilha idejha il-leminija ghax ma riditx iccedi. In vista tax-xewqat tat-tifla, l-Agenzija hija tal-fehma illi l-access jibqa jinzamm gewwa l-bini tal-Appogg.*

*Digriet 24 ta' Lulju 2014 (fol 486) Diga inghata digriet dwar il-mertu ta' dan ir-rikors waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2014*

*dd) Rikors 8 ta' Awissu 2014 tal-konvenut fejn huwa talab lill-Qorti tirrevoka contrario imperio digriet tat-18 ta' Lulju 2014 u minflok jigi ordnat illi l-access ghall-omm ikompli isir gewwa l-Appogg. Dan intalab minhabba li biex it-tifla tmur għall-aċċess, H I u AB*[52] *qegħdin kull darba jużaw il-forza fil-presenza tal-haddiema socjali ghax it-tifla mhux komda u thossa imwerwra biex tmur. Il-konvenut allega li t-tifla qed issirilha hsara fisika u mentali kif*

[52] Saret korrezjoni permezz ta' digriet tat-12 ta' Awissu 2014 fejn saret referenza ghall-J I minflok AB.

*jirrizulta miz-zewg certifikati li gew annessi*[53]*. It-tifla tigi lura u ma tkunx tista tikkontrolla l-bzonnijiet naturali.*

*Risposta attrici 22 ta' Awissu 2014: dan ir-rikors huwa intempestiv u juri l-animu tal-konvenut. In-nanniet paterni u mhux il-konvenut bdew jiehdu lit-tifla l-appogg u l-esponenti u missierha johduha d-dar tan-nanniet materni. Huwa veru li fil-bidu kien hemm ftit ecitament pero' din normali ghax it-tfal iridu jadattaw. Issa il-minuri stabbiliet ruhha tajjeb hafna u bdiet tiltaqa' regolarment ma hutha u tinsab kuntenta tilghab maghhom. Dan tista tikkonfermah il-haddiema socjali Valentina. Hija ma ghandhix oggezjoni li jkun hemm rapport dwar il-fatti. Ma huwiex minnu lanqas li t-tifla mhux kapaci tikkontrolla l-bzonnijiet taghha u jekk dan il-kaz certament mhux minhabba l-access. Mhux veru lanqas li tintuza forza u lanqas li l-access qed jikkawza hsara fizika u mentali. Il-kawza ta' tensjoni u stress tat-tifla jista jkun hafna fosthom il-fatt li missierha qed jghix ma mara ohra.*

*Digriet 22 ta' Awissu 2014: Tichad it-talbiet.*

*ee) Nota Appogg 26 ta' Awissu 2014 (fol 524-525): saru tlett visti fid-dar tan-nanniet. Kien hemm diffikultajiet peress li tifla fil-bidu tal-access dejjem tirrifjuta li tmur min jedda u tispicca tigi fizikament mgebbda minn omma jew min-nannu matern biex tohrog mill-waiting room. Is-supervisor mhux ikollhom kontroll tas-sitwazzjoni. Ikun hemm problema fil-konsenja u n-nannu matern spiss jargumenta man-nanniet paterni li qed jaghmlu ostakoli u li ma jridtx illi jkunu prezenti. L-omm u nannu matern dejjem qed jispiccaw jghajtu u kellu jintervjeni ukoll il-pulizija minhabba dawn ix-xenati li jsiru quddiem il-minuri li qed tkun imbezza meta tara dan. Waqt l-access it-tifla tkun rezistenti hafna lejn il-familjari u toqghod hdejn is-supervisor u tirrifjuta xorb u ikel provdut lilha. Il-minuri iltaqat ma huta, maz-zijiet materni u kugina. Ghalkemm il-familja pruvaw ikellmuwa u jilghabu maghha, baqghet rezistenti. Il-missier informa lill-haddiema socjali li tifla mhux tkun tajba u spiss tqatta lejl imqajma u jkollha ugiegh f'zaqqha u rasha. Huwa qalilhom li kkonsulta mat -tabib li rrefera lit-tifla ghand psikjatra li ccertifika li tbaghti min ansjeta kbira u ordna li t-tifla tiehu kalmanti.*

*Ghalkemm ġie allegat li t-tifla ghamlet tahtha waqt l-access, dan ma giex osservat. Il- missier ipprezenta certifikati medici u tifla ma attenditx ghall-access tat-12 ta' Awissu u s-sessjonijiet ta' wara. Ir-rapprezentanti tal-Appogg mhumiex kompetenti biex jiddeterminaw l-istat fiziku tat-tifla u jekk l-access ikollux effett fuq is-sahha taghha u ghalhekk ghandhom jigu kkonsultati professjonisti kompetenti. F'kaz li l-access gewwa residenza jissokta, il-gurnata tal-access ghandha tinbidel mill-Gimgha ghat-tlieta.*

---

[53] Doc RC 1 huwa certifikat mahrug nhar is-6 ta' Awissu 2014 fejn it-tifla giet iccertifikat li kellha ugigh f'ghonqa. Doc RC 2 huwa certifikat mahrug nhar is-6 ta' Awissu 2014 fejn it-tifla regghet giet iccertifikat min ugigh f'ghonqa li l-kawza tal-istess hija l-anzjeta.

*Digriet 13 ta' Ottubru 2014: tilqa talba sabiex l-access fid-dar tan-nanniet jibda jsir kull nhar ta' Gimgha.*

*ff) Rikors konvenut 29 ta' Awissu 2014 fejn huwa talab lill-Qorti sabiex wara n-nota tal-Appogg tat-26 ta' Awissu tissospendi l-access fid-dar tan-nanniet filwaqt li tippristina l-access fl-Agenzija Appogg darbtejn fil-gimgha lill-attrici. Qal li qed issir hsara lit-tifla kif gie kkonfermat mill-Psikjatra Dottor Anthony Dimech skond certifikat rilaxxat nhar il-11 ta' Awissu 2014 tant li ippreskrivila l-kalmanti. Dan ic-certikat flimkien mar-ricetta tat-tabib gew annessi mar-rikors u qeghdin immarkati bhala Dok NZ 1 u NZ 2*[54]*. Huwa ghamel ukoll referenza ghall-zewg certifikati ohra annessi ma rikors antecedenti mahruga minn Dr J C Abela u Dottor Bjorn Buhagiar.*

*Risposta attrici 5 ta' Settembru 2014: il-missier dejjem jara kif jaqta lill-omm jew familjari taghha mill-access. Il-hsara hija kawza ta' pika esagerata da parti ta' DB u parentala tieghu u ma hemm l-ebda dubju li t-tifla hija kundizzjonata. Il-hsara qed issir mill-missier li ghamel ronda medika u hadha minn tal-anqas ghand tlett tobba biex jiccertifikat li t-tifla tinsab fi stat li ikkultiva hu. Meta johoda ghand it-tobba jghidilhom l-verzjoni tal-fatt li jidirlu hu bir-rizultat li t-tabib johrog certifikat kostruwit fuq verzjoni wahda. Ghalhekk taqbel mal-Appogg li ghandu jittiehed parir ta' esperti indeipendenti.*

*Digriet 9 ta' Settembru 2014: tahtar lil David Grillo bhala espert psikologu sabiex ikellem lill-minuri u jirrelata dwar it-talbiet. Il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-imsemmi u isostitwitu b'Dr Peter Muscat permezz ta' digriet datat 11 ta' Settembru 2014.*

*gg) Nota Appogg 2 ta' Settembru 2014: L-Appogg ikollha diffikulta tipprovdi social worker peress li s-servizz jigi provdut minn supervisors li mhux necessarjament ikunu social workers. Meta dan gara il-missier oggezjoni li l-access jitkompla. Intalbet direzzjoni tal-qorti.*

*Digriet 3 ta' Settembru 2014: Meta ma jkunx hemm social workers disponibbli, l-Agenzija tassenja supervisors biex tissorvelja l-access fid-dar tan-nanniet materni.*

*hh) Rikors attrici 12 ta' Settembru 2014: L-attrici taghmel referenza ghad-digriet tat-18 ta' Lulju fejn it-tifla kellha tittiehed ghand in-nanniet materni. Hija jsostni li l-konvenut u l-parentela tieghu qed jirrikorru ghal kull xorta ta'*

[54] F'dan ic-certifikat il-psikjatra jghid li t-tifla qed tigi rrapurtat li tbaghti minn ugigh f'zaqqa. Kienet ezaminata minn zewg tobba izda l-ebda kawza fizika ma giet identifikata. Is-sintomi jiggravaw dakinhar tal-vista. Tbaghti ukoll fl-irqaq u fl-aptit. Hija verbalment qalet li ma tridtx tattendi visti. Kienet ukoll inkontinenti waqt il-visti. Meta ezamina, it-tifla ikkonfermat dan kollu u qalet li tibza mill-partner ta' omma. Qed jigi kkawzat distress psikologiku kbir lit-tifla.

*stratagemma biex jharbtu dan l-access kif jidher mic-certifikati medici li hija annetiet. Hu qed jaghmlilha hsara ghax dejjem tispicca tmur ghand tobba u ma ghandux sabar jistenna digriet fuq rikors tieghu fejn talab is-sospensjoni tal-ahhar digriet tal-qorti biex it-tifla ma jaccedux ghaliha nanniet. Ghalhekk talbet il-qorti taghti direttivi sabiex tassigura li kull digriet tal-access jigi osservat.*

*Hija annettiet certifikati medici, partikolarment wiehed mahrug minn Dr Anthony Dimech datat 11 ta' Awissu 2014 fejn inkiteb li t-tifla qed ikollha ugigh f'zaqqa izda meta marret ghand tobba ma setghux jidentifikaw ir-raguni ta' dan. Dawn is-sintomi bdew min mindu gie ordnat l-access b'supervizjoni ghand in-nanniet. Intqal ukoll li t-tifla bidlet ir-rutina tal-irqad u l-aptit. Hija issemmi li ma tridtx tattendi ghall-dawn il-visti u gieli kienet inkontinenti ukoll. Meta ezamina it-tifla kkonfermat l-istess u qalet li tibza mill-partner ta' omma.*

*Certifikat iehor mahrug 5 ta' Settembru 2014 minn Dr Bjorn Buhagiar fejn qal li t-tifla qed tbaghti minn tensjoni u anzjeta biex tattendi l-access.*

*Digriet tal-Qorti datat 15 ta' Settembru 2014: Tordna lill-intimat jobdi skrupolozament l-ordinijiet filwaqt li r-rikors inhareg ghan-notifika.*

*Risposta intimat 26 ta' Settembru 2014: huwa jichad l-allegazzjoni u jrid li jkun hemm access izda mhux li t-tifla issofri min kundizzjonijiet psikologici detrimentali b'access fid-dar tan-nanniet. Hu dejjem obda minkejja li xi drabi ma qabilx u dan peress li t-tifla qed tbghati min hsara psikologika u vjolenza fizika min nannu matern kull darba li tmur ghall-access u dan ghax tittiehed bil-forza minghand missierha kull darba. It-tifla ma marritx ghall-access meta kienet marida b'certifikati. Is-sitwazzjoni psikologika taghha qed tiggrava kif iccertifika l-psikjatra Dr Anthony Dimech fic-certifikat mediku anness. Qed issir hsara kbira fuq it-tifla bl-access impost fuqha kontra l-volonta taghha u kontra l-parir tal-esperti u cioe' l-appogg u J Sammut. It-tifla minhabba l-access qed tiehu doza ta' Atarax biex tikkalma u tistrieh mal-lejl minhabba biza li jkollha meta jkun wasal l-access.*

*Huwa annetta Dok GI 1: Certifikat mediku Dr Anthony Dimech datat 11 ta' Settembru 2014 li ccertifikat li sitwazzjoni min mindu invista f'Awissu qed tmur ghall-aghar. Skond nanna paterna u missier, qed tbaghti min sleep disturbance li jmur ghall-aghar specjalment il-gurnata qabel il-visit mal-omm u nanniet. Hi tqum diversi drabi matul il-lejl u isibuha bilqeghda fuq is-sodda. Cqed tghid li tohlom b'omma, b'F, nannu H u nanna J li gejjin johduha kollha. Hi giet osservata minnhom li qed taghti bis-sieq, titkellem u tghajjat waqt l-irqad. Giet ukoll osservata tkun aggressiva u emozzjonalment irritata wara l-visti ma omma li hija differenti mill-agir normali taghha. Huwa gie infurmat li Cqed tkun sfruzata tidhol fil-karozza. Ic-cirkostanzi qed jikkawzaw*

*distress kbir lit-tifla li jistghu jwasslu ghall-aktar hsara psikologika. Huwa ta lit-tifla Altarax biex jghina bl-emozzjonijiet taghha u l-irqad izda ma tantx kellu effett u qed jigu kkonsiderati medicini ohra. L-ahjar haga li tista ssir huwa rikonsidrazzjoni tal-visti.*

*Digriet 29 ta' Settembru 2014: Tordna li sakemm jigi dekretat ir-rikors imsemmi fir-rikors, il-minuri tibqa' tara lin-nanniet materni fid-dar taghhom taht supervizjoni tal-appogg.*

*ii) Nota Appogg 28 ta' Ottubru 2014: l-access isir b'mod regolari salv f'kaz ta' mard. It-tifla ghada tkun rezistenti u ta' spiss tirrifjuta li titla mas-supervisor, tibda tibki, tintelaq mal-art jew tistahba wara l-ghamara fil-waiting area u konsegwentement tigi mgebbda minn ommha biex tidhol fil-karozza. Gieli pruvat tigdem id ommha. Wara ftit tikkalma u tibda titkellem ma ommha sakemm tasal ghand in-nanniet. Waqt l-access toqghod tilghab ma hutha u familjari u tidher komda u kuntenta. Ghalkemm il-missier informa il-haddiema socjali li t-tifla ghamlet tahtha darbtejn, ma gie nnutat xejn u t-tifla tmur wahidha fit-toilet. Fil-bidu tal-access it-tensjoni bejn iz-zewg nahat tal-familja u kliem iebes li gieli intqal fil-presenza tat-tifla qed johloq anzjeta' u ikollu effetti negattivi fuqha. Il-haddiema socjali esplorat il-possiblita li zewg genituri biss ikun presenti izda l-missier ma setghax isuq fit-tul. Ghalhekk l-appogg tirrakomanda li t-tifla titwassal min nanniet paterni jew missier, tohrog akkompanjata biss mis-supervisor u omm il-minuri tistenniha hemm sabiex jigu evitati kunflitti. In oltre membri tal-familja materna jigu ssolecitati biex ma jistaqsux il-minuri mistoqsijiet dwar il-missier jew il-familja paterna sabiex it-tifla ma thossiex skomda.*

*Risposta konvenut 6 ta' Novembru 2014 a fol 538-539: huwa ghamel referenza ghall-atti u ghall-fatt li jekk il-qorti thoss li ma ghandhix bizzejed provi b'dak rakkomandat mill-Appogg u J Sammut, oltre dak pruvat ex parte, ghandha tissolecita lill-psikjatra Peter Muscat biex jipprezenta r-rapport tieghu ghax din is-sitwazzjoni li t-tifla tigi mgieghla qed tikkawza mohqrija u hsara psikologika. In oltre kif qalu l-appogg it-tifla qed tigi soggetta ghall-interoggatorju min nanniet materni fuq missierha u familjari tieghu.*

*Risposta attrici 12 ta' Novembru 2014 a fol 542 u 543: ir-resistenza tat-tifla hija biss meta tkun sejra u dan fil-presenza tan-nanniet paterni li jinsabu f'kunflitt mal-omm. DB qatt ma mar iwassal lit-tifla. Meta tifla ma tkunx fil-presenza tan-nanniet tkun tajba. It-tensjoni li qed tigi krejata waqt il-handing over qed issir biex l-omm tigi mcahhda mill-access. Il-missier falla l-access tat-tifla minhabba mard b'certifikat mediku 7 darbiet, li tfisser li qed timrad mieghu. L-omm titlob li tigi kumpensata b'gurnata ohra meta dan isir.*

*Digriet 13 ta' Novembru 2014: minuri titwassal min-nanniet jew missier, tohrog mill-appogg akkompanjata biss mis-supervisor u l-omm tistenniha*

*barra l-appogg. Il-partijiet u familjari tal-omm u l-missier ma jistaqsux aktar lill-minuri dwar xulxin.*

*jj) Rapport tal-Psikjatra Dr Peter Muscat datat 20 ta' Novembru 2014:*

*Il-psikjatra iltaqa mal-partijiet u mal-minuri wehedom. Huwa ezamina wkoll diversi rikorsi, rapporti tal-Appogg u certifikati mahruga minn Dr Anthony Dimech kif ukoll rapport ta' Ms J Sammut. Huwa spjega li waqt il-laqgha Cdehret anzjusa u kienet ta' ftit kliem. Hija qalet li ma tiehux gost tmur tara lill-omma kemm l-Appogg kif ukoll ghand in-nanniet materni ghax tiddejaq u ma tridtx tmur aktar. Dan ghax hi temmen li omma ma thobbix ghax kieku baqghet maghha u ma telqitx mid-dar. Qalet ukoll li lill-omma ma thobbiex u lanqas thobb lin-nanniet. Dan ghax huma ma jhobbuwiex izda ma tat l-ebda raguni ghal dan it-twemmin. Il-Papa u nanna materna, hbieb tal-iskola u tal-muzew ihobbuha.*

*Skond ic-certifikati ta' Dr Anthony Dimech 18.08.14 Cqed tbati minn 'Anxiety u tension headaches probably caused by attending with mother' u fl-11.09.2014 'the situation is getting worse according to father and paternal grandmother, with significant sleep disturbance prior to contact visit with mother and maternal grandparents and emotionally very irritable after visits with mother and prior to visit force has to be used to make Cleave Appogg premises to go with mother.' Ir-rapporti tal-Appogg ukoll juru li Ctkun disturbatata qabel il-visti u li ma hemmx kuntatt tajjeb.*

*Il-missier wera thassib minhabba biza u resistenza ta' Cqabel il-visti. Dan jidher li beda wara l-allegat abbuz sesswali. L-omm wriet ix-xewqa li jkun hemm visti tajbin u tixtieq li Ctghix maghha bhat-tfal l-ohra.*

*Fil-konkluzjonijiet peritali tieghu huwa kkonkluda li hemm relazjoni patologika bejn Cu ommha. Dan qed iwassal ghal imgieba disturbata kif ukoll resistenza f'Cbiex tmur ghal laqghat. Biex dan id-disturb psikologiku jonqos hemm bzonn ta' terapija psikologika fit tul bejn il-bint u l-omm. Jekk Ctibqa' tkun sfurzata biex tmur ghand l-omm ghandu mnejn issirilha aktar hsara psikologika u ir-relazzjoni bejn il-bint u l-omm tkompli tmur ghall-aghar.*

*kk) Nota Appogg 28 ta' April 2015: l-access b'supervizjoni qed jinzamm gewwa l-Appogg. It-tifla ghandha relazzjoni tajba ma ommha li huwa evidenti aktar meta tattendi wahidha ghall-access minghajr ulieda l-ohra. It-tifla tiehu gost bl-attenzjoni tal-omm u tilghab u tiddjaloga maghha waqt li meta jigu hutha trid taqsam l-attenzjoni. L-omm spiss thassar l-access nhar ta' gimgha minhabba li xi wiehed min uliedha ikun marid.*

*Risposta attrici 13 ta' Mejju 2015: l-esponenti ma tistghax tifhem x'fiha hazin li tiehu tfal ohra li ma huma jaghmlula xejn hazin. B'dak li qed jghidu l-Appogg ifisser li dak li jigri normalment f'kaz meta jiltaqghu tfal ta' zewg*

*familji, ghandu jkun ta' impediment biex l-omm tkun tista' tara lit-tfal naturali taghha. Hija wkoll stramba kif l-apogg qed toffri oppozizzjoni mentri biex it-tifla tkun fil-presenza ta' tfal ta' mara li llum l-imsemmi DB ghandu relazzjoni, qatt ma tibghat tosserva xejn.*

*Digriet 30 ta' Mejju 2015: Tirrileva illi meta A tkun trid thassar l-access nhar ta' Erbgha ghandha tavza lill-partjiet fiz-zmien opportun sabiex hadd ma jinqala ghal xejn b'xejn.*

*ll) Nota Appogg 10 ta' Awissu 2015: access mhux qed jinzamm b'mod regolari u l-omm tattendi darba fil-gimgha biss u qed tikkancella sessjoni tal-gimgha. It-tifla tkun bierda lejn l-omm u inqas komunikattiva maghha u spiss ma twegibix. It-tifla thoss li omma mhux taghtiha bizzejed attenzjoni peress li thassar l-access ta' spiss. Omm hassret l-access anke fil-birthday tat-tifla u hija kienet disappuntata. Qed jigi rakkomandat li l-access isir darba fil-gimgha sabiex il-minuri ma thossx li l-omm qieghda titbieghed minhabba cirkostanzi ohra.*

*Risposta DB 14 ta' Ottubru 2015: huwa jaqbel mar-rakkomandazzjoni*

*Risposta AB 16 ta' Ottubru 2015: minflok l-Appogg irrakomandat li tinbidel il-modalita' tal-access biex it-tifla thoss li l-omm ittiha l-hin u l-omm ma tinzilx kull darba mill-Bahrija ghax ma ghandhix trasport u dan anke minhabba uliedha l-ohra, qed tirrakomanda bil-kontra. Id-diffikulta' principali hi li l-omm qed issibha difficli kemm minhabba tfal, distanza u nuqqas ta' trasport. It-tifla kif inghad qed tkun aggressiva u minflok jigi ezaminat ghalfejn qed tigi penalizzata l-omm. Is-soluzzjoni mhux li jonqos l-access.*

*Digriet 19 ta' Ottubru 2015: Tichad ir-rakkomandazzjonijiet b'dan li jekk AB tibqa' tonqos milli tattendi ghall-access minghajr ma taghti pre-avviz xieraq lill-partijiet involuti, l-Appogg ghandha tavza b'dan lill-Qorti.*

*mm) Nota Appogg 6 ta' Ottubru 2015: access qed jinzamm darba fil-gimgha minhabba li l-omm tikkancella. L-imegba tat-tifla qed tiddeterjora minhabba li tara inkonsistenza fl-access u spiss ma tkunx trid tkellem lil ommha u tghidilha illi hi thassar l-access. It-tifla spiss tkun trid tohrog mill-kamra u gieli tkun aggressiva verbalment mal-omm jew mas-supervisor. Jidher illi din l-imgieba tant gravi tirrizulta minhabba li t-tifla thoss li l-omm mhux taghtiha hin bizzejed u min-naha taghha l-omm ma tkunx tista tattendi minhabba uliedha l-ohra. Ghalhekk jigi rakkomandat li l-access jinzamm darba fil-gimgha sabiex it-tifla ma tkunx dizappuntata meta jigi kancellata l-access.*

*Digriet 9 ta' Marzu 2016: Tilqa rakkomandazzjonijiet.*

*nn) Nota Appogg 5 ta' Jannar 2016: Access mhux jinzamm b'mod regolari u dan peress li l-omm spiss tikkancella meta uliedha ikunu ma jifilhux. Fl-ahhar*

*xahar ta' dicembru kien hemm biss zewg visits. Nuqqas ta' konsistenza anke jekk ghal ragunijiet validi qed ikollu impatt negattiv fuq il-minuri li tinterpreta dan bhala sinjal li omma ma ghandhix interess u dan rifless fl-imgieba tat-tifla mal-omm fejn ma tkunx komda tilghab jew titkellem ma ommha. Jigi rakkomandat li l-access jibda jinzamm darba fil-gimgha ghal saghtejn b'mod regolari kull gimgha u dan sabiex isahhah ir-relazzjoni fragli.*

*Nota konvenut 14 ta' Marzu 2016: Huwa jikkonferma li t-tifla thossa abbandunata minn ommha stante li anqas qed izzomm il-hinijiet stabbiliti mill-qorti. Minn dicembru 2015, hija rat lit-tifla darbtejn f'Dicembru, darbtejn f'Jannar 2016 u bejn Frar u Marzu 2016 ma rata qatt. Dan huwa ta' detriment ghat-tifla.*

*Digriet 18 ta' Marzu 2016: Tilqa rakkomandazzjoni tal-Appogg.*

*Nota Appogg 6 ta' Lulju 2016: Wara digriet tat-18 ta' Marzu 2016 fejn l-access beda jinzamm darba fil-gimgha, l-access inzamm biss tlett darbiet peress li l-omm baqghet thassar l-access. L-omm ghandha timpenja ruhha biex tattendi ghas-sessjonijiet u dan sabiex it-tifla thoss li hi importanti fil-hajja ta' ommha.*

*Risposta attriċi 22 ta' Lulju 2016: L-appoġġ mhux infurmata bis-sentenzi kriminali Pulizija vs F G u dan peress li l-aċċess tagħha dejjem ġie deċimat mill-Agenzija minhabba relazzjoni tagħha ma G. Hija prezentat kopja informali taz-zewg sentenzi u kopja informali tar-rikors li ser jigi prezentat. Il-Qorti ghandha tiehu noti ta' dawn il-fatti stante li kien hemm manipulazzjoni kbira min min kellu interess li t-tifla tigi mifruda min ommha.*

*oo) Rikors Attrici 26 ta' Settembru 2016: Fis-17 ta' Ġunju 2016 ingħataw żewġ sentenzi fl-ismijiet Pulizija vs F G fliema sentenza huwa instab mhux ħati u ġie lliberat. Dawn il-proċeduri ilhom suġġett ta' dibattitu f'din il-kawża rigwar l-aċċess. Saret referenza għall-kummenti li saru fl-istess sentenza fejn ingħad (u saret enfażi mill-attrici) li l-Qorti hija 'moralment konvinta li t-tifla meta tkellmet mal-ħaddiema socjali ta' l-Appogg u man-nies l-ohra indikati aktar 'il fuq irrepetiet dak li gie suggerit liha min-nanna paterna u/jew minn missierha bhal ma ghamlet fit-tape recordings u ma kinitx qed tirrakonta dak li effettivament sehh.' Di piu' il-Qorti tghid illi 'l-allegazzjonijiet de quo saru biss bhala tentattiv mill-parti civili bhala manuvra ulterjuri sabiex jitwaqqaf l-access ta' l-omm ghall-minuri u bhala forma ta' tpattija fil-konfront ta' l-imputat minhabba li huwa kien is-sieheb il-gdid ta' omm il-minuri. Din il-Qorti jidhrilha li hija meskinita' kbira li tifla ta' eta' daqshekk zghira tigi manipulata u uzata b'dan il-mod mill-parti civili sabiex icahhad lil omm l-istess minuri mill-access ghal bintha u lill-istess bintu milli jkollha relazzjoni tajba u stabbli ma' ommha u mal-familja materna'.*

*Fid-dawl ta' dan l-attrici talbet li tigi rikjamata l-kawza u jigi rivedut l-access u kura u kustodja tal-minuri.*

*Gew annessi zewg kopji legali tas-sentenza li inghataw:*

*i)Dok A: Pulizija vs F G (Mag Audrey Demicoli): l-imputat gie lliberat milli kkorompa lill-minuri u li ppartecipa f'attivita' sesswali maghha. Dan jirrigwarda l-incidenti tas-16 ta' Marzu 2012. Is-sentenza ghamlet referenza ghax-xhieda tal-partijiet f'dik il-kawza. Omm il-minuri kienet sostniet li dejjem kienet tigbor lill-bintha ma missierha u tohoda dar tan-nanniet. Hija innegat li qatt hadet lill-bintha ghand l-imputat jew li dan kien ikun prezenti waqt li kien hemm it-tifla. G innega l-akkuzi fejn qal li dakinhar tal-incident kien id-dar ta' ommu u kien hemm hutu. Huwa qal li dawn l-allegazzjoni qed isiru bhala forma ta' tpattija u li l-attrici tghix mal-genituri taghha u torqod ghandu fil-weekend. Il-Qorti kkonkludiet li t-tifla 'kienet qed tirrepeti xi haga li ntqalet min haddiehor u mhux xi haga li effettivament gratilha.[55]' Il-Qorti innutat ukoll li 't-tifla insistiet li ma triddtx tmur ghix ma ommha, qalet li ma kinitx thobb lin-nannu matern u li hija kellha biss nanna wahda u nannu wiehed. Dawn l-affarijiet qalithom kollha bhala risposta ghal domandi li sarulha in kontro-ezami u jindikaw l-animosita' li qed tigi esposta ghaliha il-minuri lejn il-familja materna.'[56] Il-Qorti kienet moralment konvinta li t-tifla qatt ma marret fid-dar tal-imputat*

*ii)Dok B: Pulizija vs F G (Mag Audrey Demicoli): l-imputat gie lliberat milli f'April 2011 u fix-xhur ta' qabel huwa kkorompa lill-minuri, issekwestra lill-minuri, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur tal-minuri, ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-minuri u offenda l-pudur jew il-morali li sar f'post pubbliku. It-tifla f'dan il-kaz meta xehdet ma ftakritx isem ommha u qalet li qatt ma rikbet ifl-karozza ma G. Il-Qorti f'dan il-kaz ghall-darba ohra waslet ghall-konkluzjoni li dawn l-allegazzjoni saru bhala tpattija biex jitwaqqaf l-access. Il-Qorti 'ssibha diffichli hafna temmen li b'kumbinazzjoni kbira il-missier u n-nanna paterna sabu ruhhom armati b'tape recorder u rrekordjaw lill-minuri tghid certu affarijiet dwar dak li allegatament ghamlilha l-imputat. Dwar dan it-tape recording il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox tirrileva li kif jirrizulta mis-smiegh tal-istess recording dan mhux recording kontinwu izda audio clips separati u maqtughin fejn il-persuna li ghamlithom ghazlet hi s-siltiet li trid tipproduci. Illi inoltre meta wiehed jisma dawn ir-recordings jinnota li hafna drabi il-minuri tirrispondi fl-affermattiv ghas-suggerimenti li jsirulha mill-missier*

---

[55] Pagna 10 ta' Dok A

[56] Pagna 11 ta' Dok A

> *u min-nanna paterna dwar dak li allegatament ghamlilha l-imputat u mhux effetivament tghid hi dak li gralha.'*[57]

*Risposta konvenut 3 ta' Frar 2017: fil-qrati kriminali il-provi ikunu lil hinn min kull dubju ragjonevoli u ghalhekk dak li gara ma ghandux jitfa dawl fuq kwistjonijiet civili u abbuz fuq il-minuri. Din il-qorti diga rrizultala mir-rapporti ta' J Samut li l-minuri giet abbuzata u ghandha tigi emmnuta kif iddetermina wkoll D Antoncich. Barra min hekk il-psikjatra Peter Muscat iddetermina li l-access ghand in-nanniet kien qieghed jikkawza hsara lill-minuri ghax hija giet abbuzata f'dawk l-ambjenti meta hija l-ewwel giet abbuzata fil-karozza ta' G u darb ohra d-dar tieghu Bormla. It-tifla f'dawn l-ahhar sentejn giet abbandunata minn ommha u l-Appogg stess talbu li jitwaqqaf l-access ghax l-omm ma bdietx tattendi ghax huwa ahjar li ma jkunx hemm access milli li jithassar u t-tifla thossa li ommha ma ghandhix interess fiha. It-tifla ghandha 9 snin. L-access ghandu jibqa taht supervizjoni. L-omm lanqas biss qed tattendi ahseb u ara kemm ghandu jkun access liberu. Ma ghandux ikun hemm kambjament sakemm jitqabbad psikologu mill-Qorti li jiddetermina jekk il-bdil fl-access hux ser ikollu effett detrimentali fuq il-minuri wara li l-professjonisti tal-appogg ikunu raw l-interess tal-omm.*

*Digriet 7 ta' Frar 2017: Tahtar mill-gdid lill-J Sammut sabiex tevalwa l-effett tal-access taht supervizjoni u tara jekk il-minuri hux f'posizzjoni li eventwalment tara lill-ommha minghajr supervizjoni.*

*pp) Nota Appogg 10 ta' Awissu 2016: L-omm qeghda ta' spiss thassar l-access ta' darba fil-gimgha u ma attendiet ghall-ebda wahda mis-sessjonijiet minn April 2016. Ghaldaqstant mhux ser jigu ffisati aktar sessjonijiet.*

*qq) Talba maghmula waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2017 mill-attrici sabiex l-access b'supervizjoni isir darba fil-gimgha minghajr pregudizzju ghat-talbiet tar-rikors tat-26 ta' Settembru 2016. Il-konvenut joggezjona peress li l-omm ma kienitx tattendi u taghmel hsara lit-tifla. Qabel ma jkun hemm access liberu huwa rrileva li l-omm ghandha tigi ezaminata psikologikament.*

*Il-Qorti tilqa talba u tissolecita lill-Appogg sabiex l-access b'supervizjoni isehh mill-aktar fis possibli.*

*rr) Nota Appogg 30 ta' Marzu 2017 (fol 603): access sar darba s'issa. Il-minuri twaslet mill-missier u nanna paterna izda irrifjutat tidhol fil-kamra u bdiet tinsisti li ma tridtx tkellem lill-omma. Il-fatt li hemm tensjoni qawwija mill-adulti u li l-minuri ilha kwazi sena ma tara lill-ommha ma jghinux biex tersaq lejn omma. Ghalhekk il-haddiema socjali jirrakomandaw li t-tifla ma jkollhix access b'supervizjoni imma laqghat mal-psikologa fejn tkun introdotta l-omm ukoll biex tigi restawrata ir-relazzjoni bejn l-omm u l-minuri.*

---

[57] Paġni 8 u 9 ta' Dok B

*Risposta attrici 5 ta' Mejju 2017: min dakinhar 'l hawn saru 4 visti. Il-qorti ghandha tkun taf l-animu li hemm fejn l-ewwel sessjoni saret wara xahrejn minhabba riluttanza tal-konvenut li jibda l-access, haga li l-Appogg ghazlet li ma tindikax. F'dawn is-sessjonijiet ta' access kien hemm il-konvenut u n-nanna li rwol taghha kien li tincita lill-konvenut u titfa botti biex tipprovoka lill-esponenti, haga li ma rmexxilix. Il-konvenut ma ghamel xejn u nanna qadet titfa l-botti. L-esponenti tirremetti ruhha ghall dak li hu l-ahjar sabiex ikun hemm avvicinament ta' kwalita. Hemm diga psikologa ohra mahtura b'digriet tas-7 ta' Frar 2017 fejn l-esponenti gja hallset ghas-servizzi ta' J Sammut.*

*Digriet 5 ta' Lulju 2017: tissopendi l-access taht supervizjoni u tordna sessjonijiet ta' family therapy fl-Appogg fejn l-ewwel jigu uditi l-genituri. Imbaghad meta t-terapista thoss il-waqt tigi introdotta l-minuri.* [58]

*Rapport tal-Appogg datat 12 ta' Dicembru 2017 (fol 611): family therapy mhuwiex indikat bhala l-ahjar terapija ghall-minuri u l-omm peress li fil-passat kien hemm diffikultajiet li ghal minuri l-ambjent ta' terapija mal-omm ma jkunx post fejn it-tifla thossa safe. Jirrakomandaw ghajnuna psikologika fejn il-figura tal-omm tigi introdotta 'l quddiem u dan fl-interess tat-tifla u l-omm. Dan is-servizz jigi offrut mis-psychological services tas-sedqa.*

*Risposta konvenut 15 ta' Jannar 2018: huwa jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet.*

*Risposta attrici datata 8 ta' Jannar 2018: huwa inaccetabbli li digriet tal-5 ta' Lulju 2017 baqa mwarrab minghajr ma ttiehdet azzjoni fuqha. Min dak indikat fin-nota jidher li l-Appogg ma fehmux dak li pproniet il-psikologa u l-qorti fid-digriet taghha fejn gja indirizzat l-biza ghax bl-ebda mod ma qalet li l-omm u tifla jiltaqghu habta w sabta. Ghalhekk il-qorti ghandha zzom ferm mad-digriet tal-5 ta' Lulju 2017.*

*Digriet 16 ta' Jannar 2018: Tordna li l-minuri Ctinghata l-ghajnuna psikologika msemmija fir-rapport fi hdan Psychological Services tas-Sedqa.*

*ss) Rikors tal-Perit Psikologa J Sammut 20 ta' April 2017 fejn irrakomandat li filwaqt li l-access taht supervizjoni jigi sospiz temporanjament biex ma jsirx aktar hsara ghar-relazzjoni, dan il-hin jigi uzat b'terapija ghal-familja li l-ewwel tinvolvi l-genituri u meta terapista thoss il-waqt tigi introdotta il-minuri. Evalwazzjoni tal-access tal-omm mat-tifla ghandu jigi maghmul wara process terapjwetiku fejn dan l-access b'supervizzjoni jerga jibda.*

*Il-Perit psikologa tghid li hija osservat li t-tifla ma tkunx trid tidhol hdejn ommha ghall-access u irrakomandat laqghat ta' terapija tal-familja b'mod*

---

[58] Fis-seduta tal-15 ta' Novembru l-attrici informat lill-Qorti li l-family therapy kienet ghada ma bdietx u ghalhekk hija ilha ma tara lil bintha ghal 4 xhur.

*urgenti, jekk jista jkun min terapista tal-familja li forsi anke tahdem fil-Fondazjoni tas-Servizzi Socjali. L-access ghandu jibda jsir f'ambjent ta' terapija. Hija tghid li t-tifla jista jkun li regghu bdewla l-ansjetajiet li kien hemm qabel meta kien isir l-access u ghalhekk huwa l-mod kif it-tifla tipprotegi lilha innifsiha milli terga thoss dak li kienet qed thoss qabel.*

*Minkejja digriet ta' notifika, dan ir-rikors qatt ma gie notifikat.*

*tt) Rikors attrici 29 ta' Mejju 2023 fejn hija talbet lill-qorti sabiex tahtar perit tekniku biex jaghmel access fid-dar u jindika x'inhu l-valur tal-materjal u xoghlijiet maghmula fid-dar matul iz-zwieg fejn giet elenkata lista ta' xoghlijiet, u valutazzjoni tad-dghajsa Marino u mutur ta' maghha li giet mixtrija fiz-zwieg.*

*Risposta konvenut 12 ta' Gunju 2023: ir-rikors huwa intempestiv stante li hija kkonkludiet il-provi taghha u huma irrelevanti ghal-mertu. Huwa diga prezenta provi li juri li l-hlasijiet kollha tax-xoghol kienu hlasijiet jew flus parafernali. Mhux minnu li kien hemm riserva li jitqabbad perit tekniku. Il-marino baqghet tithallas kompletament minnu.*

*Digriet 14 ta' Gunju 2023: tichad it-talbiet f'dan l-istadju stante li misshom saru ferm ilu waqt stadju provi attrici.*

*uu) Rikors attrici 29 ta' Mejju 2023 fejn hija tispjega li ottjeniet kopja tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali tas-7 ta' Ottubru 2021 fejn huwa kien ikkontesta tkeccijiet tieghu mill-Freeport minghajr success. Skond l-istess sentenza huwa naqas li jirraporta ghax xoghol f'diversi okkazzjonijiet. Mistoqsi in kontro-ezami huwa jghid li ha emergency leave ghat-tifla mentri mhux veritier stante li mar tabib u ma sabux hemm. L-attrici ma setghetx tkun taf b'dawn il-proceduri qabel ghalqet il-provi taghha. Hija ghandha interess li l-Qorti tohoda in konsiderazzjoni stante li huwa ma kienx sincier u talbet awtorizzazjoni biex tipprezenta kopja tas-sentenza.*

*Risposta konvenut 12 ta' Gunju 2023: dan ir-rikors intempestiv ghax hija qed tippretendi li terga tiftah il-provi taghha. Din is-sentenza hija kompletament irrelevant ukoll ghal-mertu. Is-sentenza ma turi xejn hlief li huwa kellu jbghati konsegwenzi talli rabba lil bintu wahdu minghajr kontribuzzjoni ta' martu.*

*Digriet 14 ta' Gunju 2023: Tichad it-talba minhabba l-istadju li jinsabu fih il-proceduri.*

## *PROVI TAL-ATTRIĊI*

*2.1* ***Seduta 6 ta' Settembru 2011*** *fliema seduta xehdu:*

***- F Visanich rappreżentant tal-Freeport:***

*Ix-xhud preżenta ħames dokumenti immarkati bħala Dokument JV1-5 u spjega li l-konvenut se jagħlaq 10 snin impjegat mal-Freeport Terminals Ltd bħala operations Clerk.*

*Dok JV 1 hija FS3 tal-konvenut tas-sena 2007 fejn jirriżulta li huwa ipperċepixxa s-somma ta' €10,702.16 gross*

*Dok JV 2 .hija FS3 tal-konvenut tas-sena 2008 fejn jirriżulta li huwa ipperċepixxa s-somma ta' €25,072.77 gross*

*Dok JV 3 hija FS3 tal-konvenut tas-sena 2010 fejn jirriżulta li huwa ipperċepixxa s-somma ta' €17,834.67 gross*

*Dok JV 4 hija FS3 tal-konvenut tas-sena 2009 fejn jirriżulta li huwa ipperċepixxa s-somma ta' €24,147.34 gross*

*Dok JV 5 hija payslip tax-xahar ta' Awissu 2011 minn fejn jirriżulta li l-konvenut qala l-paga netta għall-dak ix-xahar ta' €708.22. Mill-istess payslip jidher ukoll li huwa jipperċepixxi xi bonuses bħal incentive bonus u jaqla iżjed paga meta jaħdem il-ħdud.*

***- Colette Maskijvic rappreżentant tal-Aġenżija Appoġġ:***

*Ix-xhud spjegat li hija social worker fid-Domestic Violence Unit. Hija bdiet taħdem mal-attriċi meta din ittieħdet f'xelter fl-20 ta' Ġunju 2010 u marret tiltaqa magħha 3 tijiem wara. L-attriċi spjegatilha l-inċident li sar tal-20 ta' Ġunju 2010 fejn allegat li r-raġel ta daqqa ta' ponn, kissrilha l-mobile u li hija ma kellhix ċwievet. Spjegat ukoll li kien hemm ħafna abbuż fiżiku u li kien hemm inċidenti qabel. L-attriċi qaltilha li kellha ċertifikat mediku iżda dan hija ma ratux u qaltilha li ghamlet rapport.*

*Ix-xhud preżentat Dok CM1*[59] *li huma notamenti tagħha min fejn jirriżulta:*

*Li kkomunikat mal-attriċi fit-23 ta' Ġunju 2010:*

> *-L-attriċi kienet inkwetata li binta mhux magħha fix-xelter u kienet qed tħoss in-nuqqas tagħha u ntavolat rikors urġenti għall-kustodja. Qaltilha li żewġha jagħmel dak li tgħidlu ommu u li l-kunjata dejjem tindaħal.*
> *-L-attriċi spjegatilha li tmien xhur ilu riedet tmur taħdem għall-ftit siegħat u żewġha ma ħallihix u wara ta daqqa ta' ponn. Qalet li għamlet ċertifikat mediku imma għalkemm marret għand il-pulizija huma ma għamlux rapport u qaltilom li ma tridtx tipproċedi.*
> *-F'Marzu 2010 l-attriċi spjegat li kellhom argument u marret għand il-ġenituri tagħha. F'dan il-perjodu marru jitkellmu ma Dr Charlie Azzopardi, family therapist u rritornat id-dar biex tagħti ċans ieħor.*

[59] Fol 84-88

*-Spjegat li r-raġel tagħha dejjem kien jikkontrollaha u xahar ilu gidmila imneħira u ma ħallihix titlaq iżda ċempel lill-ommu li ġiet timsaħ id-demm. Hija qalet li għandha ritratti tal-ġrieħi iżda meta marret tiġbor l-affarijiet personali tagħha ma setgħetx iġġib il-camera għax kienet ta' żewġha.*
*-Darba oħra spjegat li żewġha tefa bottle tal-plastik tal-isprite fid-direzzjoni tagħha iżda ma laqatix*
*-Il-ħadd li għadda 20 ta' Ġunju 2010 meta kienet il-festa iltaqat ma oħt ħabiba tagħha u bdiet tkellima. Hija qalet li l-kunjata taghha giet u marret tghid lill-habib taghha biex ma jkollux x'jaqsam maghha. Wara qabbdet lill-binta u għajtet lill-konvenut li ta daqqa ta' ponn lill-attriċi u ħadilha tifla. Qalet ukoll li żewġha kissrilha l-mobile.*
*-Qalet li l-kunjata qalet lill-bintha biex ma jiftaħx il-bieb. Hija ma kellhix iċ-ċwievet tad-dar.*
*-Qalet li għandha ċertifikat mediku u għamlet rapport u wara marret l-Għabex.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fit-28 ta' Ġunju 2010: żewġha qalilha li jekk trid tkellem il-binthom trid tmur għand counselor.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fis-19 ta' Awissu 2010: żewġha qalilha li ried ikellima u jwassalha bil-karozza. Hija qaltlu li taċċetta biss jekk iġib it-tifla iżda huwa ma riedtx. Hija tixtieq tkellem il-bintha iżda ġiet mgħarfa li din ma tridtx tkellimha meta din kellha biss sentejn. Żewġha jinsisti li hija tara lill-binta fid-dar matrimonjali u li l-attriċi kienet ser tgħidlu biex jiltaqgħu f'post pubbliku għas-sigurta tagħha.*

*Informazzjoni miġbura 30 ta' Settembru 2010: Ġiet infurmata li l-attriċi telqet mix-xelter fl-10 ta' Settembru 2010 u kienet qed toqgħod fil-villeġjatura ta' żita.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fis-6 ta' Ottubru 2010: hija giet infurmata li qed tgħix mal-ġenituri tagħha u li l-ġurnata ta qabel rat lit-tifla mal-kunjuta. Hija marret biex tiġbor it-tifla iżda l-kunjata bdiet tiġġieled u gidmita. Hija uriet lill-ħaddiema soċjali bite mark fuq idejha u ħadet il-bintha id-dar tal-ġenituri tagħha. Wara irċeviet telefonata mill-pulizija li hi kienet ġo post ħażin mat-tifla fejn qaltilha li jistgħu jiġu jaraw fejn kienet. Huma marru b'digriet tal-qorti li jgħid li r-raġel kellu kustodja temporanja u hija ma kellhix aċċess. Hija ma kienitx taf b'dan id-digriet u ħadd ma kien infurma b'dan id-digriet li ħareġ fid-9 ta' Settembru 2010.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fit-18 ta' Ottubru 2010: L-attriċi informata li waqt il-medjazzjoni żewġha beda jgħajjat magħha u jipponta subajh lejha u lejn l-avukat tagħha tant li ċemplu s-security diversi drabi. Huma qabblu wkoll li hi tara lill-bintha it-tliet u Ħamis mit-3-7pm u fil-weekend darba Sibt/Hadd b'mod alternat mill-10am sas-6.30pm. Qabblu wkoll li żewġha itiha l-affarijiet personali tagħha imma meta marret ma missierha ma tahix wisq affarijiet.*

*Qaltilha li bdiet tiltaqa ma bintha u urieta ritratti fejn jidru kuntenti. Qaltilha li tara l-binta fid-dar tal-ġenituri tagħha u binta għandha rapport tajjeb man-nanniet materni. Hija tħoss li bintha qed tiġi brainwashed minn missiera u n-nanna paterna u li n-nanna qaltilha 'mamma nahraqa bil matches'. Hija tħoss li żewġha qed jiġi influwenzat min ommu u zijuh li huwa monsinjur u li dan tal-aħħar saħansitra stenna barra l-kamra tal-medjazzjoni.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fis-6 ta' Diċembru 2010: L-attriċi infurmata li l-medjazzjoni ingħalqet u li sar rikors għal-social work report. Għandha concerns tagħha fuq bintha u darba minnhom meta waslet lill-bintha il-konvenut beda jgħajjat magħha u għamlet rapport. It-tifla tqatta ħafna mill-ħin man-nanniet paterni li għandhom l-fuq min 60 sena minflok mal-missier. Hija ma għandhix kuntatt ma żewġha u qas għandha numru tal-mobile tiegħu f'każ li tinqala emergenza iżda għandha komunika man-nanniet. Hija tixtieq tikkomunika ma żewġha minhabba bintha u peress li din għandha kundizzjoni tixtieq tkun infurmata bl-appuntamenti mediċi. Tixtieq ukoll tkun taf dwar l-aċċess fi zmien il-milied.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fit-13 ta' Mejju 2011: L-attriċi kienet inkwetata u qaltilha li ġimgħa qabel żewġha qalilha ma tmurx għall-bintha għax hemm investigazzjoni. Hija irċeviet telefonata mingħand il-pulizija u kellmet lill-Ispettur Louise Vella. Il-pulizija staqsewha jekk ħasslitx lill-bintha u biddlitilix nappy. Hija ma irmexxilix tagħmel kuntatt mal-ħaddiema soċjali tac-Child Protection. Hija infurmat lix-xhud li dejjem tara lill-bintha fil-prezenza tan-nanniet materni salv meta toħoda l-bandli li jinsab nofs siegħa l-mod mid-dar tal-ġenituri tagħha. Hija irċeviet ittra legali li tista tara lill-bintha fid-dar matrimonjali b'żewġha preżżenti imma kienet imbezza li tmur hemm u ma tafx x'inhu jiġru għax ħadd ma huwa jinforma. Hija talbet lis-social worker tac-child protection biex tibda tara t-tifla l-appoġġ u fil-11 ta' April 2011 ħareġ digriet li ser isir social work report.*

*Hija qalet lix-xhud li omm ir-raġel u zijuh qed jikkawżaw problemi u li dejjem imorru l-qorti miegħu u darba qalula li ma tafx x'inhu ġej għaliha u tajdx kemm ser tibki. Hija qalet li żewġha għadu ma jtihix flus u li l-paga tiegħu tmur għand missieru. Żewġa bih karozza u hija għamlet sekwestru.*

*Li kkomunikat mal-attriċi fit-18 ta' Lulju 2011: infurmata li qed tara lill-bintha darbtejn fil-ġimgħa l-Appoġġ u għandha meeting mac-CPS. Hija marret il-Qorti dwar l-allegat abbuz ta' bintha u qalet li bintha tkellmet ma psikologa iżda ma qalitx wisq. Żewġa għamel CD u beda jsaqsi il-bintha diversi mistoqsijiet. Hija kienet inkwetata dwar dak li qed jiġri.*

2.2 ***Xhieda tal-attriċi quddiem il-Qorti fit-13 ta' April 2012***[60]***:***

*L-attriċi innegat li hija kienet tieħu lill-bintha ħdejn F G u tgħid li minkejja d-digriet tal-qorti, il-konvenut qatt ma ġab lit-tifla hu u jkollha tmur hi billi titlob il-karozza lill-missiera għax ma għandhix vettura. Hija ċaħdet li lit-tifla toħoda ħdejn G u spjegat li jwassalha missiera u toħoda dar u qalet li dak li qed jintqal huwa kollu gideb.*

*In kontro-eżami, hija ċaħdet li qabel id-digriet tal-Qorti kienet tieħu lit-tifla tlett darbiet fil-ġimgħa filwaqt li qalet li tal-Appoġġ qed jigdbu. Hija qalet li kienet taf lill-G u lill-oħtu qabel. Tgħid ukoll li mhux minnu li l-ħaddiema soċjali rawa għand G għax dak iż-żmien hija ma kienitx tmur għandu.*

2.3 **Seduta fl-1 ta' Frar 2013** *fliema seduta xehed is-**Supretindent Lawrence Cutajar:***

*Huwa esebixxa vera kopja tar-rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront ta' zewgha u prezenta tnax-il rapporti immarkati bhala PUL 1 sa PUL 12:*

> *a)PUL 1: Rapport datat 20 ta' Gunju 2010 fejn l-attrici rrapurtat li dakinhar stess ghall-habta tal-10pm, waqt li kienet fil-kumpanija tar-ragel taghha, omm ir-ragel K u ohtu EF; hija illargat biex tuza il-facilitajiet publici u ltaqat ma habib antik taghha u ohtu u waqfet tkellimhom. Hija rrapurtat li avvicinata il-kunjata u hatfitilha it-tifla li ghandha 3 snin izda hija baqghet izzom it-tifla. K cemplet lill-binha u dan gie hadilha tifla u taghha daqqa ta' ponn fuq idha.*
>
> *Mitkellem il-konvenut qal li hu qabad il-martu ma rgel iehor u hafrilha u ilejla reggha qabada meta kienet fil-pjazza. Huwa innega li ta daqqa fuq idejha. Qal ukoll li l-gharus ta' martu hataf lil-bintu u girfilha ghonqa u qal li se jipprezenta certifikat mediku. Hu cahad li qatt sawwat lill-martu u qal li meta ilejla induna x'kien gara, insista li tifla tibqa mieghu ladarba martu kienet ser titlaq ghax ma riedtx lil bintu torqod fil-presenza ta' ragel iehor.*
>
> *L-ghada l-attrici gabet certifikat mediku li qed issofri min griehi ta' natura hafifa.*[61] *L-attrici telqet mid-dar bil-volonta taghha u ttiehdet gewwa xelter mill-pulizija u fit-21 ta' Gunju hija giet akkompanjata mill-pulizija biex tigbor affarijiet mir-residenza.*
>
> *b)PUL 2: Rapport datat 1 ta' Ottubru 2010: L-attrici ilmentat li zewgha mhux ihalliha tidhol fid-dar matrimonjali gewwa Siggiewi u li*

---

[60] Fol 199-201

[61] Dan ic-certifikat ma huwiex ipprezentat fl-atti.

*qed icahhada milli tara lill-bintha. Il-konvenut gie mitkellem u tenna li ghandu parir legali li martu ma ghandhix dritt tidhol fir-residenza. L-attrici regghet marret l-ghassa l-ghada 2 ta' Ottubru fejn qalet li kella ftehim verbali ma zewgha li se jiehu lill-binthom ghand missiera il-Bahrija ghall-10am izda dan ma sarx. Qalet ukoll li ma hemmx digriet. Meta ikkuntatjat il-konvenut stqarr li ha parir legali u hu kellu jghati access lill-omm jew fil-presenza tieghu jew wara li jkun hemm digriet tal-Qorti. Dan ir-rapport sar ghall-fini ta' rekords.*

*c)PUL 3: Rapport datat 7 ta' Novembru 2011: L-attrici rrapurtat li marret hdejn ir-residenza siggiewi biex tigbor it-tifla u l-ex ragel taghha qalilha li hija kienet ma tiflahx. Huwa ma riedtx itiha l-puschair. Huma kellhom ftehim quddiem il-medjatrici. Ghall-habta tas-6.30pm marret biex taghti lura lit-tifla u hu qabad jghajjat, jitkellem hazin u joffendiha u qalla foxx kemm ghandek u kien ser jerga jerfa idejh fuqha izda hi harbet. Hu qalilha biex missiera ma jindahalx. Il-konvenut cahad li kellimha hazin u qal li ma tax il-puschair ghax kienet ix-xita.*

*d)PUL 4: Rapport datat 23 ta' Novembru 2011: L-attrici rrapurtat li marret ghal-binta u omm ir-ragel qaltila li din ma tiflahx u meta qaltilha biex tohoda gurnata ohra, din tenniet li tohodha illum. Hi bezghet tohoda gurnata ohra u hadita ghand tabib li ccertifika li veru kienet ma tiflahx. Hija stqarret li marret ghat tifla ghax kemm K u kif ukoll ir-ragel ma kienux cemplilha biex ma tmurx.*

*e)PUL 5: Rapport datat 21 ta' Dicembru 2010: L-attrici irrapurtat li waqt li kienet is-Siggiewi rat lill-zewgha go karozza ohra tal-marka Subaru XXX minflok il-karozza tieghu t-Toyota Spacio XXX. Hija tenniet li toyota inxtrat fiz-zwieg u kienet anke iffirmat biex tinxtara. Fil-11 ta' Dicembru waqt li kienet ma missiera biex twassal lit-tifla skond digriet rat lir-ragel isuq Subaru fejn meta marret l-ADT u gite infurmata li t-Toyota mhux qegħda fuq ir-ragel taghha. Il-konvenut ikkonferma mal-pulizija li bih il-vettura Toyota lil xi Autodealer u li fuq parir ta' Avukat hu qallu li dan jista jsir biex jithallas dejn fuqa. Huwa gab ukoll xi karti annessi mar-rapport.[62] L-attrici infurmat lill-pulizija li ma kienitx taf li l-vettura ghal-bejgh, ma ffirmat l-ebda karti u meta ccekjat mal-bank id-dejn ma thallasx.*

*f)PUL 6: Rapport datat 2 ta' Jannar 2011 fejn dahlet informazzjoni mill-control room li kien hemm argument fit-triq. Meta waslu fuq il-post il-pulizija sabu lill-attrici ma missierha li qalu li kien hemm ftehim bil-miktub flimkien mal-konvenut rigward l-access tat-tifla. Il-konvenut gie mitkellem ma missieru u dawn qalu li bhas- ta certifikat mediku. Huwa qal ukoll li H ma ghandux jigi quddiem ir-residenza*

[62] Dan l-inkartament ma huwiex esebit fl-atti.

*minhabba incident li sar is-sena l-ohra. Il-ftehim kien sar fil-medjazzjoni li nghalqet mill-attrici. Missierha ghamel storbju u ghajru filwaqt li l-attrici bdiet thabbat mal-bieb tal-antiporta bis-sahha u tghidlu kliem dispregattiv.*

*g)PUL 7: Rapport datat 10 ta' Frar 2011: l-attrici irrapurtat li hadet it-tifla ghall-access (ma hemmx digriet) izda peress li kienet ma tiflahx hadita kmieni. Stante li ma kien hemm hadd biex johoda u peress li ma ghandhix numru ta' zewgha marret l-ghassa. Il-konvenut qal li mar il-quddies u li se jaghti numru lill-attrici.*

*h)PUL 8: Rapport datat 27 ta' Frar 2011: l-attrici irrapurtat li aktar kmieni marret id-dar tal-genituri tal-konvenut biex tirritorna t-tifla u ma sabitx lir-ragel. Meta waslet quddiem ir-residenza rat il-missier il-konvenut S B barra d-dar, fethila l-bieba u ha lit-tifla minghajr ma ta cans tbiddlilha zarbun. Hi staqsietu biex tkellem lil-zewgha izda huwa bezqilha u hi hassita ingurjata. Harget omm D, zija ta' D J CD u ziju Q N li ukoll ghajruha purcinella. Missier il-konvenut cahad u qal li kienet l-attrici li bdiet tidghi dagha fahxi u baghtihom jiehduh. Omm il-konvenut ikkonfermat dan u innegat li ghajrita. D tenna li ma kienx hemm ghax mar il-clinic peress li aktar kmieni l-attrici ingurjatu u ghamel rapport. Iz- zija innegat u qalet li anqas biss harget barra filwaqt li ziju qal li hu qaghad kwiet izda l-attrici bdiet toffendih.*

*i)PUL 9: Rapport datat 1 ta' Awissu 2011: l-attrici marret mal-pulizija tigbor l-affarijiet personali u l-konvenut taghha 3 kaxxi li jikkontejnu deheb izda hija kella aktar affarijiet. Huwa halliha tigborom u hi gabritom. Meta talbet biex tidhol f'kamra ohra, il-konvenut irrifjuta u qal li hi telqet mid-dar sentejn ilu u ma ghandha xejn aktar. Hi tenniet li ghandha karti tal-isptar u hu halliha tidhol u dawn il-karti instabu. Attrici staqsiet ukoll ghall-albums li kellha ta' meta kienet zghira u hu ta xi ritratti izda ma instabux aktar ritratti. Il-konvenut talab lill-attrici tiffirma karta li kellha d-dettalji tad-deheb li ingabar izda hija irrifjutat li tiffirma. Il-konvenut irrifjuta li itihomla sakemm tiffirma l-istess ghax ma kellux irceveuta. Ghalhekk l-attrici ma gabret xejn mir-residenza.*

*j)PUL 10: Rapport datat 30 ta' Settembru 2011: l-attrici tat il-pulizija digriet tal-qorti fejn marru jigbru l-affarijiet personali taghha. Il-konvenut gie ikkuntat u ta l-affarijiet taghha, fejn fl-istess rapport hemm iskritt l-affariijiet li ttiehdu.*

*k)PUL 11: Rapport datat 20 ta' Jannar 2012: irrapurtat li l-konvenut ma gabx it-tifla ghall-access skond digriet. Hu stqarr li dan hu minnu ghax ma jafx bid-digriet u li lbierah mar l-appogg u kien ifurmat. L-attrici ma xtaqietx li jittiehdu passi fil-konfront tieghu.*

*l)PUL 12: Rapport datat 30 ta' Marzu 2012: l-attrici giet ikkuntatjata u infurmata min zewgha b'digriet tal-qorti datat 27 ta' Marzu fejn l-access gie sospiz. Hija qalet li giet infurmata illum u ma ghadx ghandha cans tappella.*

*In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li qabel l-20 ta' Gunju 2010 ma kien hemm l-ebda rapport. Huwa ma setghax jikkonferma jekk fl-istess jum sarx rapport fil-konfront tal-attrici u F G min H I u DB ghax ma saritx tfittxija f'dan is-sens. Dr Toni Abela talab ukoll lill-ispettur jaghmel indagni jekk sarux rapporti fil-konfront ta' O B li qeghda f'relazzjoni mal-konvenut.*

*2.4 **Seduta fl-14 ta' Marzu 2013** fliema seduta xehedet quddiem il-Qorti **J Sammut:***

*Fuq mistoqsijiet mill-attrici, hija kkonfermat li kienet kellmet lin-nannu matern u li dan seta jahlef li bejn il-11 ta' Jannar sas-17 ta' Marzu 2012 hu ma daħħalx lil F G f'daru u li ma kienx fil-presenza tieghu. Mistoqsija dwar influwenzi esterni, Ms Sammut ikkonfermat li t-tifla qed tigi influwenzata mill-process stess. It-tifla tkun akkompanjata min missiera jew mill-familja paterna u l-istess esperta ma setghetx teskledi li t-tifla mhux qed tkun influwenzata mill-missier u familja paterna.[63]*

*Hija xehdet li l-missier għall-ewwel laqgħa ġie waħdu u ġabret l-informazzjoni mingħandu u għat-tieni laqgħa huwa daħal mat-tifla. Hija ma setgħetx tikkonkludi dwar l-affidabilta' tan-nannu matern peress li ma tafux biżżejed.*

*Ix-xhud spjegat li l-attriċi kienet kunfliġġenti dwar ir-relazzjoni tagħha ma F G għax l-ewwel qalet li ma tafux u imbagħad qalet li hu missier it-tarbija tagħha u hija sostniet li riedet titkellem quddiem l-imħallef dwar ir-relazzjoni li għandha mal-istess. Għalhekk ix-xhud ma setgħetx tagħti ġudizzju. Mistoqsija jekk hija taqbilx li t-tifla tiltaqa mal-attriċi weħeda jew ikollha aċċess għand in-nanniet ma ommha u F G ma jkunx preżenti, ix-xhud sabet diffikulta' tirrispondi peress li ma tafx ir-relazzjoni li l-omm għandha ma G u n-nannu matern irrifjuta li jgħid ir-raġuni għalfejn ma riedtx lill-G id-dar tiegħu.*

*Suġġerit lila li l-aċċess b'supervizjoni ikun barra l-Appoġġ, hija qalet li dan ma sarx għax qed ikun hemm antagonizmu bejn l-attriċi u familja paterna u għalhekk jista' jinqala l-ġlied. Hija ma hijiex il-persuna ideona lanqas biex*

[63] Fol 311

*tagħmel assessment dwar in-nannu patern peress li dan kien suspettuż dwar l-irwol li hija għandha.*

2.5 **Seduta 6 ta' Novembru 2013** *fliema seduta xehdet* **O P:**

*Hija xehdet li kienet toħroġ mal-konvenut għall-ċirka sentejn u nofs. Ir-relazzjoni spiċċat fit-28 ta' April 2013. Kienet relazzjoni intima. Huma kienu jiltaqgħu fil-weekend u ġieli mar id-dar tagħha. Kien mar darbtejn għandha bit-tifla u kellha wkoll komunikazzjoni ma ommu. Ommu ġieli qaltilha biex ma jiltaqawx hi u Du ġieli ċemplet biex tara kif inhi. Darba omm Dqaltlu li t-tifla qed timmisja. Hija semgħet li min April 'l hawn Dqiegħed f'relazzjoni oħra iżda ma tafx biċ-ċert. In kontro-eżami hija qalet li sa fejn taf hi bdiet toħroġ mal-konvenut wara li martu telqet mid-dar għax hu hekk kien qalilha. Huma bdew jitkellmu flimkien fit-28 ta' Ottubru 2010.*

2.6 **Seduta fl-11 ta' Marzu 2014** *fliema seduta xehdet* **M N:**

*Hija xehdet li taf il-konvenut mill-Appogg u barra l-Appogg gieli harget mieghu bhala hbieb. Huma gieli ftemu u iltaqghu flimkien. Hija ghada in kuntatt mieghu u jiltaqghu. Ġieli tmur bil-karozza taghha jew drabi oħra tkun mieghu fil-karozza fejn gieli ghadda ghaliha. Qatt ma marret id-dar tieghu izda hu gieli gie  ghanda, ghalkemm mhux ta' spiss. Lit-tifla gieli rata peress li jekk johorgu jgibha maghhom u t-tifla gieli kienet fil-presenza tat-tfal taghha. It-tifla gieli giet fid-dar ta' omma ukoll fejn tghix hii izda hi u Dqatt ma kielu hemm. Hija gieli attendiet attivita' tat-tifla u cioe' concert tal-Milied fejn kienu mistednin il-genituri tat-tfal izda ma attenditx parents day.*

2.7 **Seduta fit-2 ta' Mejju 2014** *fliema seduta xehdet* **Andreana Gellel:**[64]

*Il-haddiema socjali fis-servizz tas-supervised visit xehdet li r-relazzjoni ta' bejn l-omm u t-tifla hija wahda tajba u t-tifla tkun kuntenta tara l-omma u tmur tigri fuqha. Peress li t-tifla ghad ghandha 7 snin xi kultant tghir ftit ghal hutha meta omma iggibhom maghha. L-omm ghandha zewg titfal ohra jghixu maghha izghar minn C. Il-Qorti tat l-awtorizzazjoni sabiex f'dawn il-visits l-omm iggib wahda mill-ahwa biex jinbena rapport bejniethom. Filfatt it-tifla qabel ma kellix u issa ghandha rapport ma hutha. Il-minuri l-ohra ghandhom inqas min tlett snin u l-iehor ghandu sena u ghalhekk ghandhom bzonn hafna attenzjoni tal-omm. Min-naha l-ohra Ctitrabba mal-kbar u ghalhekk huwa normali li meta jkollha l-access ma omma tixtieq l-attenzjoni ta' omma fuqha*

---

[64] Fol 505-508

*biss u ghalhekk ikun hemm ghira naturali li ssib anke f'familja maghqudin. It-tifla tigi mwassla kwazi dejjem min-nanna paterna u gieli jkun hemm nannu patern, il-missier jew ziju tal-missier li hu sacerdot. Gieli t-tifla thassru visits u jingieb certifikat medikut. Daqs sena/sena u nofs ilu, l-okkazjonijiet fejn l-access kien imhassar kien frekwenti ghax it-tifla kienet tkun ma tiflahx ta' spiss u kienet rikoverata l-isptar u l-omm marret tara pero ricentement it-tifla regghet kienet ma tiflahx. Bejn wiehed u iehor darba fix-xahar tithassar il-visit tat-tifla mal-omm. Ahna bhala procedura nippruvaw insibu ġurnata oħra fl-istess gimgha. Kien hemm okkazjonijiet ukoll fejn l-omm hassret il-visits peress li t-tfal l-ohra ikunu morda. Meta nippruvaw inbiddlu sieghat, il-missier jghidilha li l-uniku gurnata li baqala free it-tifla huwa sibt u gieli l-access isir is-sibt. Mhux dejjem jirmexxilna insibu replacement.*

*Is-sinjura B dejjem titlob kopja tac-certifikat pero gieli s-sur B idum ma jġibu. Id-data tac-certifikat taqbel mad-data meta t-tifla tkun marida. Hija obbligat ruhha iggib kopja tac-certifikat fis-seduta li jmiss.*

*Ix-xhud regghet xehdet fis-**seduta tas-17 ta' Gunju 2014:** Hija presenta is-sett komplessiv ta' certifikati jew noti li intuzaw bhala gustifikazzjoni ghat-thassir tal-access li gew immarkati bhala Dok AA1. Dawn ikunu inghaddew mill-konvenut.*

*Gie presentat ukoll Dok AA2 li huwa prospett tas-seduti li gew kancellati u raguni tal-istess. Jirrizulta li minn Lulju 2013 sa Jannar 2014 kien hemm 17-il darba fejn il-vista giet ikkancellata mill-omm u 5 darbiet meta gew ikkancellati ghax it-tifla kienet marida.*

*2.8. Permezz ta' Nota datata 15 ta' Marzu 2017, l-attriċi preżentat l-**Affidavit** tagħha.*[65] *In suċċint hija xehdet is-segwenti:*

*Hija spjegat li iltaqaw sittax-il sena ilu wara li damu għarejjes sitt snin. Iżżewġu fit-18 ta' Ġunju 2006. Mill-bidu Dkien għajjur u kienu jiġġieldu fuq hekk. Kien iqisilha kull pass, imaqdarha, jgħħajjarha u jwaqqaha għaċ-ċajt. Id-dar li kienu joqgħodu fiha wirita Diżda kien ħa loan, qabel iżżewiġna ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltin sabiex jirranġa. Filfatt kien jgħajjarha li ma għandha xejn. Fid-dar għamlet diversi spejjeż u l-affarijiet ta' ġewwa kollha. L-irċevuti mhux qegħdin kollha għandha pero' uhud minnhom ħallietom id-dar għax kienet kostretta titlaq mid-dar. Hemm uħud mill-irċevuti li preżentat fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015. L-għamara fid-dar għamlita hi inkluż il-bibien kollha.*

*Għall-bidu għamlu sentejn joqgħodu għand omm Du wara marru joqgħodu fid-dar matrimonjali XXX. Meta kienu jgħixu ma ommu kollox kien isir li tgħid*

---

[65] Fol 593-598. Dan l-affidavit jinsab ukoll esebit a fol 723-729.

*ommu, kemm f'dak li tagħmel hi u kif ukoll fl-affarijiet ta' bejnietom. Baqgħu jgħixu ma ommu sakemm it-tarbija kellha sitt xhur.*

*Fil-bidu taż-żwieġ kienet taħdem ġo fabbrika Baxter u kellha tieqaf meta kien ħa jkolla t-tifla. Kellha problemi fit-tqala. Kellha tieqaf mix-xogħol għax żewġha hekk xtaq iżda hi ma riditx tieqaf. Hija xtaqet taħdem minħabba d-dejn. Kien hemm id-dejn li ħa qabel iż-żwieġ u fiż-żwieġ ġiegħela tneħħi l-karozza li kienet tagħha qabel iż-żwieġ biex tagħtiha lill-missieru. Meta tat il-karozza hu daħħal Peugeot u reġa nehhiha biex idaħħal karozza oħra tal-Japan. Din umbagħad biegħha bi ftit flus u xtara Subaru. Dan kollu għamel id-dejn fuqu. Minflok inaqsu id-dejn kien jara kif izidu. Fl-aħħar spiċċa wkoll xtara dgħajsa speedboat bid-dejn. Kull ma għandhom fiz-zwieġ għadu bid-dejn ħlief l-għamara ta' ġewwa. Sakemm telqet mid-dar kien hemm madwar LM 10,000 dejn kemm fuq dgħajsa kif ukoll fuq karozza li xtara. Lil Ddejjem tiftakru jaħdem bħala clerk il-Freeport u għadu jaħdem hemm sal-lum.*

*Meta telqu mid-dar ta' ommu ħaditha bi kbira ħafna u ma baqgħetx tħalli llill-Dbi kwietu u ppretendiet li jibqa magħha. Kienet tindaħal ħafna u anke biex noħorġu kien jitloba permess. Kienet iċċempilli ta' sikwit u b'ċertu ton ta' kmand tordnala tmur għandha. Anke biex tmur għand ommha tixhed li riedet titlob permess. Biex tagħmel il-qadi tispjega li kienet titlob permess mingħand żewġha biex toħroġ il-karozza mill-garage. Il-Jeep dejjem kien isuqha hu. Ommu kienet iċemplilha ta' spiss biex twassala.*

*Tispjega li żewġha refa idejh fuqa diversi drabi anke minħabba l-aġir ta ommu wara ħafna argumenti. Wara li twieldet it-tifla bdiet taħdem tliet siegħat kuljum ma anzjana. Żewġha kien jopponi li tmur iżda din id-darba kienet taħdem bil-barka t'ommu. Darba għall-ħabta ta' Frar 2010 fettilu baqa jinsisti li ma jmurx ix-xogħol u wara li oġġezjonat waddbila bott tal-isprite mimli. It-tifla kienet fuqa u għall-ftit ma laqatix. Kienet qabdet il-karozza u marret għand missiera. Il-ġenituri tagħha kkonvinċewa tmur lura iżda l-għada baqgħu l-istess jargumentaw fuq ix-xogħol. Kull darba li jiġġieldu kienet tiġi mgħajjar u kien joffendiha. Kienet damet taħdem tlett xhur biss. Żewġha kien joħroġ ħafna u hi kienet issajrlu fejn hu kien jippretendi li tiekol miegħu. It-tifla kienet tkun dejjem magħha salv għal dawk it-tlett siegħat.*

*Lejn Marzu 2010 bdiet taqbada depression u marret għand il-psikjatra David Cassar ma missiera u ABf. Il-psikjatra qalilha biex l-arma li kellu żewġha ma tafdahilux u kellu joħoda missiera. Il-psikjatra qalilhom li ma jistgħux joqgħodu flimkien għalissa għax it-tnejn kellhom bżonn il-mistrieħ. Hi marret tgħix għand missierha u hu mar għand ommu. Min hemm beda jipprova jaħkem lit-tifla u cioe' ried jikkmanda il-ħin li toqgħod magħha. Wara ħmistax irritornat id-dar iżda baqa l-istess. Hu ried jibqa' magħha u ma jmurx għax-xogħol u beda jerfa idejh fuqa. Darba kien tagħha daqqa ta' ponn anke quddiem il-ġenituri tiegħu u zijuh. Darba oħra gidmila imneħira u kaxkara tul*

*il-kamra għal fuq is-sodda. Kien ċempel lill-ommu li ġiet timsaħlu demm u tispjega li għalkemm xtaqet tirraporta hi Ba u heddita li toħdilha t-tifla. Darba ommu kienet qalet ukoll li Dgħandu isib oħra għax riedet trabbi it-tifla hi. Tixhed li flus ma kienx itiha salv EUR 50 fil-ġimgħa għaliha u dan għat-tifla. Kien hemm zmien li kien jimponi relazzjoni sesswali.*

*Fl-20 ta' Gunju 2010 ma riedtx imur għax xogħol, fejn kien ilu min Marzu 2010 bis-sick leave. Hi kienet tħeġġu biex imur. Huwa qalilha li sejjer għand it-tabib u ma riditx tmur miegħu izda marret xorta. It-tabib kien qallu li ma għandu xejn u wara għand il-ġenituri tiegħu żewġha qal li għandu depression. Hija ħarġet il-festa ta' san Nikola m'ommu u x'ħin waslet id-dar żewġha qabad jgħajjarha mix-xejn u rema curkett. Hija riedet tiehu xi affarijiet izda hu irrifjuta u harget b'xejn hlief bit-tifla. Meta kienet il-festa kellha tmur fil-kamra baxxa u fil-pjazza qabad jerfa idejh fuqa ghax kienet qed tkellem lill-wiehed. Kien hadilha t-tifla bil-forza. Hija marret l-ghassa u marret shelter Ghabex fejn ghamlet tlett xhur. Kien beda jcemplilha u ma riedtx itiha access fejn ghamlet tlett xhur ma tarahix. Wara dawk it-tlett xhur marret ghand missiera u xorta baqa jghajjarha izda bdiet tara lit-tifla bi ftiehem mieghu.*

*It-tifla illum il-gurnata tghix ma ommu u missieru li ghandhom eta' avvanzata u zijuh li hu qassis u ghandu 75 sena. It-tifla kemm il-darba rata ma nies barranin. Tirreferi ukoll ghall-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li jindikaw li omm Duzat l-influwenza taghha mhux biss fuq Dizda anke biex it-tifla titkellem b'certu mod. Hija tghid li fil-frattempt Dbeda diversi relazzjoni. Tixhed li fiz-zwieg qatt ma kellha relazzjoni ohra izda Dkien jaghmel min kollox biex hi tfittex il-kumpanija ta' haddiehor sabiex hu jkollu kull skuza biex jiffrekwenta nisa ohra. Hu rida tizbalja biex tiggustifika l-izball tieghu.*

*2.9. **Seduta fit-12 ta' Jannar 2015** fliema seduta xehdet **l-attriċi viva voce:**[66]*

*L-attrici xehdet li fiz-zwieg kellhom vettura Toyota Spazio XXX li biegha l-intimat. Hija esebit ritratt (Dok BZ1) li ittiehed gimgha qabel ma partatha ma vettura ohra. Ipprezentat ukoll Dok BZ 2 li juri kemm kienet tiswa dak iz-zmien u cioe' €7,500. Dan id-dokument gie rilaxxat mill-MelitaUnipol Insurance Agency Ltd.*[67]

*Dok BZ3 juri l-vettura li maghha giet tpartita l-vettura mad-dealer Gabba Audo Dealer ghall-prezz ta' madwar elfejn ewro. Hija xehdet li mal-vettura zewgha ha is-somma ta' elfejn ewro. Tghid li f-atti tal-kawza hemm recording dwar dan it-tpartit u hemm sekwestru ukoll.*[68]

[66] Fol 628-629
[67] Dan id-dokument ma hux iffirmat izda sempliciment hemm timbre tal-Agenzija u jinsab a fol 631.
[68] Dok BZ 3 juri ritratt ta' karozza sewda Subaru XXX.

*Hija xehdet li fiz-zwieg kellhom ukoll dghajsa li ghada ghand zewga. Kellha kabina pero ma ghandhix dettalji taghha. Kienet inxtrat mill-Mecca u kellha zewg magni fuq wara. Din inxtrat ghall-prezz ta' madwar €9,000 ghax kienet marret mieghu meta inxtrat.*

*Hija prezentat Dok BZ 4 li juri l-ispejjez li saru fil-post u li saru fiz-zwieg. Din hija invoice datata 2 ta' Mejju 2008 a fol 633-634 ghall-ammont ta' €1169.51 minn Emanuel Tanti ghall-xoghlijiet fuq gallariji u twieqi. Ghalkemm hija invoice, hemm miktub il-kelma 'paid' u hija ndirizzata lill-ABf. Fit-tieni pagna hemm invoice ohra datata 1 ta' Lulju 2010 ghall-puggaman tal-hadid li kien jammonta ghall-€740. Fuq din l-ircevuta hemm miktub li thallset biss is-somma ta' €600, bil-bilanc ta' €140 ghadu pendenti. Il-puggaman kien ordnat fit-2009.*

*Dok BZ5 hija ircevuta ta' spare bedroom li nxtrat fiz-zwieg. Din l-ircevuta hija minn Paul Target u iggib id-data 15 ta' Mejju 2008 f'isem D B ghas-somma ta' €1220. Jidher li thallas deposit ta' €100 u kien fadal is-somma ta' €1120 pendenti.*

*Dok BZ6 a fol 635 juri spejjez li saru fiz-zwieg dwar miljoramenti. Din hija invoice lill J B Siggiewi ghax-xoghol fuq bibien u twieqi. Minkejja li hija invoice hemm miktub li kienet paid in full fis-somma ta' LM 100 (5/7/07), LM 400 (7/3/08) u LM 230 (28/11/2008).*

*Dok BZ7 a fol 636 juri oggetti mixtrija fiz-zwieg minn World Marketing li jinsabu fil-pussess tal-intimat. Din hija ircevuta f'isem Ms AI fejn fit- 2 ta' Novembru 2005 kienet xtrat affarijiet tad-dar fl-ammont ta' LM 69 filwaqt li 5 ta' Dicembru 2003 kienet xtrat affarijiet li jammontaw ghall-LM 290.*

*Dok BZ8 a fol 637 juri xoghlijiet tal-aluminium li saru fid-dar. Din hija indirizzata lill-DB u hija dwar xoghol ta' PVC mill-Finestral fl-ammont ta' €6988.12 u iggib id-data 2 ta' Lulju 2007. A fol 638 giet esebita l-vat receipt.*

*Dok BZ9: juri l-ghamara ordnata ghand it-Tikams li inxtrat fiz-zwieg li hija fil-pussess tal-intimat. Din hija invoice datata 24 ta' Jannar 2008 indirizzata lill-AI ghall-ghamara li kienet tiswa €1626.80. a Fol 640 jirrizulta li thallset is-somma ta' €232.92 bhala deposit fis-6 ta' Frar 2006, a fol 641 thallset is-somma ta' €163.06 fis-17 ta' Marzu 2006, a fol 642 thallset is-somma ta' €163.06 fit-12 ta' Mejju 2006, a fol 643 thallset is-somma ta' €163.06 fl-4 ta' Awissu 2006, a fol 644 thallset is-somma ta' €139.76 fis-17 ta' Ottubru 2006, a fol 645 thallset is-somma ta' €116.47 fit-18 ta' Dicembru 2006, a fol 646 thallset is-somma ta' €186.35 fit-2 ta' Marzu 2007 u a fol 647 thallset is-somma ta' €462.10 fit-24 ta' Awissu 2007.*

*Dok BZ10: juri prezz tal-ghamara tal-kcina u l-kamra tas-sodda. Dawn id-dokumenti misjuba a fol 648- 654 juri inkartament indirizzat lill-AB datat 14*

*ta' Novembru 2007 dwar xoghol ta' injam. Il-prezz miftiehem kien ta' LM 750 pagabbli fl-ammont ta' LM 250 mal-order u l-bilanc mad-delivery li kien skedat ghall-ahhar ta' Marzu 2008. Hemm ukoll dettalji dwar l-il-kcina u l-kuntratt ta' xoghol li jinsab a fol 653-654 datat 27 ta' Dicembru 2006 iffirmat miz-zewg partijiet fejn il-prezz miftiehem kien ta' LM 5400.*

*Dok BZ 11 juri prezz ta' madum imwahhal fil-post tal-intimat. Din hija kopja ta' ircevuta min Joe Abela Tile layer ghas-somma ta' LM 523.85 li ma iggib l-ebda data a fol 656. A fol 657 hemm xoghol iehor maghmul u ggib id-data l-1 ta' Frar 2008 ghas-somma ta' LM 633. Din l-ircevuta ma hija indirizzata il-hadd izda hemm miktub biss il-kelma Siggiewi.*

*Hija xehdet li hemm affarijiet ohra li ma ghandhix ircevuti taghhom bhal per ezempju purtieri tal-kamra tas-sodda li kienu jiswew LM 200, purtieri tal-kmamar l-ohra, frames mal-hajt li uhud minnhom ghamlitom hi bil-cross-stitch u mobbli ohra. L-ghamara li semmiet illum tinsab fil-pussess tal-intimat.*

***Fis-Seduta tat-3 ta' Mejju 2023*** *xehdet* ***l-attrici in kontro-ezami:***

*Hija tghid li kienet ilha xi 6 snin f'gherusija u li zewgha kien inbidel min dak li kien fil-bidu u beda jghir ghaliha. Hu kien jghir ghax kienet tohrog mat-tifla u tmur ghand omma u kien jisma hafna min ommu. Hija tichad li kienet tohrog ma xi hadd iehor u tghid li kienet tmur bit-tifla ghand omma. Hija tichad li fiz-zwieg kellha relazzjoni ma F G.*

*Mistoqsija kemm ila ma tara lit-tifla tghid li min meta giet ivvinta storja tal-abbuz. Dwar is-sentenza kriminali tghid li ma hemm xejn kontriha u li kollox kien ivvintat u ma gewx emmnuti. Minn F G hija ghandha zewg titfal wara li telqet mid-dar. It-tfal twieldu xi 2012 jew 2013 u ma Dwaqfet xit-2009 jew 2010.*

*Mistoqsija jekk hija qatx pruvat tara lill-bintha f'dawn l-ahhar hmistax-il sena, hija tghid li pruvat hafna izda kienet tigi ommu l-Appogg u kien hemm hafna tfixkil. Hija tichad li qatt ma kienet prezenti ghaliha u dejjem iggieldet ghat-tifla. Hija ma tafx xinhi sitwazzjoni prezenti dwar l-access. Tghid li dejjem kellha interess biex tara lit-tifla izda zewgha ghamel min kollox biex dan ma jsirx.*

*Mistoqsija jekk tibghatx birthday cards, hija tghid li dawn kienu jitqattghu izda kienet tibghatom. Tgħid li l-konvenut messu ċempel ghax it-tifla qed tghix mieghu u meta tata card qattaha. Tghid li lanqas izzid lit-tifla bhala hbieb fuq facebook ma jhalliha ahseb u ara kemm tibghatila affarijiet. Hija ma tigix informata lanqas bl-informazzjoni fuq it-tifla. Hija ma tibghatilix messaggi ghax qas biss ghandha numru taghha iżda ma pruvatx titlob ghal-dan in-numru u l-konvenut ma tahx lanqas. Gil-precett kienet ghamlet kuntatt u kienet prezenti u darba kienet saret taf li qeghda l-isptar u ikkuntatjatu izda il-bqija*

*ma semghet xejn minghandu. Dkien biddel in-numru u ma kellhix kuntatt mieghu. Mistoqsija dwar manteniment tat-tifla, hija tghid li qatt ma hallset.*

*Hija tichad li l-affarijiet li inxtraw bhal dghajsa u post inxtraw bl-ghajnuna tal-familja ta' ABf. Hija kienet xtrat affarijiet ta' gewwa bhal ghamara u madum u kien hemm aktar affarijiet. Rigward id-dejn li kien hemm, dan kien fuq isem Du ma tafx jekk issa thallasx jew le. Id-dejn kien fuq id-dar biex jirranga u dar kien wirita.*

*Mistoqsija dwar l-abbuz, hija tghid li darba kien gidmila imnehira, jghajjarha hoxna, waddbila l-flixkien. Hija tahseb li kien hemm rapporti fuq dan izda gieli kienet toqghod lura. Ma tiftakarx jekk ittiehdux passi kontra zewggha. Ma tiftakarx lanqas li huwa kien tressaq u gie lliberat. Hija tichad li l-psikjatra David Cassar kien qalilha biex ma tarax lit-tifla. Hu kien qal lill-missierha biex ma jzommx senter id-dar.*

*Mistoqsija dwar F G, hija tghid li kienet tafu izda tichad li kienet involuta miegħu fiz-zwieg. Tghid li kienet marret l-ghassa weheda u kienu baghtu ghall-G. Kien hemm argument ghax hija kienet iltaqat ma F G u ma hutu il-festa.*

*Mistoqsija jekk kienitx pregnant f'Jannar 2011, tghid li jista jkun. Hija tghid li mhux certa meta kienet il-festa jekk hux fit-2009 jew 2010 izda jistghu jigu vverifikati mir-rapporti. Suggerit lilha li zewgha ma kienx jghajjarha tghid li mhux minnu. L-Ghabex ma kienx jurini lit-tifla u qatt ma gabila. Dun Q gieli gie ghandhom id-dar.*

*Hija tghid li ma tahdimx u tghix bir-relief. Dan qieghed fuqa imma tpoggihom fil-kont ta' missiera biex thallas ghall-affarijiet. Wara tghid li dawn huma affarijiet personali u r-raguni ghalfejn jintefghu f'dan il-kont hi tafhom. Hija tichad li taghmel xoghol minghajr ktieb jew li taghmel xoghol ta' helper Had-Dingli. Hija tghix biss bir-relief.*

*2.10. **Seduta fit-27 ta' Novembru 2015** fliema seduta xehdet **F Visanich in rapprezentanza tal-Malta Freeport:***

*Huwa prezenta l-FS3 tal-konvenut mis-sena 2011 sas-sena 2014 (Dok JV4 FS3 2014 fejn jidher li l-paga gross kienet €19,644.04, Dok JV 3 FS3 2013 fejn jidher li l-paga gross kienet €23,242.92, Dok JV 2 FS3 2012 fejn jidher li l-paga gross kienet €16,660.39 u Dok JV 1 FS3 2011 fejn jidher li l-paga gross kienet €21,170.70).*

*Huwa prezenta Dok JV 5 li hija payslip minn Ottubru sa Novembru 2015 fejn jirrizzulta li l-paga netta hija ta' LM 451.78.*

*Gie prezentat ukoll l-ahhar payslip tas-sena 2014 (Dicembru- ghall-gimghatejn) immarkata bhala Dok JV 9 (paga netta ghall-gimghatejn € 400.54), Dok JV 8 (Dicembru 2013 €738.19), Dok JV 7 (Dicembru 2012 paga netta ghall-gimghatejn €378.72), Dok JV 6 (Dicembru 2011 paga netta ghall-gimghatejn €614.10.*

*Ix-xhud iddikjara li mid-dokumenti jirrizultaw kwalunkwe overtime, bonuses u allowances. Il-paga bazika tieghu prezentement hija ta' €355.86 fil-gimgha.*

*2.11.* ***Seduta fit-29 ta' Jannar 2016*** *fliema seduta xehdu:*

***- Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank plc:***

*Hija presentat kuntratt ta' self datat 20 ta' Dicembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Pamela Mifsud Bonnici li gie mmarkat bhala Dok JB1 (a fol 681-685). Dan huwa kuntratt iffirmat mill-konvenut mal-bank fejn huwa isselef is-somma ta' LM 25,000 biex jutilizza ghall-kostruzzjoni u sabiex titlesta l-propjeta.*

*Hija presentat ukoll statement mill-1 ta' Jannar 2010 'il quddiem immarkati bhala Dok JB 2. Minn dawn l-istatements jirrizulta li ghall-loan indikat f'JB 1 kont numru 40013820282 thallset is-somma ta' €4769.07 mit-18 ta' Novembru 2010 sal-20 ta' Jannar 2016 fol 686-691.*

*Ix-xhud obbligat ruhha li fis-seduta li jmiss ggib maghha statements minn Jannar 2006 sa Jannar 2010.*

*-* ***Xehed il-konvenut in subizzjoni*** *fejn huwa kkonferma li zzewgu fit-18 ta' Gunju 2006. Fi zmien li huwa ha il-loan mal-BOV kien jahdem. Huwa qatt ma waqaf jahdem ghalkemm kellu injury ghall-aktar minn sena u kien jiehu biss il-beneficcji tal-gvern f'dak il-perjodu. Huwa ma tilifx l-impjieg tieghu. F'dik is-sena baqa jhallas il-loans u qata wahda mil-loans.*

*2.12.* ***Seduta fit-3 ta' Marzu 2016*** *fliema seduta regghet xehdet* **Johanna Bartolo** *in rapprezentanza tal-BOV.*

*Hija presentat statements dwar home loan tal-konvenut minn Jannar 2006 sa Jannar 2010, liema loan ghadu miftuh. Dawn l-istatements gew immarkati bhala Dok JB 3 (a fol 694-698) kont numru 4001382028-2. Mis-16 ta' Jannar 2006 sat-18 ta' Ottubru 2010*[69] *thallset is-somma ta' LM 12,063.59 u EUR 4307.89.*

*2.13* ***Seduta fis-7 ta' Lulju 2016*** *fejn l-attriċi tramite l-konsulent legali tagħha ddikjarat li nqatgħu s-sentenzi fil-konfront ta' F G li fihom l-istess Qrati filwaqt li lliberawh min kull akkuza, jirrizulta b'mod ċar minn*

[69] Ittiehdet din id-data sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni stante li dan l-istess kont ta' Dok JB1

*osservazzjonijiet li għamlu l-Qrati kif il-minuri CB ġiet immanipulata. Għalhekk ser jiġu preżentati s-sentenzi permezz ta' nota.*

*2.14* ***Seduta fil-15 ta' Marzu 2017*** *fliema seduta xehdu:*

*-* ***Dr Robert Vassallo*** *in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Bastimenti Żgħar u tar-Reġistru tal-Bandiera Malija:*

*Huwa xehed li fir-reġistru tal-bandiera maltija ma irriżulta xejn fuq isem DB filwaqt li l-konvenut kien is-sid reġistrat tad-dgħajsa bin-numru S10692 li ġiet f'ismu fil-15 ta' April 2008 u ġiet trasferita lil terzi u cioe' lill-R P fit-30 ta' Settembru 2009. Fuq prezz huwa ma jkunx jaf. Huwa preżenta dokumentazzjoni tal-istess.*

*Dok RV 1 juri meta l-intimat xtara dghajsa u magna u cioe' fil-15 ta' April 2008 (fol 711)*

*Dok RV 3 juri meta ġiet trasferita magna oħra fuq ismu fid-9 ta' Marzu 2009*

*Dok RV 6 juri li l-konvenut biegħ id-dgħajsa u żewġ magni fit-30 ta' Settembru 2009 (fol 717)*

*-* ***Stephen Cachia*** *in rappreżentanza ta' Transport Malta:*

*Jirriżulta li l-konvenut għandu vettura waħda u preżenta dokumenti immarkat bħala Dok SC1 (fol 718) u cioe' il-vettura Maruti CBN 606. Kien hemm vettura oħra li ġiet scrappjata fil-5 ta' Lulju 2001 (Dacia JAT 245). Huwa ma għamilx riċerki fuq vetturi fil-passat iżda jobbliga ruħu li ser jagħti tali informazzjoni fis-seduta li jmiss.*

*Ġie preżentat ukoll l-Affidavit tal-attriċi waqt is-seduta li kif rilevat kien diġa preżentat preċedentement.*

*2.15* ***Seduta fl-4 ta' April 2017*** *fliema seduta xehdet* ***Karen Cremona*** *in rappreżentanza ta' Transport Malta:*

*Hija esebit Dok KC 1 li juri vetturi passati tal-intimat.*[70] *Bhala dipartiment huma jkunu infurmati biss jekk hemmx dejn mad-dealer pero biex vettura tigi trasferiti trid tigi imhallsa u hija preżentat dokument ta' kanċellazjoni tad-dejn. Jekk ikun hemm loan mal-bank id-dipartiment ma jkunx jaf bih.*

*Dr Claudio B irrileva li ghas-seduta tal-lum ingunga wkoll lill-Nikol Chetcuti bhala rapprezentant ta' Mekka Enterprises li ma derx u se jirregola ruhu.*

*2.16* ***Seduta 23 ta' Jannar 2018*** *fliema seduta xehed* ***l-intimat in subizzjoni:***

---

[70] A fol 731 LIoek Vectra mit-2004 sat-2005, Peugeot min Dicembru 2004 sa Novembru 2008, Toyota Spacio minn Novembru 2009 sa Dicembru 2010, Toyota E-EP81 min Jannar 02 sa Mejju 2006 u 3 vetturi garaxxjati Ford Escort, Peugeot 406 u Vauxhall Nova

*Huwa kkonferma li fiz-zwieg kien hemm dghajsa izda ma jafx meta inxtrat. Kienu ilhom mizzewgin sena zgur. Dghajsa wahda kien hemm tal-fibre glass mutur out-board. Kellha mutur wiehed. Huwa hallas il-loan wahdu fuqha u ghada ghandu u fuq ismu. Hi registrata bhala MFC pero' n-numru ma jafux u ghadu juza. Jekk ikollha hsara isewwiha. Ma saru l-ebda trasferimenti fuq id-dghajsa ghax meta harguha harget mill-ewwel MFC bhala registrazzjoni. Id-dghajsa xtrawa gdida minghand il-MECCA u ma jafx kemm inxtrat.*

*2.17 **Seduta 2 ta' Mejju 2019** fliema seduta xehed **l-intimat in subizzjoni***

*Xehed li fiż-żwieġ xtraw dgħajsa. Huwa ma xtara l-ebda muturi apparti din id-dgħajsa. Din kellha magna imwaħħla magħha. Il-mutur tagħha kien Tuhatsu u dghajsa kienet Marino- 14/15 feet. Id-dghajsa ghada ghandiu. Muri dokument dwar transfer tad-dghajsa f'isem R P a fol 717, jghid li dan ma jirreferix ghad-dghajsa Marino li ghadu kemm xehed dwarha imma fuq dghajsa li kellu qabel iz-zwieg inbieghet biex tinxtara l-Marino li semma. Mis-sena 2009 sal-lum ghaddew kwazi 10 snin u il-dan P ma niftakrux.*

*Id-dghajsa Marino bil-mutur jidirlu li nxtrat ghas-somma ta' €11,000 pero mhux cert fuq l-ammont u tintuza minnu biss. Hemm sekwestru fuqha li sar mill-attrici. Il-Mutur Yamaha li ssema fid-dokument esebit a fol 716 kien mad-dghajsa l-ohra li biegh. Id-dghajsa Marino hi MFC imma n-numri ma niftakaromx u hi registrata mal-fisheries. Din inxtrat minghand il-Mecca. Ma jafx l-indirzz ta' fejn hi d-dghajsa Marino bhalissa ghax mhux mad-dar izda lokalita' hija Siggiewi. Sakemm kienu ghadom flimkien kienu juzawa hu u l-mara imbaghad beda juzaha wahdu.*

*Dr B jirrileva li ħarrek lill-R P iżda baqa ma dehrx.*

*2.18 Nota attrici 20 ta' Ġunju 2019 fliema nota hija ddikjarat li ma ghandhix aktar provi x'tipproduci b'dan li tirriserva dritt li titlob hatra ta' perit tekniku sabiex jivvaluta l-oggeti li huma tal-komunjoni tal-akkwisti/ xoghol iehor li sar mill-esponenti fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti waqt iz-zwieg.*

## *3. PROVI TAL-KONVENUT*

*3.1 Flimkien mar-risposta ġuramentata tal-konvenut ġie ppreżentat l-Affidavit ta' **H I**[71]**:***

*Is-Sur I huwa missier l-attriċi. Dan l-Affidavit ġie maħluf fit-26 ta' Lulju 2010. In suċċint huwa xehed kif huwa jaf li f'dawn l-aħħar xhur bintu u Dkellhom problemi minhabba li bintu bdiet relazzjoni extra-maritali mal-ex boyfriend tagħha F G. Dan jafu kemm min AB B u kif ukoll minn bintu. Huwa jghid li*

[71] Fol 25-27

*kkonferma dan ukoll ma G meta affecjah u qallu li ma ghandux xi irid il-bintu. Hu induna b'din ir-relazzjoni ghal habta ta' Marzu 2010 izda ma kienx cert. Dak iz-zmien bintu bdiet turi sinjali ta' depressjoni u hada ghand Dr David Cassar li ccertifika l-istess. Huwa qalilha li jekk hadd min tal-familja ma jista jiehu hsiebha, ser jiccertifika ghal Mount Carmel. Huwa hada d-dar u bintu u Dmarru ghand il-family therapist Dr Charles Azzopardi u konsegwentement bdew imorru ghand il-psikjatra Dr George Debono.*

*Huwa jixhed li meta kienet id-dar hu induna li kienet qed tikkomunika regolarment ma G u din dejqitu hafna. Wara telqet mid-dar u marret lura ghand Du jghid li bintu dejjem cahdet ir-relazzjoni. Huwa ma emminx ghax kien jaf li ghada tikkomunika mieghu bit-telefon. Jghid li meta marret id-dar, bintu xorta baqghet turi sinjali ta' depressjoni, tant li kienet iddum granet fis-sodda, tittraskura it-tifla, lilha nfisha u d-dar. Huwa jixhed li meta mar ikellima d-dar hija ammettiet li kienet tohrog ma F G u dan lejn l-ahhar ta' Marzu 2010.*

*Huwa jghid li mhux minnu li Dqatt refa idejh fuq bintu u li din qatt ma ilmentat fuq dan mieghu jew ma membri tal-familja tieghu u huwa qatt ma raw xi grief jew tbengiel fuq persuntha. Bintu u Dkienu jigu ta' spiss ghandu bejn Marzu u Lulju u ma kien hemm l-ebda sinjali ta' vjolenza. Huwa jghid li din hija biss skuza tar-relazzjoni ma G. Huwa ma jafx lanqas li Dqatt sakkar lil Aid-dar peress li dejjem kellha cavetta tad-dar u karozza. Huwa ma jistghax jifhem kif qed tghid hekk meta kienet libera li tohrog u filfatt kienet tmur tiltaqa ma G.*

*Huwa jixhed li minkejja li weghditu li mhux ser tibqa' ma G, xorta baqghet mieghu bil-mohbi ta' kulhadd u dan wara li zewgha kien hafrilha. Imbaghad fl-20 ta' Gunju 2010 huwa ircieva telefonata minghand Dfl-10.30pm li qabad lil Au F G fil-pjazza. Huwa jghid li r-rapport huwa kollu teatrin ghax malli huwa wasal l-ghassa sab lil- G u lil bintu jitkellmu u meta affacja lil-G u qallu li farrak familja, huwa beda jghannaq lil-A u pogga idejh fuq il-warrani taghha. Huwa ma jistghax jacceta li bintu tallega il-falz meta Ddejjem wera rispett u t-tifla ma ghandhix titrabba f'ambjent mhux xieraq. Huwa jaf li bintu qeghda l-Ghabex u qed tiltaqa kuljum ma F G kif qallu hu stess fejn qalulu li jmorru l-bahar kuljum. Huwa jaf ukoll wara li darba ghamlila l-ghassa Bormla li F G ghandu flat u raha hierga min hemm.*

*3.2 Fis-seduta tat-21 ta' Ottubru 2011 intalab differiment mill-attriċi u l-konvenut irrileva li l-atriċi mhux qed tidher għax trid taħbi t-tqala tagħha minn F G liema tarbija għandha titwieled f'Jannar 2012 u għalhekk ma tagħmilx sens li jekk hawn il-ġenituri tal-attriċi biex jixhdu dawn ma jixhdux.*

*3.3 Xhieda ta'* **D Antoncich,** *co-ordinatur mal-Agenzija Appogg fit-13 ta' April 2012:*[72]

*Ix-xhud prezenta rapport li sar fil-passat. Ix-xoghol tieghu kien f'zewg okkazjonijiet differenti fejn iltaqaw mal-minuri l-ghassa u tkellmu maghha. It-tifla qalet illi waqt li kienet id-dar ta' certu wiehed F, li saru jafu li hu s-sur G, hi kienet bil-wieqfa fuq siggu tal-pranzu. Dan nezzala l-qalziet tat-tracksuit u l-qalziet ta' taht, messha fil-parti genitali taghha li hi tirreferi ghaliha bhala l-patata. Hija semmiet li ommha kienet prezenti u ma ghamlet xejn izda tellatilha l-qalziet. Hija semmiet li F ghamel hekk wara li kienet tiltaqa ma U li kienet taghmel supervision, liema access kien waqaf fis-19 ta' Jannar.*

*Ix-xhud qal li ilu f'dan ix-xoghol 5 snin u meta mistoqsi jekk it-tifla hijiex brainwashed, hu qal li t-tifla tant hi zghira (4 snin) li facli tigi influewenzata. Pero' hija bdiet taghti certu dettalji zghar u uriet distinzjoni bejn id-dar ta' Fny u dik ta' missiera. Qalula tirrepeti l-verzjoni taghha u l-verzjoni kienet l-istess u perfetta. Mistoqsi jekk jistghax jghallimilek xi hadd din l-istorju, huwa qal li generalment dawn jergghu jibdew l-istorja mill-bidu fejn din ma ghamlitx hekk u kienet kapaci tispjega u tghid x'gara.*

*Huwa qal li t-tifla qalet li ddejqet mhux li wegghet u li huwa ma rax evidenza medika ghax kien hemm biex jassisti spettur. Fuq missiera qalet affarijiet posittivi li jhobba u jiehu hsieba u fuq omma qalet li ma thobbiex u ma riditx telabora iktar. Hawnhekk fejn kellhom ftit dubju u gabru dak li gara fl-access fejn deher li kienet inbniet relazzjoni mal-omm. Kien hemm zmien fejn l-omm ma baqghetx tmur ghall-access ghax kienet tqila u kellha bzonn tmur l-isptar. Huwa prezenta rapport immarkat bhala Dok AL1.*

*In kontro-ezami huwa kkonferma li t-tifla qalet li l-omm kienet prezenti u li kien hemm tfal ohra tas-sur G. It-tifla ma qalitx li hi ma thobbx lill-omma imma li ommha ma thobbiex. Huma ma baghtux ghall-omm ghax qed jassistu lill-pulizija. Gie mistoqsi jekk semghetx CD fejn missier u familjari tieghu qed ikellmu lit-tifla u hu qal li l-missier qal li kellu recordings imma ma kienx l-irwol tieghu li jisma CD's. Meta tkellmu mat-tifla fl-ewwel istanza kien hemm il-missier prezenti izda ma intervjenewx sakemm it-tifla hassita komda umbaghad telaq. Meta l-ewwel tkellmet fuq l-abbuz missierha kien prezenti izda t-tieni darba ma kienx.*

*In ri-ezami, ix-xhud gie riferut ghall-pagna tlieta fejn il-psikologa Louise Eminyan kienet tal-fehma li l-minuri V G mhux xhieda kredibbli u l-haddiema socjali kienu inkwetati li diversi tfal allegaw diversi drabi li soffrew abbuz sesswali mis-sur G fejn huwa kkonferma l-istess. Is-Sur G ghandu 4/5 titfal, wahda V, L, W u AB. It-tifla V allegat abbuz u l-psikologa minhabba l-inkonsistenza taghha kienet qalet li mhux kredibbli.*

---

[72] Fol 180-186

*Meta semmejna li diversi tfal allegaw abbuz, ix-xhud specifika li kien qed jirreferi ghall-V u C. Hemm ukoll affarijiet ohra li kienu qed jigu investigati fosthom abbuz fiziku, swat, traskuragni tat-tfal. Il-Mara tas-sur G mejta u hu ghandu familjari li qed jiehdu hsieb it-tfal. Mill-esperjenza tieghu huwa tenna li ma kienitx rata psikologista lit-tifla C imma din dehret kredibbli u l-pulizija mexxew. Il-Pulizija mexxew anke fil-kaz ta' V izda ma jafx l-ezitu tal-kaz.*

**Dok AL1** *huwa rapport tal-Appogg dwar CB datat 13 ta' April 2012:*[73] *Dan ir-rapport ġie redatt minn Gwneth Grech u Simone Buttiġieġ, ħaddiema soċjali fi ħdan is-servizz għall-Ħarsien tat-Tfal. Huma kienu diġa għamlu interventi mal-minuri CB minħabba allegazzjoni ta' abbuż sesswali fil-konfront tas-Sur G u kienu ilhom snin involuti fil-ħajja tat-tfal tas-Sur G. Huwa jixhdu li t-tifla tas-Sur G, V G kienet ukoll allegat li missierha abbużaha sesswalment għalkemm il-psikoloġista Louisa Eminyan kienet tal-fehma li x-xhieda tagħha ma kienitx kredibbli. Madanakollu huwa xehdu li jinsabu ferm inkwetati.*

*Fir-rapport tagħhom huwa spjegat li kienu rċevew telefonata mill-ispettur li s-Sur B kien avviċina pulizija dwar l-abbuż. Huma kienu akkompanja it-tifla ġewwa l-kwartieri ġenerali u tkellmu mal-minuri. Il-konvenut ma ipparteċipax f'dawn il-konversazzjonijiet. It-tifla spjegat li waqt li tkun id-dar tas-Sur G, Fny kien pastaż magħha, neżżala l-qalziet ta' taħt tagħha u missha fil-parti ġenitali tagħha, b'subgħajh il-kbir. Hija qalet li kienet bil-wieqda filwaqt li s-Sur G kien bil-qiegħda ħdejha u ħdejn ommha li ma għamlet xejn biex twaqqfu. Ommha waa tellgħatilha l-qalziet ta' taħt u l-qalziet. Hi qalet li dan ġara wara li saret taf lill U, is-supervisor tal-aċċess li ġie tterminat fis-26 ta' Jannar, 2012 u għalhekk l-abbuż sar wara dawn id-data għax qabel is-sur G ma setgħax ikollu aċċess. Huma regħhu għamlu sessjoni oħra mal-minuri fit-26 ta' Marzu 2012 flimkien mal-ispettur u din regħet ikkonfermat l-istorja mingħajr il-presenza ta' missierha u spjegat li s-Sur G huwa partner ta' ommha, għandhom tifla u li għandu t-tfal. Hija kienet konfuża fuq kemm għandu tfal u ċertu ħin qalet li kien hemm żewġ titfal preżenti waqt l-abbuż. Meta staqsewha jekk kienitx taf lill L u Y G, hi qalet li ma tafhomx. Iddeskrivit id-dar fejn ġara l-abbuż u ddistingwiet bejn din id-dar u d-dar fejn tgħix ma missierha.*

*Ix-xhud preżenta ukoll dok ieħor immarkat bħala Dok AL 1*[74] *li huwa rapport tal-initial response service u servizz għall-ħarsien tat-tfal dwar il-minuri CB, redatt fil-4 ta' Mejju 2011 mill-istess ħaddiema soċjali li kien sar preċedentement. Dawn spjegaw li kienu preżenti meta akkompanjaw lill-pulizija biex jirritoraw lill-minuri għand il-missier wara digriet tal-Qorti. Fil-5 ta' Jannar 2011, s-Sur Q N ċempel għan-nom tan-neputi tiegħu DB fejn*

---

[73] Fol 187-191
[74] Fol 192-198

*spjega li t-tifla qed tiġi abbużata emozzjonalment min ommha u talab kopja tal-file. Huma ħeġġuh sabiex jinkoragixxi lill-konvenut biex jitlob l-għajnuna. Dakinhar il-konvenut kien ċempel u spjega li l-attriċi qed tabbuża lill-bintu emozzjonalment għax toqgħod tgħidilha kontra missierha u għalhekk ġie gwidat ikellem lill-avukat tiegħu.*

*Huma spjegaw li sussegwentement kien daħal ir-rapport dwar l-abbubż sesswali (23 ta' April 2011), aktar il-fuq deskritt u li s-Sur B kien irraporta ukoll li fit-24 ta' April, l-attriċi bdiet issegwi lilu u lit-tifla fil-karozza għax ma kienx ħa lit-tifla għall-aċċess. Huma irċevew telefonata (25 ta' April) mit-tabib Dr. Grech fejn spjega li s-Sur B allega li waqt li s-Sinjura B marret tixtri, is-Sur F G neħħa l-qalziet ta' taħt tal-minuri, u li dan allegatament sar ġewwa l-karozza. Omm il-konvenut, K B qaltlu wkoll li rat ħmura fil-parti privata tal-minuri iżda hu ma innutax l-istess u meta ħa kampjun tal-urina ma kienx hemm infezzjoni.*

*Fit-25 ta' April, il-konvenut flimkien mal-ġenituri tiegħu u l-minuri attendew l-appoġġ u l-ħaddiema soċjali tkellmu mat-tifla iżda din irrifjutat li titkellem. Il-konvenut qalilhom li martu kellhom relazzjoni adultera, li kienet tbati min dipressjoni, li kienet allegat li kien fiżikament aggressiv lejha u marret xelter iżda li dan irriżulta mhux minnu waqt il-proċeduri fil-qorti. Qal ukoll li l-omm abbandunat lill-minuri għall-erbgħa xhur, li l-omm u missierha ħatfu lill-minuri mid-dar tan-nanniet paterni u kienu aggressivi fil-konfront tan-nanniet fost oħrajn. Hu qal li t-tifla tkellmet miegħu fejn rat lis-Sur G jaqbeż fuq żaq is-Sinjura B taħt il-kutri u li G kien abbużiv fiżikament lejha. Wara li tiġi mill-aċċess, din ma kienitx turi imġieba tas-soltu u tkun irrabjata, twaddab l-oġġetti u ġieli għamlet taħta mal-art. Fit-28 ta' April 2011, huma akkompanjaw lill-minuri (flimkien ma missierha u nanniet) mal-pedjatra tal-appoġġ li ma nnutat l-ebda ħmura u rat li l-hymen u vaginal opening huma normali. Hija osservat tbenġili fuq parti ta' isfel tal-warrani viċin il-vaġina tal-minuri iżda kien diffiċli biex tiddetermina jekk dan kienx riżultat tal-abbuż sesswali.*

*Fit-29 ta' April ċemplilhom is-sur B li l-ġurnata ta' qabel il-minuri reggħet allegat abbuż sesswali min G. Huma iltaqgħu mal-minuri dakinhar stess (akkompanjata mill-missier u nanniet) u tkellmu magħha fil-presenza ta' missierha iżda talbuh ma jintervjenix. It-tifla kienet resistenti biex titkellem iżda meta missierha assigura li mhux se jghidu lill-ommha tkellmet. Hi spjegat li waqt l-aċċess tkun ma ommha u G, li ġieli kienet weħeda ma G u li dan ġieli idejjaqha fil-karozza. Meta ommha toħroġ tixtri hu ineħħila l-ħwejjeġ u l-qalziet ta' taħt u imur ħdejha fis-seat ta' wara u imissilha il-parti l-privata tagħha (kemm il-warrani u l-vaġina). Hu juża seba wieħed u qalet ukoll li ommha taf b'dan għax hu jieqaf meta terġa tiġi. Meta staqsewha dwar l-abbuż, il-minuri baqgħet konsistenti fi kliema. Fit-2 ta' Mejju huma rrapurtaw lill-Pulizija u s-Sur G tressaq fil-5 ta' Mejju 2011.*

*Fil-5 ta' Mejju 2011 l-attriċi tkellmet mal-ħaddiema soċjali u qaltilhom li għaddejha min proċeduri ta' separazzjoni u insistiet li ma kienitx f'relazzjoni ma terza persuna. Qalet ukoll li fit-2010 għamlet madwar tlett xhur ġewwa xelter. Spjegat li kienet ilha ma tara lill-bintha mit-28 ta' April u li l-missier darba qalilha li l-minuri ma tiflaħx u sussegwentement qalilha li mhux ħa tara lill-bintha sakemm jitlestew l-investigazzjonijiet. Il-ħaddiema soċjali ivverifikaw mal-ispettur li fil-5 ta' Mejju 2011, l-attriċi kienet qalet lill-pulizija li qegħda f'relazzjoni mas-Sur G. Huma regħhu tkellmu mal-omm dwar dak li qalet it-tifla u hi qalet li Fny huwa hu ħabiba tagħha u ġieli tiltaqa miegħu meta tkun mal-ħabiba. Hi qalet li kellha relazzjoni ma Fny fil-passat qabel iż-żwieġ. Dakinhar stess l-attriċi marret l-appoġġ ma missierha fejn dan qal li t-tifla qed tiġi influwenzazta min missiera dwar l-allegat abbuż. Huwa qal ukoll li waqt l-aċċess, l-omm tieħu lit-tifla l-bandli jew toqgħod id-dar isajjar u li bintu tgħix miegħu u mhux ma raġel ieħor.*

*Dwar ir-relazzjoni tal-attriċi ma G, huma rrelataw li waqt interventi oħra ta' ħaddiema soċjali, dawn ġieli raw lill-attriċi fid-dar ta' G Bormla fejn din kienet qed tnaddaf id-dar ta' G u kienet tidher involuta sew fil-ħajja ta' uliedu. It-tfal ta' G isemmu lill-attriċi ħafna u jgħidu li din tgħix magħhom.*

*3.4 Permezz ta' Nota huwa esebixxa x-***xhieda tal-minuri CB** *quddiem il-Qorti tal-Magistrati tat-8 ta' April 2013 fil-kawza Pulizija vs F G:*

*Fix-xhieda tagħha, il-minuri li kellha ħames snin xehdet li ċertu Fny li joqgħod ma omma kien missilha l-patata meta kienu fis-salott fil-presenza ta' omma, ż-żewġt t-tfal subien tiegħu u X. Xehdet li omma ma kienet tgħidlu xejn u li din ġrat tlett darbiet. Hija qalet li omma kienet tiġbora mid-dar ta' nannita u toħoda hemmhekk bil-karozza ta' omma. Kienu jkunu waħedhom fil-karozza. Fil-bidu qalet li kienet tara lill-F fil-perjodu li kienet għada l-iskola ma Ms T iżda wara tenniet li kienet tarah il-bandli. Hija xehdet li rat il-F tlett darbiet dejjem fid-dar ta' omma u ħadd ma qal xejn. Hi xehdet li missiera zgur ma jafx il-F u meta mistoqsija kif taf dan, ma setgħatx twieġeb. Hi ċaħdet li missiera ikellima fuq Fny jew juriha xi ritratti. Mistoqsija x'tgħidila n-nanna fuq F hi qalet li ma tgħid xejn. Mistqosija jekk in-nanna tkellimix fuq it-teacher jew fuq xi ħadd, hi wkoll qalet xejn. Hi ċaħdet li nannita jew missiera qalulha xi ħaġa qabel ġiet il-Qorti. Hi ċaħdet li xi ħadd qatt kellima fuq F. Waqt l-inċident ħadd ma qal xejn. Hija qalet li wara kull darba li ġara l-inċident marret tgħid il-missiera.*

*3.5 Permezz ta' Nota datata 21 ta' Jannar 2016 a fol 575-578 huwa esebixxa d-digriet ta' eżekuttivita moghtija mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza ghall-Provincja Ekklesjastika Maltija u d-decide immarkat bhalla Dok GI 1*

*fejn it-tribunal ikkonferma li l-Mara kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u inabilita li tassumi l-obbligi maritali taghha.*[75]

*3.6.* ***Seduta tal-15 ta' Jannar 2020*** *fliema seduta gew prezentati:*

*- L-Affidavit ta'* ***K B***[76]***:***

*Hija omm Du ilha taf lill-Aghall 19-il sena. Meta binha beda johrog maghha Axtaqet tghix maghhom minhabba li kienet tahdem bix-shift u kien aktar komdu. Hi u ragel ma oggezzjonawx u ghamlet hekk ghal cirka hames snin qabel iz-zwieg u sentejn ohra wara zwieg sakemm hi u Dlestew id-dar matrimonjali taghhom. Tgħid li kienet tħobba daqs binta u kienet tittratahom l-istess.*

*Wara xi tlieta/ erba snin taz-zwieg hija rrealizat li kien hemm xi inkwiet bejniethom u dan ghal habta ta' Jannar 2010 meta ftehmna ma hut zewgi biex imorru nieklu. Ghal-ewwel ma hija ma rieditx tmur tiekol magħhom imbaghad giet imma mill-attegjament taghha indunaw li hemm xi haga differenti. Fil-festa ta' San Guzepp 19 ta' Marzu 2010 riedet tohrog waheda u Dmar ifittixha. Sabha Wied iz-Zurrieq ma F G, l-ex boyfriend taghha u li wara saret taf min missierha H I li dan kien oggezjona li bintu tohrog ma G ghax kien delinkwent. Hija baqghet tinsisti imma wara xi zmien cediet u telqet mir-relazzjoni li kellha ma F G u ftit wara kienet qabdet ma binha.*

*Binha kien hada bi kbira hafna u dahal f'depressjoni minhabba li ghamlitlu martu. Hija xehdet li taf li irrangaw temporanjament u regghet marret id-dar u weghditu li mhux ha tiltaqa ma G. Meta binha kien jahdem ta' wara nofsinhar jew bil-lejl, Akienet tmur ghandhom bit-tifla u x'hin jidlam kien iwassalha zewga bil-karozza. F'daqqa wahda ma riditx li jwassalha aktar u xit-tmienja kienet tmur bil-mixi bit-tifla. Hija tixhed kif saru jafu li kienet tiltaqa ma G fit-triq u qalulha li kienet tibqa' diehla d-dar taghha mieghu. Tghid kif Abdiet tittraskura lit-tifla ghax kienet tinduna minn hwejjigha u persuntha li t-tifla mhux ikkurata kif kienet qabel ma beda l-inkwiet u mhux l-ewwel darba li haslet u biddlet lit-tifla hi.*

*Fil-festa ta' San Nikola ta' Gunju 2010 hija tixhed kif kienu l-familja kollha fil-pjazza u Amarret il-latrina. Peress li damet marret tfittixa u ssibha mghannqa ma F G. Hija qabdet tghajjat ma G u gie Dbit-tifla fil-puschair u hi hatfitlu t-tifla. Tghid kif huma hatfu lit-tifla lura u Atelqet tigri ma G. Saru jafu li marret l-Ghassa ta' Hal Qormi ghax sadanittant Dcempel il-missier AH I u flimkien marru l-Ghassa jaghmlu rapport tal-incident. Kif kienu l-ghassa iltaqghu ma Au G. H I kien hadha bi kbira li bintu kissret famillja bla ebda raguni tant li ghal xhur shah wara l-incidenti, huma flimkien ma binha*

---

[75] Id-decide biss gie prezentat.
[76] Fol 781- 782

*baqghu jiltaqghu regolarment miegħu. H sahansitra kien ghamel affidavit fejn lil binha ma ikkritikax. Tixhed li binha ittela l-Qorti u hareg illiberat.*

*Hija tixhed kif Aghamlet dan biex tghatti xturha u min ghalija twaddab il-htija tagħha, fuqa u fuq binha. Filfatt l-annulament Ekklesjastiku hareg favur binha u zwieg taghhom gie mahlul tort taghha u lilha zammewha milli terga tizzeweg bil-Knisja. Hija tirreferi ghal-Affidavit ta' Au tichad li kienet tindahlilha u iccempilla ta' spiss u dan peress li ghamlet seba snin tghix maghhom. Kienet tlestilha l-ikel u zewgha kien jiftħila l-bieb tal-garage biex tibqa' diehla.*

*Tghid li darba wara li inqala l-inkwiet ta' Marzu 2010 qabel ma regghet lura gewwa dara, Akienet marret ghand missierha H li tant iddejaq li bdiet iccempel il-G, li cempel lil Dbiex imur jigborha gha xkien ser ikecciha min daru. Hija tghid li marret ghand missierha biex tistrieh ghax Abdiet tghid li ghanda post natal depression. Binha kien jitla kuljum il-Bahrija bit-tifla ghand H biex Atara lil-bintha. Wara li missiera ried ikecciha binha mar ghaliha u hada ghandu.*

*Hija tghid kif wara xi zmien telqet mid-dar ta' binha li huma kienu ddonawlu u binha sabilha l-mobile mohbi bil-messaggi li tibghat lil G. Damet xhur l-Ghabex u missierha kien juri rabja lejn bintu u G regolarment. Tghid li f'okkazzjoni minnhom huwa stqarr maghha li Aghamlet rapport l-Ghassa ma G biex ma joqghodtx jigri warajhom u mhux darba jew tnejn qalilha li ser jibghatuh il-habs.*

*Tixhed kif Aghazlet lil ex mahbub taghha F G li minnu ghandha zewgt itfal u cahdet lil-bintha Cli qed irabbiha binha bl-ghajnuna tal-familja. Hija ilha ma tara lil bintha ghal dawn l-ahhar tlett snin minkejja li hi u binha kienu johdula t-tifla l-Appogg imma lanqas darbtejn fil-gimgha appuntament ma kienet kapaci izzomm. Dan kien qed jikkawza inkwiet u stress fuq it-tifla tant li social workers irrakomandaw u l-imhallef waqfitilha l-access.*

*Fid-dar ta' binha hija tixhed kif hemm diversi affarijiet li ghalihom hallset hi u cioe' kamra tas-sodda, salott mghammar b'kollox, studju, gradenza antika, sottospecchio u xi affarijiet ohra u li sellfuh is-somma ta' €5000 biex ilestu d-dar li hija tippretendihom lura.*

- *L-Affidavit ta'* ***Dun Q N (****fol 783)*

*Fix-xhieda tieghu huwa spjega li huwa z-ziju matern tal-konvenut. Huwa kien ikun ta' spiss ghand ohtu K ghax kienet tahsillu hwejjeg u tippreparalu ikel u ghalhekk diehel u hiereg id-dar. Jiftakar meta Dbeda johrog ma Akien jara bhala tifla sew u familja tajba u gieli hargu flimkien. Kien hemm rispett miz-zewg nahat. Huwa jixhed li l-inkwiet bejn Au neputi beda ghal habta ta'*

*Marzu 2010 u hu min naha tieghu dejjem qallu biex jahfer sabiex iz-zwieg isalva. Huwa kellem il-Au mar id-dar tal-genituri taghha. Hu u missiera pruvaw jipperswaduha li ma kellix xi trid lil F G. Huwa jsostni li dehret mill-bidu li qalbha mhux hemm u kliem kien ghalxejn. Wara din id-diskursata hu u H nizlu isfel fil-kcina fejn omm Ali inkwetat hafna meta qalulha li kollu kien ta' xejn. In-nanna ta' Akienet hemm u kienet inkwetata.*

*Huwa jixhed li jaf li hija kompliet fir-relazzjoni ma G u jaf ukoll li n-neputi applika ghall-annulament ekklesjastiku u li dan ingab bil-Vetum kontra taghha stante li hija ma kellhix il-volonta' li zzomm zwieg monogamu u ghalhekk kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u drittijiet u dmirijiet taz-zwieg oltre li hija narcissistika.*

*Huwa jixhed ukoll li l-fond fejn jghix Dkien ta' ommu u ddonatulu biex jabita fih. Hu kien ghenu biex ilesti l-fond u d-dawl, dranagg, ilma u hafna xoghol iehor ghamlu hu fil-hin liberu tieghu.*

*3.7* ***Seduta tas-27 ta' Settembru 2021*** *fliema seduta ġie preżentat* ***l-Affidavit tal-konvenut:***

*In suċċint huwa jixhed li iżżewġu fit-18 ta' Ġunju 2006 u għandhom tifla jisimha C. Damu ħames snin għarejjes fejn kienu joqgħodu għand ommu. Kienet komda għandhom u missierha kien jirrabja għax ma kienitx tmur id-dar tittawwal lill-ommha. Wara li żżewġu għall-ewwel sentejn kollox kien tajjeb u Akienet tmur tajjeb ma familtu. Wara beda l-inkwiet u riedet toħroġ waħedha, ma kienitx tirrispettah, la ssajar, la taħsel il-ħwejjeġ, la tnaddaf id-dar u ma tieħux ħsieb lit-tifla tant li din ġieli marret għand nannitha biex tieżu ħsiebha. Huwa jgħid li bdew jindunaw b'din l-imġieba stramba waqt okkazjoni tal-familja fejn ma riditx tiġi u wara ġiet izda kienet ħin kollu dieħla u ħierġa iċċempel. F'okkazjoni oħra kienu mistiednin l-Armier u kienet twarrab waħedha u ddum iċċempel. Wara xi ħin huwa kien ra l-val ta' F G javviċina l-post fejn kienu. Huwa kien jaf li dan l-ex mahbub ta' martu u li missierha ma riedux id-dar ghax kellu kondotta mahmufa. Huwa jixhed li dan G jaf min hu ghax meta beda izid l-inkwiet ma martu u bdiet tikber il-hbiberija taghha mieghu, kien ghamillu vendikazzjoni fuq il-karru tad-dghajsa tieghu fejn spiccaw involuti l-pulizija.*[77]

*Huwa jixhed kif fid-19 ta' Marzu 2010 kienet il-festa u martu riedet tohrog waheda mentri hu baqa mat-tifla. Meta sar il-hin wara li xeba icemplilha u hi ma tirrispondix, mar ifittixa u saba f'Wied iz-Zurrieq ma F G, izda hu ma avvicinahix u ma kellimix. Meta giet id-dar staqsiha fejn kienet u qaltlu li*

[77] Fol 799

*kienet ma Z. Meta cempel il-Z, din qaltlu li kienet ilha ma tara lill-A zmien twil.*[78]

*Jghid li l-kunfidenza ta' martu ma F baqghet tikber u meta kien jigi lura mix-xoghol kien isib tazzi u platti mahmuġin u qxur tad-dulliegh. Wara xi zmien bdiet tintefa fis-sodda tilghabha tal-marida u ma riditx tkellem tabib. Zijuh Dun Q pperswadiha u gie tabib Karmenu Vella. Wara xi zmien hadha ukoll ghand il-psikjatra David Cassar li qalilhom li kellha bidu ta' depression. Hu ssugerixxa li taghmel zmien tmur ghand missierha jew ukoll rrakomanda li tmur ghal kura fl-Isptar Monte Karmeli fejn hi ma riditx tmur u ghalhekk marret ghand il-genituri taghha. Zijuh qallu li mar ghand missierha biex jipperswaduha titlaq il-Fnie. Matul dan il-perjodu hu kien jiehu lit-tifla kuljum biex tara lil ommha. Huwa jaf ukoll li tul dan il-perjodu baqghet iccempel lil Fny tant li dejqet il-missierha u dan kecciha mid-dar u mar ghaliha hu. Meta dahlu fid-dar tal-genituri tieghu hi ammettiet li kienet tiltaqa' ma Fnie u hu kien hafrilha.*

*Huwa jixhed li kienu bbukjaw btala f'Ghawdex izda kienet ghada f'kuntatt ma Fnie. Wara dan ghamlu zmien imorru ghand Charles Azzopardi biex jirrangaw iz-zwieg izda kien kollu ta' xejn. Hu fittex l-ghajnuna tal-psikjatra George Debono izda anke dan qal li ma hemmx tama ghaz-zwieg. Abaqghet issib kull okkazjoni biex tiltaqa ma F. Fil-festa ta' San Filep, jixhed kif martu riedet bilfors tmur il-festa. Marret it-toilet u halliet lilu u lit-tifla xi siegha jistennewha.*

*Huwa jghid kif ftit qabel il-festa ta' San Nikola kien cempel sick izda kellu tensjoni u seta johrog iżda martu bdiet tikkonvincih jibqa' dar. Hu hekk ghamel. Hija marret il-festa mat-tifla u meta giet ommu bit-tifla qaltlu li Akienet ilha li telqet biex suppost giet id-dar. Ftit hin wara jispjega li Awaslet u marru flimkien il-pjazza. Hija marret it-toilet u wara hin konsiderevoli ommu qabdet it-tifla u marret tfittixa u sabita ma Fnie.*[79] *Jixhed kif mar hdejhom fejn ommu kienet qed tilletika ma martu u talab lill martu tmur id-dar. Hija ma riditx u qaltlu li kienet se titlaq mid-dar u talbitu tiehu tifla maghha. Hu qalilha li jekk ma tghidlux fejn sejra ma kienx ser jafda lit-tifla maghha. Minnufih hu cempel lill-missiera u qallu biex imorru l-ghassa jaghmlu rapport ta' missing person. Meta nizlu l-ghassa ta' Hal-Qormi sabu lill-Aflimkien ma Fnie jaghmlu rapport hemm. Missier Afl-ahhar qal lill-Fnie 'fl-ahhar hadtha', b'referenza ghall-bintu.*

*Huwa jixhed kif kull nhar ta' Sibt kien jigi nannu matern biex jara lit-tifla izda Aqatt ma giet. Ftit zmien wara sar jaf li kienet l-Ghabex. Hu kien ircieva tahrika kriminal fejn kien akkuzat bi vjolenza domestika fejn annetta s-sentenza li minnha huwa gie liberat. Meta kienet l-Ghabex jispjega li martu*

78 Fol 799
79 Fol 800

*talbitu tara lit-tifla u bit-tama li jirrangaw hada s-Salina. Sakemm baqghet l-Ghabex huwa jixhed li missiera kien irrabjat hafna maghha u li Au Fnie ghamlu rapport biex missiera ma jigrix warajhom.*

*Huwa jixhed kif wara sar jaf li Aharget tqila u ghamel kawza qorti biex it-tifla titnehha min ismu. Kienet regghet ukoll harget tqila. Huwa jghid li kien sab mobile phone id-dar b'messaggi bejn A, Fnie u hutu. Kien sab ukoll diversi cards ta' San Valentinu mibghuta lilha min F. Huwa esebixxa dawn bhala Dok ND 2.* [80] *Huwa esebixxa wkoll statement tal-GO fejn juri kwantita ta' telefonati li kienet qed taghmel immarkati bhala Dok ND 3.*[81] *Huwa ghamel li seta biex isalva zwieg izda ghalxejn. Jghid kif martu abbandunat lill-binthom u ilha ma tara sitt snin (fol 801). Illum it-tifla ghandha 14-il sena u barrata min qalbha. Illum il-gurnata hija ma tridtx taf b'ommha.*

*Jghid li martu kienet adultera mieghu u mhux hu adulteru ma martu kif jirrizulta mill-atti taz-zwieg kanoniku tant li ghamlulha l-Vetum li ma tistghax terga tizzeweg. Ghalhekk ghandha titlef kull sehem mil-komunjoni tal-akkwisti li setghu ghamlu fiz-zmien li kienu flimkien. Hu jghid li hu biss hadem u kull ma hemm fid-dar ghamlu hu hlief kamra tal-pranzu u xi purtieri. Dar hija parafernali tieghu u kull ma ghandu hi dghajsa li hallasa b'loan mill-BOV waqt iz-zwieg minn flusu. Jghid li martu ma ghandhix tinghata kumpens ghax kienet adultera. (fol 802).*

*3.8* ***Seduta tal-11 ta' Novembru 2021*** *fliema seduta xehdet* ***Adreana Gellel*** *in rappreżentanza tal-Aġenzija Appogg a fol 833.*

*Hija tghid li l-access ma kienx regolari bejn it-2016 sat-2018 tant li talbu l-qorti li l-access jonqos ghal-darba fil-gimgha. L-omm ma kienitx regolari ghax kellha zewg itfal zghar li kienu jkunu morda u ma kellhix ma min thallihom. Kien hemm xi darba fejn lanqas infurmatom li mhux ser tattendi. Is-psychological sercices tas-Sedqa gew infurmati bid-digriet u sar kuntatt maz-zewg genituri u Cfit-2018. C bdiet is-sessjonijiet u anke l-missier f'Novembru 2018 imma l-omm irrifjutat u ma tafx ghalfejn. Il-kaz illum il-gurnata da parti tas-Sedqa huwa magħluq. Hija esebit in-noti kollha rigward dan il-kaz flimkien mal-ahhar digriet fejn l-access gie sospiz u digriet fejn gie ordnat li l-minuri tinghata ghajnuna psikologika.*

*3.9* ***Seduta 16 ta' Novembru 2022*** *fliema seduta* ***<u>xehed il-konvenut in kontro-eżami.</u>***

*Il-konvenut jghid li jahdem bhala delivery man tal-affarijiet tal-ikel mal-JAC u l-hinijiet tieghu mhux dejjem l-istess. Kien waqaf mill-Freeport cirka tlett snin*

---

[80] Giet esebita card b'lingwagg ta' imhabba. Ghalkemm hemm indikat isem , ma hemmx indikat min min intbghatet fejn a fol 808 hemm iffirmat L.

[81] F'dawn l-istatements sar accen ghall-diversi telefonati li saru fuq mobiles 99201990 u 99266951, izda ma hemmx indikat ta min huma dawn in-numri u dan ma jirriżultax mill-atti.

*wara li kien hemm bord ta' dixxiplina. Ma kienx jaf jaghti raguni ghalfejn kien quddiem dan il-bord izda huwa prova jirranga s-sieghat u ghamel dan minhabba tifla. Id-dhul tieghu naqas. Mistoqsi dwar ir-raguni ghalfejn kien mar quddiem il-bord, huwa jispjega li kienu pruvaw jissikawh u jzidulu l-hinijiet izda minhabba tifla ma riedtx. Qabel huwa kien jahdem night shift, morning u evening. Jispjega li kien hemm zmien li qelbuh day shift habba tifla.*

*Huwa jixhed li kienu ghamlu xi sena fiz-zwieg jghixu ma ommu u qebel l-gherusija ukoll. Huwa jichad li fiz-zwieg ommu ppretendiet li jibqa jghix maghha u li kienet tqabbad lil Atwassal lilha u qraba ohra bil-karozza.*

*Huwa jixhed li wara l-ewwel korriment martu ma baqghetx tahdem. Mistoqsi ghalfejn ma ridtx li tahdem Ahuwa jghix li ma geghlix hu izda kienet decizjoni tat-tnejn. Mistoqsi specifikament jekk jichadx li kien jopponi ghal fatt li tahdem, huwa jichad. Huwa jghid li martu wara zwieg mhux suppost li hadmet izda meta suggerit lilu jekk qatt hadmitx jghid ukoll li ma jiftakarx. Mistoqsi dwar kemm kien ikollha flus martu f'idejha la hu kien il-breadwinner, huwa jghid li l-cashlink kienet dejjem accessibli ghaliha izda ma kienx jghaddila ammont partikoli. Jekk kienet titolbu kien itihomla u kellha access ghall-cards. Ammonti fissi ma kienx hemm.*

*Huwa jikkonferma li wara l-incident tal-pjazza tas-Siggiewi sar jaf li maru spiccat l-Ghabex izda jichad li dan gara ghax qabad itiha fil-pjazza. Huwa jixhed li ommu qabdet lil-Fny u lill Au li hu cempel u sema l-ghajjat ta ommu u mar jigri. Dak il-hin telaq jigri Fny. Huwa talaba tmur id-dar u qaltlu li se titlaq u talbitu it-tifla izda qalilha li qabel ma tghidlu fejn kienet sejra huwa ma kienx ser jaċċetta.*

*Jixhed li illum il -gurnata ommu, missieru u zijuh ghandhom over seventies. Zijuh ma jghix magħhom. It-tifla tmur l-iskola u tigi ghal habta tas-siegha u nofs mill-iskola, tbiddel, tinhasel jew taghmel li ghandha bzonn, tiekol u joħoda l-privat ghax bdiet l-o levels. Mistoqsi dwar hinijiet tax-xoghol jghid li qieghed bil-flexi hours. Is-sieghat iduru mal-bzonnijiet tat-tifla u mhux dejjem l-istess.*

*Mistoqsi dwar id-dghajsa (li ghandha erbatax u nofs/ hmistax-il pied tal-ghamla fiber), huwa ikkonferma li din ghada ghandu. Il-karozza ma ghadhiex ghandu u juza ta' missieru. Huwa jghid li ma rax l-ircevuti mal-Affidavit ta' martu. Mistoqsi dwar il-cards annessi mal-Affidavit tieghu, huwa jikkonferma li dawn ma ghandhomx data izda jeskludi li setghu kienu ta' qabel iz-zwieg.*

*3.10.* ***Seduta 27 ta' Marzu 2023*** *fliema seduta xehdu:*

*- Ikompli jixhed in kontro-ezami l-konvenut* **DB:**

*Mistoqsi dwar ix-xoghol tieghu, huwa jikkonferma li tkecca minhabba ragunijiet relatati mat-tifla. Suggerit lilu li tkecca ghax kien bis-sick leave u*

*kien hemm tabib li ġie iħabbat u ma sabux, jinnega dan. Hafna rapporti li rċieva kien ghax ha l-emergency leave habba tifla meta hija kienet ma tiflahx jew ma setgħux jzommuha n-nanniet jew anke meta ried joħoda l-emergenza. B'rapport wieħed għax ma sabuhx id-dar huwa ma kienx tkeċċa. Suġġerit lilu li kellu diversi sospensjonijiet fuq ix-xogħol, ngħid li huwa minnu iżda dawn kienu dwar emergency leave. Jgħid li qatt ma kien istanzi fejn ġie tabib u ma sabnix hemm.*

*Mistoqsi kemm il-darba kellu sospensjoni fuq ix-xogħol, huwa ma jiftakarx. Suġġerit lilu li kien hemm rapport fit-2002 meta ma kienitx twieldet it-tifla, ngħid li fil-kollettiv tal-freeport dawk ir-rapporti jaqgħu u ma kienx hemm rapporti. Mistoqsi jekk huwa fetaħx proċeduri dwar it-tkeċċija tax-xogħol tiegħi, huwa jghid li fetah kawza u inqatat kontrih izda din ma kinitx dwar is-sick leave izda l-emergency leave habba tifla fejn huwa jghid li dejjem ta evidenza. Huwa jerga jikkonferma li dghajsa ghada ghandu u ma jistghax ibiegha. Din qeghda f'garaxx is-Siggiewi.*

*- Xehdet in kontro-ezami omm il-konvenut* ***K B:***

*Hija tghid li kienet prezenti ghall-incident tal-festa ta' San Nikola f'Gunju 2010. B'referenza ghall-fatt li sar rapport, tghid li ma kienitx prezenti waqt li sar ir-rapport izda waqt l-incident. Fl-incident ta' San Guzepp f'Marzu 2010 hija ma kienitx prezenti.*

*Mistoqsija dwar ix-xhieda taghha fejn semmiet li missier l-attrici ma felahihx aktar fit-2010, hija tghid li huwa kien cempel lill-binha izda kienet hdejh u semghat it-telefonata. Rigward iz-zmien meta l-attrici kienet l-Ghabex hija ma kienitx kellmita dak iz-zmien.*

*Mistoqsija dwar il-€5000 li sellfet lill-Du mistoqsija meta tat dan l-ammont, hija tghid li ghaddietomlu meta kellhom bzonn id-dar fi flus kontanti izda ma tiftakarx il-perjodu. Mistoqsija ghall min kienet qed tirreferi meta qalet li qalulna li l-attrici kienet tiltaqa ma F G, hija tghid li l-girien.*

*- Xehed in kontro-ezami* ***Dun Q N:***

*Mistoqsi jekk l-attrici qatx tkellmet fuq l-ilmenti taghha, jghid li hija ma ilmenta fuq xejn. Huwa jghid li hija gidba li D refa idejh fuqa u gie lliberat. Ghalkemm ma kienx jghix maghhom, jafhom sew u kien mar jahdem ghandhom u anke ghamlilom xoghol id-dar. L-uniku diskors li sema huwa lill-missier l-attrici jghid lill-Dbiex jieqaf ihajjar lill-attrici tmur il-quddies. Dwar glied iehor dan ma sarx ghax kieku kien jaf dwaru. Huwa ma jafx li D kien jghajjar lill-A. Fil-pubbliku zgur qatt ma sar l-ebda tghajjir.*

*Mistoqsi dwar jekk kienx jaf li Akienet waqghet f'depression, jghid li kien hemm zmien meta qalet hekk u ma kienitx tiekol. Hija ma riedet tara l-ebda tabib u kienet tintefa fuq is-sodda ma taghmel xejn. Huwa jghid li hija kienet*

*qed tilghaba li kienet f'depression u infatti meta wara marret ghand tabib qalilhom li kien sempliciment 'act'. Huwa assuma dan u ma huwiex specjalista. Dan sar fil-perjodu meta tifla diga twieldet u kellha bejn wiehed u iehor 4 snin.*

*3.11* ***Seduta 3 ta' Mejju 2023:*** *Giet prezentata ukoll nota b'zewg dokumenti immarkati bhala Dok MZ 1 sa MZ 3:*

*a) Dok MZ1 huwa rendikont ta' self kont numru 4001770820-3 f'isem il-partijiet. Dan huwa customer loan fejn jidher li fl-10 ta' Novembru 2008 kien hemm €11,645 dejn. Dan kien jithallas regolarment fix-xahar u fit-30 ta' Dicembru 2009 kien inqata loan billi thallset is-somma ta' €9547.81 (fol 937).*

*b) Dok MZ 2 huwa rendikont ta' self kont numru 4001872986-7 f'isem il-partijiet. Dan huwa consumer loan fejn jidher li fit-30 ta' Dicembru 2009 kienet ittiehdet il-loan ta' €14,540. Dan kien jithallas regolarment u inqata fit-24 ta' April 2015 (fol 946).*

*c) Dok MZ3 huwa estratt ta cheque book ta' DB. Min dan jirrizulta li kien hemm pagament lill-Finestral fit-26-01-07 ghall-ammont ta' 102.03, Falzon Tiles fit-29/1/07 ghall-ammont ta' 250, JCR Ltd fis-6/3/07 LM 44.90, PVC Wash fit-24/3/07 fl-ammont ta' LM 300, 26/4/07 LM 3450, Charlie Kahhal LM 400 fl-4/5/07, Falzon Bathrooms fl-4/5/07 LM 1235, Mastrudaxxa fis-7/5/07 LM 100, Falzon Bathrooms fit8/5/07 LM 45, Falzon bathrooms fit-21/5/07 LM 5.50, Water Services 22.5.07 LM 18.55, Madum 22/5/07 LM 481, D Pitre 30/06/07 LM 90.68, D Pitrepel Ltd 4/7/07 LM 135, RCS Ltd 3/7/07 LM 19.40, Finestral 3/7/08 LM 100, Pitre 20/06/08 €39, Paul Target 26/06/08 €1120, P Target 27/6/08 €349, Water Services Corporation fis-17/7/08 €65.30, tal-Irham fit-30/07/08 €163.*

*3.12* ***Seduta 13 ta' Lulju 2023*** *fliema seduta xehed* ***Saviour Theuma*** *in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.*

*Ix-xhud prezenta Dok ST 1 li juri l-beneficcji kollha li hadet AB mit-2006 sal-lum u cioe' min meta bdiet tircievi l-beneficcji. Min dan id-dokument jirrizulta li hija kienet irceviet xi beneficcju tal-mard u li fit-2008 bdiet tircievi allowance tat-tfal. Hija bdiet tircievi ukoll beneficcju specjali ghal-dizimpjieg minn Dicembru 2010. Fit-3 ta' Dicembru 2011 u fit-21 ta' Jannar 2012 hija irceviet beneficcju ghall-maternita u irceviet l-istess beneficcju fit-20 ta' Lulju 2013 u 11 ta' Mejju 2013. Illum il-gurnata hija tircievi assistenza socjali fl-ammont ta' €533 fix-xahar u allowance tat-tfal fis-somma ta' €706.08 kull tlett xhur. Hija tircievi ukoll beneficcju tal-energija imnaqqas mid-dawl u ilma.*

*Mistoqsi dwar il-beneficcju tal-maternita', ix-xhud jispecifika li jinghata ghall-kull pregnancy u jithallas fuq darbtejn. L-assistenza socjali tinghata*

*ghax ma jkunx hemm dhul u jkun hemm tfal taht l-eta' li jkollok bzonn tiehu hsieb.*

*Il-konvenut ghalaq il-provi tieghu salv provi dokumentarji li ser jipprezenta fir-registru fi zmien gimghatejn.*

*3.11 Giet prezentata* ***Nota fit-27 ta' Lulju 2023*** *li permezz taghha gew esebiti s-segwenti dokumenti:*

*a) Dok PG 1: Skrittura rigward self ta' flus home loan bejn il-Bank of Valletta u DB fejn fit-22 ta' Ottubru 2004 il-bank accetta li jsellfu LM 25,000 ghax-xoghlijiet u refurbishments tad-dar.*

*b) Dok PG 2: Rendikont tal-kont bankarju ta' DB bejn it-18 ta' Jannar 2013 u 29 ta' Dicembru 2017. Mill-istess kont jirrizulta li huwa baqa jhallas il-loan li qieghed fuq ismu fejn fit-2017 kien fadal bilanc ta' €21,685.75.*

*c) Dok PG 3: Rendikont tal-kont bankarju tal-partijiet bejn l-4 ta' Jannar 2013 u l-24 ta' April 2015: Min dan il-kont jirrizulta li fit-2013 kien hemm bilanc ta' loan ta' €6117.86 li baqghu jithallsu b'mod kontinwu liema loan gie maqtugh fit-24 ta' April 2015.*

*d) Dok PG 4: Kwotazzjoni minn Finestral tat-2 ta' Jannar 2007 ghas-somma ta' LM 3000 ghall-xoghlijiet fit-twieqi u bibien.*

*e) Dok PG 5 u PG 6: Fattura u ircevuta tat-2 ta' Lulju 2007 fuq il-kont ta' LM 3000 li gie mhallas il Finestral minghand DB. (€6988.12)*

*f) Dok PG 7: Ircevuta tat-22 ta' Dicembru 2004 fuq il-kont ta' LM 5500 li gie mhallas lil Vince Cutajar min DB*

*g) Ircevuta tat-22 ta' Dicembru 2004 fuq il-kont ta' LM 5500 li gie mhallas lil D Borg minghand DB.*

## *4. KUNSIDERAZZJONIJIET*

*Illi għalhekk f'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti l-punti saljenti tal-kawża odjerna fid-dawl tat-talbiet imressqa fit-talbiet oriġinali:*

*4.1* ***Dwar it-talba għas-separazzjoni personali***

*Jirrizulta li ż-żwieġ tal-partijiet ġie dikjarat null b'deċiżjoni tat-tribunal Ekklesjastiku[82]. Madanakollu ma jirriżultax mill-atti li xi ħadd ippreżenta kopja tas-sentenza tat-Tribunal salv id-digriet finali tat-Tribunal. Jidher ukoll li l-ebda wiehed mill-partijiet ma ġab il-prova li saret ir-reġistrazzjoni tad-*

[82] Digriet datat 21 ta' Jannar 2016 qegħda esebita a fol 575 et seq tal-proċess.

*digriet skond il-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malti u kwindi ma hemmx konferma jekk l-istess digriet ghandux effetti civili.*

*Sar aċċenn ukoll mill-konvenut li huwa ser jottjeni d-divorzju iżda ma hemm xejn fl-atti sabiex jissustanzja dan. Għalhekk it-talbiet dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet ser jiġu kkunsidrati.*

*L-esponenti hija konvinta li f'dan l-istadju l-ebda konvivenza bejn il-partijiet bħala konjugi ma tista' tiġi prospettata tant li l-partijiet ilhom jgħixu separatament min xulxin għal numru ta' snin. Għalhekk ċertament jirriżulta li hemm bażi għas-separazzjoni anke jekk xejn ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ''il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment'.*

*4.2* ***Dwar ir-Responsabbilita' għat-Tifrik taż-Żwieġ***

*Ġialadarba l-esponenti diġa ppronunzjat ruħha dwar il-fatt li t-talba għal separazzjoni personali għandha tiġi milqugħha, l-esponenti ser tgħaddi biex tiddiskuti r-responsabbilita' u t-tort għal tali tkissir taż-żwieġ.*

*Adulterju*

*Il-partijiet it-tnejn li huma jaddebitaw l-adulterju bħala l-motiv għas-separazzjoni u tkisser taż-żwieġ tagħhom. L-artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili jaqra illi:*

***'' 38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra''***

*In materja ta' prova dwar* **adulterju,** *il-Qorti kienet esprimiet il-fehma illi rigward din l-allegazzjoni jridu jingiebu provi sodi u ghalhekk il-prova ta' adulterju m'ghandhiex tkun ibbazata semplicement fuq impressjoni, agir jew karattru ta' xi parti*[83]*.*

*Fi kliem il-Qorti:*

> *'[h]uwa ormai pacifiku fid-dottrina u l-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi pruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precizu u konkordanti, b'mod li ma jhalli ebda dubju f'min jiggudika'*[84]

*In oltre` il-ġurisprudenza tagħna tirritjeni illi l-adulterju huwa l-kawża l-iktar gravi għat-tifrik taż-żwieġ u dan ukoll minħabba l-effetti legali li jġib miegħu.*

---

[83] Onorevoli Imhallef Dr. Franco Depasquale, *A vs B*, 16 ta' Marzu 1990

[84] Prim'Awla tal-Qorti Civili, *Rose Gauci vs Salvatore Gauci*, 1 ta' Ottubru 2002 (vide ukoll **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna)**

*L-addebitu tal-adulterju lanċjat minn AB idur mal-allegata relazzjoni ta' żewġha ma diversi nisa fosthom O P u M N. Il-konvenut qatt ma ċaħad li kellu tali relazzjonijiet iżda jsostni li dawn effetivament bdew wara li ż-żwieġ tal-partijiet kien diġa tfarrak minħabba l-adulterju ta' martu. Jinsab pruvat mill-atti, li l-konvenut beda dawn ir-relazzjonijiet wara li l-partijiet kienu diġa sseparaw de facto u bdew jgħixu separatament min xulxin u filfatt diġa kien hemm il-kawża ta' separazzjoni pendenti. Huwa kien beda relazzjoni ma O P għall-habta ta' Ottubru 2010[85] skond ix-xhieda tal-istess xhud filwaqt li inbdiet relazzjoni ma M N f'Marzu 2013.[86] Ma inġabet l-ebda prova li huwa kien filfatt adulteru fiż-żmien li l-partijiet kienu għadu jgħixu flimkien u għalkemm l-attriċi tallega dan u jsostni li huwa kien jagħmel min kollox biex hija tfittex il-kumpanija ta' ħaddiehor sabiex jiġġustifika l-iżbalji tiegħu, dan l-addebitu jibqa' mhux pruvat.*

*L-addebitu tal-adulterju lanċjat minn DB idur mal-allegata relazzjoni ta' AB ma Fny G. Għalkemm AB dejjem ċaħdet din ir-relazzjoni fil-perjodu li kienet għada miżżewġa, l-esponenti tqis li tressqu biżżejed provi li kienet l-attriċi li kkomettiet adulterju ma F G, liema adulterju wassal għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ. In sostenn ta' dan il-konvenut ressaq diversi provi partikolarment l-Affidavit ta' missier l-attriċi H I. Jiġi rilevat li ma sar l-ebda kontro-eżami tal-istess Affidavit u għalhekk jidher li mhux kkontestat.*

*Missier l-attriċi xehed fit-26 ta' Lulju 2010 li bintu kienet bdiet relazzjoni extra-maritali ma F G f'dawn l-aħħar xhur fejn jixhed li sar jaf dan miż-żewġ partijiet. Huwa jgħid li kien induna b'din ir-relazzjoni f'Marzu 2010 iżda għall-bidu ma kienx ċert. Ikkonferma dan meta bintu bdiet tabita temporanjament għandu fejn hija kienet baqgħet tikkomunika ma G u hija stess kienet ammetiet miegħu li qed toħroġ ma G. Isemmi li fil-festa tal- 20 ta' Ġunju 2010, huwa kien mar l-għassa u sab il-G ambraċċjat ma bintu fejn beda jgħannaqa u saħansitra għamel idejh fuq il-warrani tagħha. Konsegwentement huwa kien għamlila l-għassa u raha tiffrekwenta l-post ta' abitazzjoni ta' G.*

*Ix-xhieda ta' missier l-attriċi hija wkoll konsistenti max-xhieda tal-konvenut, ta' ommu u ta' zijuh li kellu intervent personali meta mar mas-Sur I ikellem lill-attriċi biex jikkonvinciha li ma għandhix xi trid il-G.*

*Għalkemm in kontro-eżami, il-konvenut jittenta jagħti x'tifhem li l-attriċi kienet diġa tqila meta hija telqet mid-dar, dan jirriżulta li mhux il-każ.[87] Madanakollu l-esponenti temmen li għalkemm ma kienitx tqila dak iż-żmien,*

---

[85] Xhieda tax-xhud fis-6 ta' Novembru 2013

[86] Vide xhieda tax-xhud tat-18 ta' Lulju 2014

[87] Fir-risposta intavolata minnu fit-2 ta' Dicembru 2011 a fol 122-124 huwa jindika li l-attriċi kellha 8 xhur tqala. Fir-rikors tiegħu tat-23 ta' Jannar 2012 huwa jgħid li twieldet tarbija f'Jannar.

*hija kienet diġa f'relazzjoni ma G meta kienet għada miżżewġa in vista tax-xhieda hawn fuq sureferita.*

*Jingħad ukoll li l-attriċi kemm il-darba kienet evaziva jew qalet il-falz meta mistoqsija fuq ir-relazzjoni tagħha ma F G fejn kienet tiċħad li qegħda f'relazzjoni ma G mal-ħaddiema soċjali filwaqt li mal-pulizija kienet qalet li hija verament qegħda ftali relazzjoni. Dan il-kompartament ixejjen il-kredibbilta' tal-attriċi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment tissottometti illi r-responsabilta' tat-tifrik taż-żwieġ huwa attribwibbli lill-attriċi u dan minħabba adulterju.*

*Vjolenza*

*Issir referenza għall- artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:*

***"40. Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minħabba ecccessi, mohqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew ieħor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment".***

*Kif jingħad fis-sentenza* ***Portelli Antoine vs Portelli Marthese sive Merthis,*** *deċiża fis-27 ta' April, 2017:*

*''Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn 'sevizzi' u 'eccessi' delineata abilment mill- Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.*

***"Eccessi"*** *huma atti ta' violenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li* ***jistghu ipoggu fil-perikolu is-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun.*** *Tali vjolenza tista' tkun mhux biss* ***fizika izda wkoll psikologika****. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' wkoll* ***twassal ghad-dannu fis-sahha*** *ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologia u ghalhekk tikwalifika wkoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artkolu 40 tal-Kap. 16.*

***"Mohqrija",*** *jew kif aktar insibuwha fil-gurisprudenza, "Sevizzi", huma atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-perikolu,* ***jikkostitwixxu tortura fizika jew psikologika****. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40.*

*Sabiex azzjoni tikwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda wkoll abitwali''*

*Il-ġurisprudenza nostrana tirrikonixxi wkoll l-inġurji gravi, kif spjegat fis-sentenza* ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud,*** *deċiża mill- Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961 Vol. XLV C.11.708:*

*"l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid- duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis- sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

*Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti talAppell illi:-*

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u laggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."*** *Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000*

*Il-partijiet it-tnejn li huma jsostu li kien hemm vjolenza konkorsa fuqhom da parti tal-konjugu tagħhom. Rigward dan il-punt, il-Perit Legali tinsab moralment konvinta illi l-ebda wieħed mill-partijiet ma rmexxilu jipprova dan il-punt.*

*In sosten ta' din l-allegazzjoni l-attriċi ressqet lill-ħaddiema soċjali Colette Maskijvic bħala xhud li tgħid li bdiet taħdem mal-attriċi meta hija ttieħdet ġewwa xelter. Hija kienet qaltilha li kienet spiċċat vittma ta' żewġa u li fiż-żwieġ kien hemm ħafna abbuż fiżiku u kif ukoll abbuż psikoloġiku fejn tgħid li żewġha kien jikkontrola u kif ukoll ma jħallihix taħdem. Hija esebiet ukoll ir-rapporti li għamlet kontra l-konvenut. L-esponenti tirrileva li x-xhieda tal-attriċi u kif ukoll il-verzjoni li hija tat il-ħaddiema soċjali ma hijiex kredibbli u dan in vista tax-xhieda ta' missierha H I, (liema xhieda ma sarilha l-ebda kontro-eżami) fejn huwa qal li bintu qatt ma ilmentat miegħu jew ma familjari u huwa qatt ma ra sinjali ta' vjolenza fuq persuntha. Dan jikkontradixxi x-xhieda tal-attriċi nnifsiha meta fl-Affidavit tagħha hija tgħid li 'bdejna niġġieldu, u kien waddabli flixkun tal-Isprite mimli. Dak il-ħin it-tifla kienet fuqi, u għal naqra ma ntlaqtitx hi b'dan il-flixkun. Jiena dakinhar kont qbadt il-karozza u mort ghand missieri. Dan kien ghall- habta ta' Frar 2010. Jien kont xbajt f'din il-ħajja imma missieri u ommi kienu rmexxilhom jikkonvinċuni inkompli ma ABf.'*

*Ma tistgħax ukoll ma tittieħidtx in konsiderazzjoni l-fatt li l-attriċi kemm il-darba kienet evasiva u mhux sinċiera meta tkellmet fuq Fny G, liema aspetti ixejjnu l-kredibbilta' tal-attriċi. Hija naqset ukoll milli tissostanzja l-allegazzjoni tagħha tal-vjolenza billi ttella jixhed lill-psikjatra David Cassar li marret għandu meta kellha bidu ta' depression sabiex jixhed fuq ir-raġuni li huwa rrakomanda li l-partijiet jgħixu separatament għall-ftit. Naqqset ukoll li ttela lit-terapista Charles Azzopardi li l-partijiet it-tnejn li huma marru*

*għandu bħala family therapist u għalhekk ċertament li tkellmu fuq ir-raġunijiet għalfejn kellhom bżonn jaħdmu fuq iż-żwieġ tagħhom. Da parti tiegħu l-konvenut preżenta s-sentenza fejn huwa ġie lliberat minn akkużi ta' ġrieħi ħfief fuq martu fl-argument ta' Ġunju 2010 li tkompli xxejen l-allegazzjoni ta' vjolenza tal-attriċi.*

*Għalkemm il-konvenut fil-kontro-talba tiegħu, jallega li l-attriċi kienet vjolenti fil-konfront tiegħu, huwa ma ressaq l-ebda provi sabiex jissustanzja din l-allegazzjoni u għalhekk din ma hijiex pruvata.*

*4.3* ***Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet kontemplati fil-liġi***

*Il-partijiet it-tnejn li huma qed jitolbu sabiex jiġu applikati d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili. Abbazi ta' dak suespost u abbazi tal-fatt li fl-umli opinjoni tal-esponenti, ir-responsabbilta' taz-zwieg għandha taqa' fuq l-attrici, allura s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi jistgħu biss se mai jiġu applikati fil-konfront tagħha. Il-firda personali motivata mill-adulterju skond il-liġi, iġġib magħha konsegwenzi iebsa, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja tat-tifrik taż-żewġ.*

*Għaldaqstant it-talbiet tal-attriċi rigwardanti dekadenza għandhom jiġu miċħuda filwaqt li t-talba tal-konvenut għandha tiġi milqugħha.*

*4.4* ***Data meta l-attriċi hija kkonsidrata ħatja tat-tifrik taż-żwieġ***

*Ladarba l-esponenti waslet għall-konkluzjoni li kienet l-attriċi li hija responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ minħabba l-adulterju tagħha, jibqa' għalhekk li tiġi stabbilita d-data meta hija għandha tiġi kkunsidrata li kienet ħatja tal-firda. L-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għall-atti, tirrileva li l-attriċi għandha tinstab ħatja tat-tifrik taż-żwieġ mill-20 ta' Ġunju 2010. Jingħad li għalkemm il-partijiet kienu diġa infirdu brevement f'Marzu 2010, din ma hijiex id-data tat-tifrik taż-żwieġ stante li l-konvenut stess jistqarr li huwa kien ħafer il-martu u xtaq li jkunu familja magħquda. Għalhekk ċertament sa dak il-perjodu ż-żwieġ kien għadu ma tkissirx. Madanakollu jirriżulta biċ-ċar li wara l-inċident tal-20 ta' Ġunju iż-żwieġ tfarrak b'mod irremedjabbli.*

*4.5.* ***Manteniment bejn il-konjuġi***

*L-attrici qed titlob manteniment ghaliha innifsiha. Stante li hija responsabbli tat-tifrik taż-żwieġ hija awtomatikament iddekadiet min dan id-dritt u għalhekk it-talba tagħha qed tiġi miċħuda.*

*Il-konvenut qed jitlob manteniment ghalih innifsu. Filwaqt li huwa ma ddekadiex mill-istess dritt, jirrizulta li huwa jahdem fuq bazi full-time u*

*ghalhekk huwa finanzjarmanet indipendenti. Madanakollu, ghandu jigi riservat id-dritt li f'kaz ta' bzonn huwa jitlob manteniment minghand martu.*

## *4.6* ***Il-Minuri***

### *4.6.1* ***Kura u Kustodja***

*Il- partijiet għandhom tifla bl-isem ta' CB li twieldet nhar l-1 ta' Lulju 2007 u għalhekk illum il-ġurnata għandha kwazi 17-il sena. L-aspetti kollha li jirrelataw il-minuri kienu l-aktar punt kontenzjuz f'din il-kawża, kif jixhdu id-diversi rikorsi, risposti u noti ntavolati. Il-konvenut dejjem xehed li ma huwiex fl-aħjar interess tal-minuri li tkun fil-presenza ta' omma mingħajr supervizjoni, li l-minuri għandha tirresjedi miegħu u li huwa għandu jkollu l-kura u kustodja tal-istess, li omma qegħda ma delinkwent li allegatament abbuża sesswalment it-tifla, li omm it-tifla abbandunat il-minuri u li anke kienet ħatfet il-minuri fil-bidu tal-proċeduri. L-omm da parti tagħha dejjem ċaħdet li hija tista tkun ta' influwenza ħażina, tiċħad li hija abbandunat lill-bintha u tgħid li dejjem iġġieldet għaliha, tiċħad kwalunkwe abbuż, filwaqt li ssostni li kien il-konvenut u l-familja tiegħu li mmanipulaw lit-tifla kontra tagħha u u l-familja materna. L-omm tgħid li huwa fl-interess tat-tifla li titrabba minnha minflok titrabba mill-konvenut, fejn isostni li in realta' qed titrabba min familjari tiegħu li għandhom eta' avvanzata.*

*Il-ġurisprudenza tagħna hija konsistenti li meta si tratta di minuri, dejjem għandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Issir referenza għall-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs F Portelli deċiża mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-25 ta' Ġunju 2003 fejn il-Qorti qalet:*

*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni, sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:*

*''apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...''*

*Fil-kawża Frances P vs Duncan Caruana, deċiża fit-31 ta' Mejju 2017 il-Qorti irrilevat:*

*'illi filwaqt li dejjem tagħti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata'.*

*Il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tat-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Sylvia Melfi vs Philip Vassallo irreteniet li:*

*'In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.... The court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the party through their minor child'.*

*F'dan il-każ huwa ben evidenti li l-minuri kellha tgħaddi min ħafna, partikolarment il-fatt li sfat parti minn proċeduri kriminali bħala xhud u l-fatt li ħassita abbandunata u ma tarax il-omma. It-trawma tal-minuri hija riżultat tal-aġir taż-żewġ partijiet. In kwantu għall-missier, filwaqt li huwa dejjem ħa ħsieb il-minuri, bl-għajnuna tal-familja tiegħu u pprovda għall-istess finanzjarment, huwa kien ta' influwenza kbira fuq il-minuri fejn tidħol l-allegazzjoni li l-minuri ġiet abbuzata sesswalment min F G. Il-Qorti Kriminali kienet ċara li t-tifla kienet qed tirrepeti dak li ntqal min ħaddieħor u t-tweġibiet tagħha kienu jindikaw l-animosita' li qed tiġi esposta għaliha lejn il-familja materna. Dan l-aġir huwa wieħed deprolevoli għall-aħħar speċjalment kunsiderando li l-minuri għamlet snin tara lill-omma taħt supervizjoni.*

*Da parti tagħha l-omm filwaqt li ġġieldet sabiex bintha tkun magħha, bl-aġir tagħha wkoll għamlet ħsara lill-minuri fejn it-tifla ġiet esposta għall-animosita' kbira waqt il-handing overs tal-aċċess*[88] *u kif ukoll mill-fatt li hija kienet waqfet tmur għall-aċċess. Filwaqt li wieħed jista jifhem id-diffikultajiet li jista' jkun hemm speċjalment meta għandek żewġ titfal oħra, ma huwiex skużabbli li hija kienet aktar ma tmurx għall-aċċess milli tmur, bil-konsegwenza li bintha stess spiċċat tħossa abbandunata min ommha. Kif xehdet Adreana Gellel, hija wkoll naqset li tattendi għat-terapija mat-tifla provduta mis-Sedqa. In kontro-eżami hija kkonfermat ukoll li ma tikkomunikax*

[88] Fil-perjodu ta' meta t-tifla kienet tara lill-ommha ghand in-nanniet materni

*ma bintha fejn qalet li qas għandha numru tagħha u li dan ma talbitux. Jekk l-omm verament trid li xi darba r-relazzjoni ma bintha tinbidel, għandha tkun hi li tagħmel l-ewwel pass.*

*Kif ingħad mill-Qrati nostrana, l-interess tal-minuri għandu jirrenja. Huwa evidenti li hemm animosita' kbira bejn il-partijiet tant li dawn ma jistgħux ikunu ċivili fil-konfront ta' xulxin. F'dan l-ambitu mhuwiex fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun konġunta bejn il-partijiet. Għaldaqstant il-minuri għandha tibqa' tirresjedi mal-missier u l-kura u kustodja għandha tiġi fdata lill-missier fejn huwa jkun awtorizzat li wahdu jiehu decizjonijiet dwar l-istess. L-omm ghandha madanakollu tigi awtorizzata li tircievi kwalunkwe informazzjoni dwar bintha direttament mill-awtoritajiet kompetenti, kemm dawk tal-edukazzjoni u kif ukoll ta' sahha. F'kaz li l-minuri tiġi rikoverata l-isptar, il-missier ghandu jinforma lill-omm b'mod immedjat.*

*4.6.2.* ***Aċċess***

*Il-Qrati nostrana huma wkoll ċari li fejn jidħol aċċess ma hemmx drittijiet iżda dak li jirrenja huwa l-interess suprem tal-minuri. Issir referenza għall-kawża K Cauchi vs Francis Cauchi deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ġie osservat illi:*

*'Din il-Qorti tibda biex tagħmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibli'*

*Fid-dawl tal-eta' tal-minuri, l-esponenti tissometti li l-access ghandu jkun maqbul bejn u l-minuri u ommha, kemm il-darba din tkun tixtieq li jkollha access maghha. F'kaz li dan ikun il-kaz u sabiex jigi assigurat il-benessere psikologiku tal-minuri, ikun opportun li kemm it-tifla u kemm ommha jattendu wkoll ghall-sessjonijiet ta' family therapy, b'mod separat u konsegwentement flimkien sabiex b'hekk l-access jista jkun ta' beneficcju ghall-istess minuri.*

*4.6.3* ***Manteniment għall-Minuri***

*Issir referenza ghall-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-ġenituri t-tnejn għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu jgħallmu u jedukaw lill-uliedhom. L-obbligu huwa kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkakulati skond il-bżonnijiet tat-tfal kif jipprovdi l-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili. Kif huwa ritenut fil-ġurisprudenza:*

*..... Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedi anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta' tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat' (Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiza mill-Prim Awla Qorti ċivili 24 ta' Ġunju 2019, Liza Spiteri vs Luke P deċiża fit-2 ta' Ottubru 2019).*

*Il-konvenut jaħdem bħala delivery man u l-ħinijiet tiegħu huma flessibli kif xehed in kontro-eżami. L-introjtu tiegħu mhux magħruf salv għall-fatt li huwa jsostni li d-dħul tiegħu naqas minn meta kien mal-Freeport u dan minħabba li kellhom jitranġaw s-siegħat minħabba t-tifla.*

*In kontro-eżami, l-attriċi tgħid li hija qatt ma ħallset manteniment għall-bintha. Hija tgħid li ma taħdimx u tgħix bir-relief. Dan ġie pruvat mir-rappreżentant tas-sigurta' soċjali Saviour Theuma li kkonferma li l-attriċi tirċievi assistenza soċjali fl-ammont ta' €533 fix-xahar u allowance tat-tfal fis-somma ta' €706 kull tlett xhur.*

*Għalkemm l-attriċi ma taħdimx, l-obbligu li ġenitur imantni lill-uliedu huwa wieħed assolut u mhuwiex marbut mal-ebda impjieg (Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja 154/1994). Ma ġie ndikat lanqas l-ebda impediment leġittimu li jipprojbiha milli taħdem. Jingħad li l-ebda prospett dwar il-bżonnijiet u spejjeż relatati mal-minuri ma ġie preżentat għalkemm kien ġie indikat li hemm spejjeż edukattivi ta' St Dorothy's school u spejjeż mediċi relatati mat-terapija. Ma ġew preżentati lanqas l-ebda rċevuti jew indikazzjoni ta' kemm huma dawn l-ispejjeż.*

*Il-konvenut fil-kontro-talba preżentata minnu talab manteniment għall-minuri, liema manteniment intalab li jingħata fil-ġimgħa jew fix-xahar jew alternattivament bħala somma globali. L-attriċi qatt ma ħallset manteniment mis-separazzjoni de facto tal-partijiet kif ammetiet ta' stess. In vista tal-fatt ukoll li l-partijiet ma jikkomunikawx flimkien, il-manteniment għandu jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u għandu jitħallas bħala somma globali. Konsiderando l-mezzi tal-attriċi u anke tal-fatt li l-manteniment ser ikun likwidat bħala somma globali, dan għandu jkun fl-ammont ta' €150 li jinkludi l-ispejjeż kollha tal-minuri u dan sa meta l-minuri tagħlaq l-eta' ta' 18-il sena.*

*Is-somma komplessiva għalhekk li għandha tingħata hija dik ta' €27,000 (180 xahar bis-somma ta' €150) minn Lulju 2010 sa Gunju 2025 u cioe' sa meta l-minuri tagħlaq l-eta' ta' 18-il sena. Din il-lump sum għandha tiġi paċuta in parte mas-somma li għandha tingħata lill-attriċi minn sehma mill-komunjoni tal-akkwisti. F'każ li l-minuri tkompli tistudja fuq bażi full-time l-manteniment li għandu jitħallas għandu jkun ta' €200 li jinkludi l-ispejjeż kollha tal-minuri.*

## 4.7. ***Dwar it-terminazzjoni, id-Divizjoni u likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti***

*Kif diġa ingħad ma ġietx preżentata is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku jew prova tar-reġistrazzjoni tas-sentenza. Nonostante dan, mid-digriet esebit, jirriżulta li ż-żwieġ ġie dikjarat null minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u inabilita li tassumi l-obbligi maritali taghha. Għalkemm jidher li din hija raġuni tal-annullament, minn imkien ma jirriżulta li l-attriċi kienet in mala fede u in mankanza ta' prova, l-presunzjoni tmur favur il-bona fede fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali. Kif jirritjenu l-Qrati tagħna, in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju ma jwassalx awtomatikament għal konkluzjoni li hemm mala fede.*[89] *Għalhekk l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jeżistu.*

*In vista ta' dan u tal-fatt li ma jirriżultax mill-atti li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet itterminata, din għandha tiġi tterminata fid-data tas-sentenza. F'dan l-istadju, l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti dak kollu li hu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Jidher li bħala assi l-partijiet ma kellhom l-ebda immobli u dan peress li hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali ġewwa Siġġiewi hija parafernali tal-konvenut. Bħala assi mobbli l-partijiet għandhom is-segwenti:*

*a)Kontijiet Bankarji u loans*
*b)Dgħajsa Marino*
*c)Vetturi*
*d)Xogħlijiet u mobbli li nxtraw fiż-żwieġ fid-dar matrimonjali*

### ***A)Kontijiet bankarji u loans***

*Mid-dokumentazzjoni preżentata fl-atti, jirriżulta li l-partijiet kellhom żewġ consumer loans konġunti u cioe' consumer loan kont numru 4001770820-3 u consumer loan 4001872986-7.*[90] *Il-partijiet naqsu li jġibu prova dwar liema dejn kien tad-dgħajsa u liem wieħed kien tal-karozza.*

*Id-dejn tal-kont numru 4001770820-3 kien inqata fit-30 ta' Diċembru 2009 permezz ta' pagament fis-somma ta' €9547.81 (fol 938). F'din l-istess data, ittieħdet il-loan oħra għas-somma ta' €14,540 u għalhekk possibilment il-loans tad-dgħajsa u l-vettura ġew amalgati f'loan wieħed.*

*Ma huwiex ikkontestat fl-atti, li l-attriċi ma għamlitx pagamenti tal-loans u li dawn baqgħu jitħallsu mill-konvenut, liema dejn inqata fis-sena 2015. Stante li l-attriċi hija responsabbli tat-tifrik taż-żwieġ u għandu jkun hemm id-dekadenza kif elenkat aktar 'il fuq, hija ma għandhix tibbenefika mill-ħlasijiet*

[89] 31 ta' Ottubru 2017 221/11 RGM
[90] Vide Doks MZ 1 u Dok MZ 2 preżentati mill-konvenut permezz ta' nota datata 11 ta' Mejju 2023

*li saru minn żewġha mill-komunjoni tal-akkwisti wara Ġunju 2010. Jirriżulta wkoll li fl-14 ta' Diċembru 2010 kien sar pagament fil-loan ta' €3300 fi flus kontanti (fol 941). Dan jikkorispondi mal-verzjoni tal-konvenut li huwa kien uża flejjes li rcieva mill-bejgh tal-vettura biex iħallas il-loan.*

*Għalhekk il-konvenut għandu jiġi kkompensat għas-sehem tal-attriċi mid-djun li huwa hallas (relatati mal-vettura u dgħajsa) mill-20 ta' Ġunju 2010 sad-data li effetivament inqata d-dejn. Dan jammonta għall-**€5542.30.**[91] Din is-somma nħadmet billi tqisu l-pagamenti kollha li saru nieqes is-somma ta' €3300, li ttieħdet in konsiderazzjoni aktar 'l isfel rigwardanti l-vettura.*

***B)Dgħajsa Marino***

*Il-partijiet kienu akkwistaw dgħajsa mingħand il-Mecca Marino, liema dgħajsa kellha d-dejn fuqha. Il-konvenut xehed li din id-dgħajsa inxtrat għas-somma ta' €11,000 iżda mhux ċert mill-ammont filwaqt li l-attriċi tgħid li nxtrat għas-somma ta' €9000. Il-konvenut jgħid ukoll li kien hemm loan waqt iż-żwieġ mal-BOV li ħallas hu. L-attriċi tixhed li meta telqet mid-dar kien hemm madwar €10,000 dejn fuq id-dgħajsa u l-karozza.*

*Mid-dokumentazzjoni preżentata fl-atti, jirriżulta li l-partijiet kellhom żewġ consumer loans konġunti u cioe' consumer loan kont numru 4001770820-3 u consumer loan 4001872986-7.[92] Il-partijiet naqsu li jġibu prova dwar liema dejn kien tad-dgħajsa u liem wieħed kien tal-karozza. Ma huwiex ikkontestat li l-attriċi ma għamlitx pagamenti għall-dan id-dejn u li dan baqa jitħallas mill-konvenut, liema dejn inqata fis-sena 2015. Stante li l-attriċi hija responsabbli tat-tifrik taż-żwieġ u għandu jkun hemm id-dekadenza kif elenkat aktar 'il fuq, hija ma għandhix tibbenefika mill-ħlasijiet li saru minn żewġha wara Ġunju 2010. Minħabba l-inċertezza ta' liem kont kien ikompri liem dejn u n-nuqqas ta' prova tal-istess, il-kumpens li l-konvenut għandu jingħata għall-dak li ħallas min sehem l-attriċi diġa ttieħed in konsiderazzjoni aktar ' il fuq.*

*Il-konvenut jallega wkoll li kellu dgħajsa oħra parafernali li biegha biex tinxtara l-Marino. Din l-allegazzjoni madanakollu ma ġietx pruvata.*

*Id-dgħajsa Marino flimkien mal-muturi kollha li ghandha maghha għandha tibqa' tinżamm mill-konvenut filwaqt li għandu jitqabbad espert sabiex jagħti l-valur tas-suq tad-dgħajsa. Il-konvenut għandu jikkompensa lill-attriċi ta' sehma mill-istess.*

***C)Vetturi***

*L-attriċi xehdet ukoll li żewġha ddispona mill-vettura Toyota Spacio u hija għamlet sekwestru. Filfatt fit-21 ta' Diċembru 2010 hija rrapurtat li rat lill-*

---

[91] Tħallset is-somma komplessiva ta' €11,084.59 fil-loan a fol 941-945

[92] Vide Doks MZ 1 u Dok MZ 2 preżentati mill-konvenut permezz ta' nota datata 11 ta' Mejju 2023

*żewġha ġewwa vettura oħra Subaru u mhux il-vettura tiegħu Toyota Spacio XXX li nxtrat fiż-żwieġ. Il-konvenut jidher li kkonferma l-istess mal-pulizija fejn huwa ammetta li kien biegh il-vettura Toyota sabiex iħallas id-dejn fuqha. L-attriċi kienet sorpriża b'dan u qalet lill-pulizija li meta vverifikat id-dejn kien għadu ma tħallasx.*

*Ir-rappreżentant ta' Transport Malta kkonferma li l-konvenut kellu Toyota Spacio rreġistrata fuq ismu mill-10 ta' Novembru 2008 sal-1 ta' Diċembru 2010 (fol 731).*

*L-attriċi preżentat dokument rilaxxat mill-*Melita Unipol Insurance Agency Ltd *li juri li dak iż-żmien meta l-istess vettura ġiet mibjugħa l-vettura kienet tiswa €7500 fuq is-suq (fol 631). Hija tgħid li din il-vettura tpartet u żewġha ħa s-somma ta' elfejn ewro. (fol 628). Il-konvenut da parti tiegħu ma jixhidx fuq* din il-vettura, salv il-verzjoni li ta lill-pulizija fir-rapport aktar il-fuq riferut fejn jgħid li kien ħallas id-dejn u kif ukoll meta mistoqsi jikkonferma li l-vettura ma għadhix għandu.

*Kif diga ngħad kien hemm zewg consumers loans, wieħed li ittieħed f'Novembru 2008 u ġie maqtugh f'Diċembru 2009 u ieħor li ttieħed f'Diċembru 2009 u ġie maqtugħ fis-*sena 2015. Fl-*14 ta' Diċembru 2010 jirriżulta minn fol 941 li kienet tħallset is-somma ta' €3300 fi flus kontanti* bħala pagament tal-loan. Dan jikkorispondi mal-verzjoni tal-partijiet fejn il-konvenut jgħid li kien ħallas il-loan filwaqt li l-attriċi tgħid li kien fadal *b'kollox madwar €10,000 f'dejn. (fol 941).*

*Fl-Affidavit tagħha, l-attriċi tgħid ukoll li żewġha kien ġiegħela tneħħi l-karozza tagħha ta' qabel iż-żwieġ u tatiha il-missieru fejn tgħid li huwa daħħal peugeot.* Ma tressqet l-ebda provi li l-attriċi kienet kostretta tbiegħ *vetturi parafernali tagħha u r-rappreżentant ta' Transport Malta ma xehedtx fuq vetturi reġistrati f'isem l-attriċi.*

Fl-umli fehma tal-esponenti, *il-partijiet għandhom iżżommu l-vetturi rreġistrati f'isimhom filwaqt li l-konvenut għandu jagħti* ***s-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2100)*** *rappreżentanti sehem l-attriċi mit-*Toyota Spacio. Din is-somma *inħadmet billi mill-valur ta' €7500 (liema valur ma giex kontestat), tnaqqset is-*somma *ta' €3300 li tħallas għall-*loan *u l-valur rimanenti inqasam* ugwalment bejn il-partijiet. Din is-somma għandha titnaqqas mis-somma globali li għandu jirċievi l-konvenut bħala manteniment għall-minuri.

<u>**D)Xogħlijiet u mobbli li nxtraw fiż-żwieġ fid-dar matrimonjali**</u>

*Id-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut, liema fatt ma hux ikkontestat. Il-konvenut kien ha loan qabel iż-żwieġ, kif ġie ikkonfermat mir-rappreżentant tal-*Bank of Valletta *fejn huwa issellef is-*somma *ta' LM 25,000 biex jutilizza għall-*kostruzzjoni *u sabiex titlesta l-propjeta. Ġew ukoll*

*preżentati l-istatements tal-istess fejn jidher li mid-data taż-żwieġ sa Ġunju 2010, id-data li fiha l-attriċi ddekadiet, tħallset is-somma ta' €8806.44 (fol 694-698) u għalhekk sehem l-attriċi huwa ta'* ***€4403.92.*** *Min wara d-data tad-dekadenza, l-attriċi ma għandha tirċievi l-ebda kumpens tal-pagamenti li għamel il-konvenut għad-dejn tiegħu.*

*L-attriċi tallega li hija għamlet diversi spejjeż fid-dar u anke xtrat l-għamara tad-dar kollha, inkluż il-bibien. Tgħid li uħud mill-irċevuti ħallietom id-dar filwaqt li preżentat oħrajn li huma fil-pussess tagħha. Jiġi rilevat li l-irċevuti li ġew presentati mill-attriċi huma kollha dwar affarijiet li inxtraw fiż-żwieġ salv dik tal-World Marketing u dawk rigwardanti xi għamara.*

*Jirriżulta mid-dokumentazjoni esebita, li fiż-żwieġ kienu saru dawn l-ispejjeż: €1169.51 għall-gallariji u twieqi, €600 għall-puġġaman tal-ħadid, €100 għall-spare bedroom, LM 730 (€1700.44) għall-bibien u twieqi, €6988.12 għall-aluminium minn Finestral u għamara mingħand Tikams li tħallset in parte fiż-żwieġ fl-ammont ta' €1067.74. Hija tgħid ukoll li hemm affarijiet li ma għandhix irċevuti tagħhom, purtieri ta' kmamar oħra, frames uħud minnhom bil-cross-stitch u mobbli oħra. Il-konvenut da parti tiegħu jgħid li hu biss ħadem u kull ma hemm fid-dar għamlu hu ħlief kamra tal-pranzu u xi purtieri. Huwa preżenta kopja ta diversi ammonti dwar xogħlijiet li saru fid-dar matrimonjali fiż-żwieġ li jammontaw għall-LM 6677.06 (€15,553) u €1836.30.*

*L-esponenti tirrileva li stante li dawn l-ispejjeż tħallsu fiż-żwieġ, l-attriċi għandha tiġi kkumpensata għall-sehma li jammonta għall-***€14,508.**

*Ġie preżentat kuntratt mal-Magi li sar mal-partijiet dwar bibien u kċina liema ftehim sar f'Diċembru 2006. Madanakollu ma hemmx preżentati irċevuti jew invoices tal-istess. Hemm ukoll parti minn irċevuta għas-somma ta' LM 523.85 ma Joe Abela iżda din ma ġġib l-ebda data u ma ġiet indirizzata il-ħadd u għalhekk ma ttieħditx in konsiderazzjoni. Hemm invoice oħra a fol 657 li ma hix indirizata il-ħadd ħlief il-kelma Siġġiewi u għalhekk ma ġietx ikkunsidrata. Jingħad ukoll b'referenza għall-irċevuti preżentati, li l-ammonti li ttieħdu in konsiderazzjoni huma biss fejn ġie indikat li kien imħallas. Ammonti oħra li kienu għadhom pendenti fl-istess invoice ma ttieħdux in konsiderazzjoni stante li ma hemmx prova tal-ħlas.*

*L-attriċi kienet ukoll xtrat oġġetti oħra qabel iż-żwieġ mill-World Marketing fl-ammont komplessiv ta' LM 390. Dawn l-oġġetti għandhom jiġu ritornati lill-attriċi stante li huma parafernali tagħha (fol 636). Jidher ukoll li qabel iż-żwieġ inxtrat għamara mingħand it-Tikams fejn kien hemm l-ammonti li tħallsu mill-attriċi qabel iż-żwieġ fis-somma ta'* ***€559.04.*** *Għalhekk hija għandha dan il-kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Omm il-konvenut xehdet ukoll kif huma sellfuh is-somma ta' €5000 biex ilestu d-dar u hija tippredendihom lura. Ma tressqet l-ebda prova ulterjuri dwar dan*

*id-dejn u lanqas biss hemm prova ta' meta dan id-dejn ttieħed fejn hija tgħid li ma tiftakarx il-perjodu. Għalhekk din il-pretensjoni ma hix pruvata.*

*Għaldaqstant, sehem l-attriċi mill-komunjoni tal-akkwisti huwa ta'* ***€18,911.92.*** *Din is-somma għandha titnaqqas mis-somma globali li għandu jirċievi l-konvenut bħala manteniment għall-minuri.*

## 5. ***Tiddividi ġid ieħor mhux parti mill-komunjoni tal-akkwisti***

*Mill-assjem tal-provi ma irriżultax aktar assi li mhumiex parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe assi pruvati ġew indirizzati. Għaldaqstant, din it-talba għandha tiġi miċħuda.*

## 6. ***Beni u Assi parafernali***

*Permezz ta' nota datata 2 ta' Awissu, 2011, l-attriċi ndikat lista ta' oġġetti li hija marret sabiex tiġbor mid-dar tal-konvenut. Hija tgħid li rrifjutat li tiffirma rċevuta li offra l-konvenut u għalhekk ħalliet id-deheb parafernali tagħha fil-fond. Il-konvenut da parti tiegħu ma jikkontestax li dawn huma tal-attriċi u għalhekk f'każ li dan id-deheb flimkien ma xi albums mar-ritratti għadhom ma ġewx ikkonsenjati lill-attriċi, dawn għandhom jiġi kkonsenjat lilha.*[93] *Tikkonsenja wkoll lill-attriċi l-oġġetti li hija xtrat mill-World Marketing li jinsabu a fol 636.*

## 7. ***Kunjom***

*Il-Konvenut fil-kontro-talba tiegħu jitlob li l-attriċi tiġi projbita milli tkompli tuża kunjomu minħabba preġudizzju gravi li ser isofri. Dan il-preġudizzju ma ġiex pruvat u għalhekk it-talba tiegħu għandha tiġi miċħuda.*

## 8. ***Spejjeż***

*In vista tal-fatt li l-attriċi hija responsabbli tat-tifrik taż-żwieġ, hija għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża.*

## ***KONKLUŻJONI***

[93] Żewġ ċrieket kbar u ħamsa żgħar ta' metal isfar, erbgħa ċrieket kbar ta' metal abjad u ċurkett iswed, ħmistax-il misluta, pendent isfar b'ittra B, pendent forma ta' ċavetta; forma ta' wiċċ kristu u forma ta' qalb u qrun, 8 ġiżirajjen bojod, żewġ imsielet bojod, 3 ċappetti sofor, żewġ arloġġi u pendent bil-kelma Aindikat a fol 61. Fir-rapport intavolat minnha hija ndikat ukoll xi albums ta' ritratti li kellha.

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma li in kwantu għar-rikors ġuramentat din l-Onorabbli Qorti għandha:*

*(1)Tilqa in parte l-ewwel talba tal-attriċi u cioe' limitatament għal dik il-parti fejn intalbet li tiġi pronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet u l-awtorizzazjoni li jgħixu separatament min xulxin iżda tiċħad dik il-parti tal-istess talba fejn talbet li l-istess konvenut jiġi kkunsidrat bħala ħati tal-firda personali;*
*(2)Tiċħad it-tieni talba.*
*(3)Tiċħad it-tielet talba.*
*(4)Tiċħad ir-raba talba.*
*(5)Tilqa il-ħames talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti kif ġej:*

*Porzjon A- Assenjabbli lill-Attur*

*i.Is-somma ta' €5542.30 rapprezentanti pagamenti ta' loans li huwa ghamel*
*ii.Dghajsa Marino flimkien mal-Mutur*
*iii.Kontijiet bankarji kollha intestati f'isem l-attur*
*iv.Vetturi intestati fuq ismu*

*Porzjon B- Assenjabbli lill-konvenuta*

*i.Kontijiet Bankarji kollha intestati f'isem il-konvenuta*
*ii.Sehma mill-valur (Nofs) tad-Dghajsa Marino u mutur*
*iii.€2100 rapprezentanti sehma mill-vettura*
*iv.€18,911.92 rapprezentanti sehma mill-komunjoni tal-akkwisti*

*(6)Tilqa s-sitt talba u tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-oġġetti mobbli ndikati fis-sezzjoni sitta filwaqt li tordnalu jħallasa l-kreditu parafernali fis-somma ta' €559.04*

*(7)Tiċħad is-seba talba.*
*(8)Tiċħad it-tmien talba.*
*(9)L-ispejjeż għandhom jiġu sapportati mill-attriċi.*

*L-esponenti hija tal-umli fehma li l-kontro-talba tal-konvenut għandha tiġi deċiża bil-mod segwenti:*

*(1)Tilqa l-ewwel talba għas-separazzjoni personali u ssib lill-attriċi ħatja tat-tifrik taż-żwieġ minħabba adulterju u dan mill-20 ta' Ġunju 2010.*

*(2)Tilqa t-tieni talba.*

*(3)Tilqa t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Cf'idejn il-missier filwaqt li tawtorizzah jieħu deċizjonijiet tal-minuri mingħajr l-awtorizzazjoni tal-omm. Tawtorizza li l-omm tkun awtorizzata tirċievi l-informazzjoni kollha dwar bintha direttament mingħand l-awtoritajiet kompetenti filwaqt li għandha tiġi infurmata f'każ li l-minuri tkun rikoverata l-isptar. Tiffissa aċċess bi qbil bejn il-minuri u l-istess omm in vista tal-eta' tal-istess tifla.*

*(4)Tilqa r-raba talba limitadament in kwantu għar-retta alimentari tal-minuri Cu tordna li din titħallas bħala somma globali u cioe' is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000). F'kaz li CB tkompli tistudja fuq bazi full-time, il-manteniment li ghandu jithallas mill-omm huwa dak ta' €200, liema manteniment jinkludi l-ispejjez kollha tat-tifla. Dan jibda jithallas minn Lulju 2025 sa meta l-minuri taghlaq l-eta' ta' 23 sena jekk tibqa tistudja full-time.*

*Tichad in talba in kwantu ghall-manteniment tal-konvenut ghalih personali izda tordna li huwa ma ddekadiex min tali dritt f'kaz li jinbidlu c-cirkostanzi.*

*(5)Tilqa l-ħames talba.*
*(6)Tilqa s-sitt talba skond dak indikat aktar 'il fuq.*
*(7)Tiċħad s-sebgħa talba stante li ma jirrizultawx l-ebda beni.*
*(8)Tilqa t-tmien talba.*
*(9)Tilqa d-disa talba.*
*(10)Tiċħad l-għaxar talba.*
*(11)Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.*

*Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża li tawwlet il-fuq minn erbatax-il (14) sena. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ.

**L-azzjoni odjerna**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob illi l-Qorti tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan minħabba li tgħid li huwa ħati ta' adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tagħha u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tiegħu, tillikwida ammont ta' manteniment li għandu jkun pagabbli lilha mill-konvenut għaliha u għat-tifla, takkorda lilha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C, tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob manteniment mingħandha, tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, ixxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti, tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali u tawtorizza lilha u lill-minuri Csabiex jgħixu u jabitaw fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut.

Filwaqt li l-konvenut ippreżenta risposta ġuramentata abbażi ta' liema jaqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attriċi, iżda jopponi għall-oħrajn, huwa jippreżenta wkoll kontro-talba fejn jitlob li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda dan għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi, tordna li hu jkun fdat bil-kura u kustodja tal-minuri u tordna lill-attriċi tħallas manteniment lilu għalih u għall-minuri, tapplika kontra l-attriċi, l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, ixxolji u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bid-diviżjoni tirrifletti d-data minn meta l-attriċi ġiet konsidrata ħatja tal-firda, tiddikjara d-dar taż-żwieġ bħala parafernali tiegħu u tiprojbixxi li l-attriċi tibqa' tuża l-kunjom tiegħu.

Għaldaqstant, ġjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li jidher ċar li hemm diżgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' lil min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta ben ċar abbażi tal-provi mressqa.

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u dan *in vista* tal-fatt illi dan diġà jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intjer tiegħu. In sintesti l-attriċi tilmenta li l-konvenut huwa unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ u dan minħabba (i)adulterju (ii) eċċessi, (iii) moħqrija (iv) theddid u offiżi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi. Minn naħa l-oħra l-konvenut jilmenta li ż-żwieġ tkisser b'tort tal-attriċi minħabba (i)adulterju, (ii) sevizzi (iii) minaċċi, (iv) insulti (v) eċċessi u inġurji gravi *da parti* tal-attriċi.

Il-Qorti sejra issa tikkonċentra fuq il-konklużjonijiet tal-perit legali u li jistgħu jiġu kategorizzati fis-segwenti:

i) Responsabbiltà għat-tifrik taż-żwieġ;
ii) l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut;
iii) Manteniment għall-partijiet;
iv) Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-minuri CB;
v) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:
vi) Kunjom xbubit il-konvenuta.

**i) Responsabbiltà għat-tifrik taż-żwieġ;**

L-abbli Perit Legali, wara li tagħmel studju tal-provi mressqa tikkonkludi illi dan iż-żwieġ tkisser minħabba l-adulterju tal-attriċi li jirriżulta illi kellha relazzjoni ma' ċertu F G, li wasslitha biex telqet mid-dar. L-attriċi minn naħa tagħha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tibqa' ssostni dak li xehdet fuqu permezz tal-affidavit tagħha illi r-raġuni li tkisser iż-żwieġ kienet fil-fatt l-attitudni ta' żewġha li skond hi kien imaqdarha, jgħajjarha, jwaqqagħha għaċ-ċajt u anke kien vjolenti magħha. Apparti li tgħid li kien refa' jdejh diversi

drabi, kien jiddetta kull ma tagħmel u ommu kienet kompliċi f'dan għaliex hi kienet dominanti wkoll fil-konfront tagħha.

Il-Qorti filwaqt li ħadet konjizzjoni tax-xhieda kollha mressqa mill-attriċi, tinnota li minkejja li l-kawża nfetħet fl-2010 ma kienx qabel l-20 ta' Ġunju 2019 li l-attriċi għalqet il-provi tagħha. Fil-fuq minn tmien (8) snin l-attriċi ma għamlet xejn biex tipprova fil-fatt li dak li kienet qed tgħid għandu mis-sewwa dwar il-konvenut fuq dawn l-allegazzjonijiet. Saħansitra fin-nota ta' osservazzjonijiet kull ma jissemma huwa l-affidavit tal-attriċi għaliex fil-fatt dak kien l-unika prova tal-attriċi fuq dawn l-allegazzjonijiet u ma nġabet l-ebda prova li tikkorobora dan. Fl-istess nota jissemma li hija marret għand il-psikjatra David Cassar, flimkien ma' missierha u tgħid li dan kien qalilhom biex l-arma li kellu l-konvenut ma jafdawielux, iżda la jittella l-missier bħala xhud u lanqas l-istess psikjatra.

Ir-rapporti li l-attriċi ressqet ma rriżultaw fl-ebda proċeduri quddiem il-Qorti ħlief f'sentenza waħda fejn il-Qorti lliberat lill-konvenut. Tidher tistrieħ fuq sentenza tat-Tribunal Industrijali li ma hix parti mill-provi li ressqet, sabiex tgħid li dan jikkorobora dak li tgħid dwar l-attitudni tiegħu. Allaħares kellha l-Qorti toqgħod fuq dak li jidher li huma l-attitudnijiet ġenerali tal-partijiet f'din il-kawża għaliex iż-żewġ partijiet urew attitudnijiet li l-Qorti tikkundanna bil-kbir. Wieħed ma jistax jassumi li dak li qed tgħid huwa veru sempliċiment għaliex il-konvenut wera allegatament attitudni negattiva f'każ li kellu fuq il-post tax-xogħol li apparti li mhux pruvat f'dawn l-atti ma għandu x'jaqsam xejn mal-allegazzjonijiet tal-attriċi fil-konfront ta' żewġha. Il-Qorti tista' toqgħod biss fuq fatti pruvati illi f'dan il-każ ċertament li ma għandiex quddiemha speċjalment fid-dawl tal-fatt ukoll illi kif qalet il-Perit Legali l-attriċi nnifisha ma kinitx xhud kredibbli u ħafna drabi ma kienitx onesta f'dak li tgħid rigward ir-relazzjoni ma' F G li tant kienet ta' importanza f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti madanakollu tara illi għal żmien twil dawn il-proċeduri daru madwar l-allegazzjoni tal-konvenut illi F G abbuża sesswalment bit-tifla tal-partijiet C. It-tifla għaddiet minn snin sħaħ fejn kellha tieħu sehem fi proċeduri appożiti biex toħroġ il-verità dwar din l-allegazzjoni. Barra minn hekk dan kellu l-effett negattiv tiegħu fuq ir-relazzjoni tat-tifla ma' ommha, apparti l-effett iktar ovvju tal-ħsara li seta' ġab miegħu propju dak li ddaħħal f'moħħ il-minuri ċkejkna tal-partijiet. Dan il-Qorti tistmerru bil-kbir u hija konvinta li sar sforz ir-rabja li kellu l-missier wara li skopra li l-attriċi kkommetiet adulterju. Il-missier ħalla l-problemi ta' bejniethom jirkbuh u f'dak il-mument uża lit-tifla kontra martu, biex bħallikieku jpattihilha ta' dak li kienet għamlet. Il-Qorti tisħaq, kif għamlet diversi drabi illi l-partijiet għandhom iżommu l-kwistjonijiet ta' bejniethom il-bogħod minn dak li għandu x'jaqsam ma wliedhom jekk verament għandhom għal qalbhom l-interessi ta' wliedhom. Hija ħasra u ironika illi dawn il-proċeduri li tawwlu ħmistax (15)-il sena kienu jikkonċernaw fil-maġġoranza tagħhom propju l-minuri u issa li ser tiġi konkluża l-kawża l-minuri hija prattikament maġġorenni.

Il-Qorti tħoss illi dak li għamel il-konvenut għandu jirrispondi għalih għaliex propju jikkostitwixxi inġurja gravi fejn dak allegat ma ġiex pruvat. Fil-fatt il-Qorti rretiniet fir-rigward ta' **inġurji** u **offizi gravi** li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*.[94]

Minn naħa l-oħra l-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet peritali f'dak li għandu x'jaqsam mal-allegazzjoni tal-adulterju. Il-Qorti tara li din l-allegazzjoni minn naħa tal-konvenut ġiet pjenament ippruvata u dan mhux minn dak biss li jgħid il-konvenut iżda wkoll mill-provi mressqa li

---

[94] Ara Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud u Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi ġia ċitati.

f'għajnejn il-Qorti huma ***"precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt.'***[95] L-affidavit ta' missier l-attriċi stess kif spjegat il-Perit Legali kien prova ċara ta' din ir-relazzjoni u l-akkadut tal-fatti kif jixhdu diversi xhiedha fosthom l-attriċi stess, il-Qorti hija konvinta minnu. Lanqas isir kontro-eżami dwar dan l-affidavit jew jinġieb missier l-attriċi stess bħala xhud tagħha sabiex jixhed fuq dan. Jixhed ukoll Dun Q N fejn jgħid li marru saħansitra hu u missierha jippruvaw jipperswaduha kontra din ir-relazzjoni, fatt li lanqas ma ġie miċħud. Din ir-relazzjoni fil-fatt ftit wara wasslet biex l-attriċi nqabdet tqila u saħansitra rriżultat f'wild imniżżel fuq isem il-konvenut u l-konvenut kellu jiftaħ proċeduri u jneħħi lil dan il-wild minn fuq ismu.

Mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li kien dan l-adulterju li wassal għat-tifrik taż-żwieġ. Għalkemm l-attriċi tallega li kien il-konvenut li kkommetta adulterju, ix-xhieda li ttella hija stess, proprju O P u M N kienu ċari dwar id-dati li fihom bdew jiffrenkwetaw lill-konvenut u filwaqt li O P tixhed li bdiet relazzjoni mal-konvenut f'Ottubru 2010, xhur wara li l-attriċi kienet telqet mid-dar, tgħid li damet f'din ir-relazzjoni madwar senetjn u nofs u filfatt ilbagħad M N tgħid li bdiet relazzjoni mal-konvenut F'Marzu 2013. Ma ġiet pruvata l-ebda relazzjoni adultera li kellu l-konvenut fiż-żwieġ.

Għaldaqstant il-Qorti talloka t-tortijiet in kwantu għal kwart għall-konvenut li nstab ħati għal inġurja gravi u tliet kwarti għall-attriċi li nstabet ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' żewġha.

### ii) l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut;

[95] Fil-kawża fl-ismijiet **Nine Anne Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb *noe*** PA 22 ta' Frar 1961 il-Qorti qalet li: "*Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, bizzejjed **il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt**.*"

Iż-żewġ partijiet jitolbu lill-Qorti tapplika fil-konfront tal-parti l-oħra s-sanzjonijiet maħsuba mill-liġi fl-artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16.

Il-Qorti tfakkar li l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Artikolu 48 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-attriċi ħatja tat-tkissir taż-żwieġ minħabba adulterju u għalhekk għandha tapplika fil-konfront tagħha l-effetti *in toto* tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 hekk kif trid il-Liġi, *inter alia* li tiddikjara li bl-imġieba tagħha, l-attriċi iddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand il-konvenut u wkoll li hija titlef kull

dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tal-konvenut. Il-Qorti ma tarax li għandha tapplika dawn is-sanzjonijiet kontra l-konvenut li nstab ħati ta' inġurja gravi.

Għal kull *buon fini* l-Qorti tirrileva li tali sanzjonijiet, imsemmija fl-Artikolu 48 ċitat hawn fuq huma kkonsidrati fid-diviżjoni tal-porzjonijiet bejn il-partijiet. Għall-finijiet tal-Artikolu 48(ċ) u *ċioé* kwantu għad-data li minnha l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda, il-Qorti taqbel mad-data speċifikata mill-Perit Legali u *ċioé* l-20 ta' Ġunju 2010 meta l-Qorti tara li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment wara li l-konvenut kien diġà ħafrilha u reġgħu rritornaw flimkien għal ftit żmien.

**iii) Manteniment għall-partijiet;**

Filwaqt li l-attriċi għalhekk iddekadiet mid-dritt tagħha li titlob manteniment mingħand żewġha minħabba s-sanzjonijiet applikati fil-konfront tagħha, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali rigward manteniment għall-konvenut u għalhekk tiddeċiedi illi l-attriċi ma għandiex tiġi ordnata tħallas manteniment lil żewġha għalih.

**iv) Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-minuri CB**

Il-minuri C, bint il-partijiet illum għandha l-età ta' sbatax-il (17) sena u fl-1 ta' Lulju 2025 tagħlaq it-tmintax (18). Għalhekk t'temp ta' ġimgħatejn din it-tifla ssir maġġorenni.

Minkejja li dawn il-proċeduri fil-biċċa kbira tagħhom kienu jikkonsistu f'battalja bejn il-partijiet fuq il-minuri, issa l-minuri laħqet kibret u b'dispjaċir kbir il-Qorti tara illi l-kuntatt ma' l-omm inqata' tant li hija tgħid li lanqas għandha n-numru tat-tifla u għalhekk qatt ma tkellimha. Tgħid li fil-preċett kellha kuntatt mat-tifla u darba saret taf li kienet qiegħda l-isptar u kkuntatjat lill-missier. Dan wara li l-minuri għal xi żmien, kien

ikollha kuntatt sabiħ mal-omm waqt l-aċċess tant li f'diversi noti l-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ ifaħħru r-relazzjoni ta' bejn l-omm u t-tifla. Minn naħa l-waħda l-missier ma għinx is-sitwazzjoni u r-rabja li kellu għal l-omm b'mod l-iktar immatur ħarġet fi sforz biex jifred lit-tifla minn ma' l-omm. Minn naħa tal-omm minnflok kompliet tiġġieled għal bintha bdiet taqta' milli tmur għall-aċċess sakemm bdiet tirrifjuta anke pariri professjonali u qatgħet kull kuntatt. L-omm kellha tkun hi li tkompli tiġġieled biex bintha ma tħossiex li ommha ma tridiex iktar issa li kellha familja oħra, iżda l-partijiet f'dan ir-rigward aġixxew bl-iktar mod immatur u ċertament mhux fl-aħjar interessi tat-tifla.

F'dan l-istadju l-Qorti ma tantx tista' taġixxi għaliex issa Chija prattikament maġġorenni u f'dan il-punt ser tkun qed tieħu d-deċiżjonijiet dwar ħajjitha hi. Għal kull *bon fini* iżda l-Qorti tordna li wara dan iż-żmien kollu tat-tifla tgħix mal-missier u f'nuqqas totali ta' kuntatt mal-omm ma jkunx jagħmel sens illi l-kura u kustodja tat-tifla tkun għajr mal-missier li jkun awtorizzat jieħu waħdu d-deċiżjonijiet ordinarji u straordinarji fil-konfront tal-minuri sakemm din tagħlaq it-tmintax-il (18) sena. L-omm hija awtorizzata li tirċievi kwalunkwe informazzjoni dwar bintha direttament mill-awtoritajiet kompetenti dwar edukazzjoni u saħħa u l-missier għandu jinforma lill-omm b'mod immedjat f'każ li l-minuri tiġi rikoverata l-isptar.

F'dan il-punt il-Qorti xorta tħoss li għandha tisħaq fuq l-importanza taż-żewġ ġenituri fil-ħajja tat-tfal f'kull punt ta' ħajjithom anke meta jilħqu l-età maġġorenni. Bint il-partijiet għandha tkun f'pożizzjoni li tħoss li ż-żewġ partijiet qiegħdin hemm għaliha bħala l-ġenituri tagħha u li tista' titlob il-parir tagħhom meta tħoss li hu neċessarju. Il-Qorti twissi lill-omm li l-konsistenza hija vitali u għalkemm hija bniet familja oħra din ma hix skuża biex ma ssibx ħin għal bintha Cwkoll. Għal fini ta' dan l-iskop il-Qorti tħeġġeġ lill-omm u lill-minuri Csabiex jattendu sessjonijiet ta' *family therapy* biex jgħinuhom

jerġgħu jibnu r-relazzjoni li għandu jkollhom kull omm u bint bejniethom.

Il-missier għandu wkoll b'mod immedjat jgħaddi lill-attriċi omm, dettalji li bihom tkun tista' tikkuntattja lit-tifla u dan taħt sanzjoni ta' disprezz.

Dwar il-manteniment għall-minuri C, kif ingħad konsistentement fil-ġurisprudenza nostrana u kif inhu wkoll rifless fil-liġi, jitqies fuq ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*** Minkejja li hemm talba għall-manteniment minn naħa tal-missier li miegħu dejjem kienet tirrisjedi t-tifla tul il-proċeduri, il-Qorti ftit għandha provi dwar bżonnijiet tat-tifla. Madanakollu li hu żgur huwa li l-omm qatt ma ħallset manteniment u tgħix fuq ir-*relief*. Hija ma ġabet l-ebda tip ta' prova madanakollu li ma tistax taħdem. Ma hix skuża li l-omm tgħid li l-missier qatt ma għamel talba għall-manteniment tat-tifla *pendente lite* allura bħallikieku ma kellux bżonn il-flus biex irabbiha. Iż-żewġ ġenituri għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu għall-għixien ta' wliedhom.

Madanakollu l-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali fejn din tillikwida manteniment mis-sena 2010 meta fil-kontro-talba ma saret ebda talba għal arretrati ta' manteniment iżda ntalab biss li jiġi ffissat manteniment li jiġi inferit li jkun likwidat mid-data tas-sentenza l-quddiem. Jekk tagħmel dan il-Qorti tkun qed tiddeċiedi barra mill-parametri tat-talbiet u għalhekk *ultra petita.*

Minkejja li ftit hemm provi dwar il-bżonnijiet tal-minuri l-Qorti tordna illi l-omm tħallas manteniment lil missier fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar, liem ammont ikun jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u għandu jinqata' direttament minn kwalunkwe introjtu li tipperċepixxi l-omm sia jekk hux ġej minn xogħol jew benefiċċji soċjali.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-attriċi hija obbligata li tibqa' tħallas dan il-manteniment għall-minuri sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, l-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel.

**v) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali**

*<u>Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-18 ta' Ġunju 2006, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Il-Qorti qiegħda permezz ta' din is-sentenza xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Kif telenka ben tajjeb il-Perit Legali l-assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Kontijiet bankarji u loans
2. Dgħajsa Marino
3. Vetturi
4. Xogħolijiet u mobbli li nxtraw fiż-żwieġ fid-dar matrimonjali

Il-Qorti taqbel mal-pjan ta' qasma li kkonkluda l-Perit Legali u taddottah fl-intjer tiegħu u għalhekk tordna kif ġej:

i) L-attriċi għandha tħallas l-ammont ta' ħamest elef ħames mija tnejn u erbgħin Ewro u tletin ċentezmu (€5542.30) lill-konvenut bħala sehemha min nofs il-*loans* li tħallsu minn meta hija nstabet ħatja tat-tifrik taż-żwieġ fl-20 ta' Ġunju 2010 sad-data li nqata d-dejn;
ii) Id-dagħjsa Marino flimkien mal-muturi li għandha magħha għandhom jinżammu mill-konvenut filwaqt li tordna illi jitqabbad espert, sabiex jistma din id-dgħajsa u muturi u jagħti l-valur fis-suq tagħhom u l-konvenut qed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi nofs il-valur kif stmat mill-espert u għal dan l-iskop qed tappunta lis-sur Roderick Camilleri;
iii) Il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi l-ammont ta' elfejn u mitt Ewro (€2,100) bħala sehemha mill-bejgħ tal-vettura tal-marka Toyota Spacio;
iv) Peress li d-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali tal-konvenut, fatt inkontestat tul il-proċeduri, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li din id-dar bl-indirizz XXX ma għadhiex tikkostitiwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet u tordna illi l-konvenut u bintu jgħixu fiha ad esklużjoni tal-attriċi, l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' tmintax-il elf disa' mija u ħdax il-Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€18,911.92) bħala sehemha mill-ispejjeż illi saru fl-istess dar, u sehemha mill-pagamenti tal-*loan* li tħallset fuq l-istess dar mid-data taż-żwieġ sad-data tad-dekadenza, li fuqhom hija għandha kreditu kontra l-komunjoni;

Kull parti għandha żżomm il-kontijiet bankarji intestati fuq isimha.

*Proprjetà parafernali tal-attriċi*

Is-segwenti dehebijiet li jirriżultaw min-nota tal-attriċi ppreżentata fl-atti fit-2 ta' Awwissu 2011 baqgħu fid-dar matrimonjali u għalhekk il-Qorti qed tordna lill-konvenut jikkonsenjahom lura lill-attriċi:

*Żewġ ċrieket kbar u ħamsa żgħar ta' metall isfar;*
*Erba' ċrieket kbar ta' metall abjad u ċurkett iswed;*
*Ħmistax-il misluta;*
*Pendent isfar b'ittra B;*
*Pendent forma ta' ċavetta ta' metall isfar;*
*Pendent forma ta' wiċċ Kristu*
*Pendent forma ta' qalb u qrun;*
*Tmien ġiżirajjen ta' metall abjad;*
*Żewġ pari msielet ta' metall abjad;*
*Tliet ċappetti  ta' metall isfar;*
*Żewġ arloġġi tal-idejn;*
*Pendent bil-kelma Ata' metall isfar;*
*Albums ta' ritratti.*

Il-konvenut għandu jikkonsenja lura lill-attriċi wkoll l-oġġetti li l-attriċi xtrat mill-kumpanija *World Marketing* qabel iż-żwieġ. F'każ li l-konvenut neħħa dawn l-oġġetti huwa għandu jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) bħala kumpens għal dawn l-oġġetti parafernali tal-attriċi.

Il-konvenut għandu jħallas ukoll lill-attriċi l-kreditu parafernali li jammonta għal ħames mija u disgħa u ħamsin Ewro u erba' ċenteżmi (€559.04) rappreżentanti l-ammont li l-attriċi ħarġet qabel iż-żwieġ biex xtrat l-għamara mingħand il-kumpanija *Tikams*.

**vi) Kunjom xbubit il-konvenuta**

Filwaqt li l-attriċi ma titlobx li tirriverti għal kunjom xbubitha, il-konvenut jitlob illi l-attriċi tiġi projbita milli tkompli tuża kunjomu u *ċioé* B għaliex minħabba f'dan huwa qed isofri preġudizzju fis-sens li l-attriċi umiljatu b'azzjonitha billi b'mod sfaċċat kellha relazzjoni extra maritali ma' F G.

Artikolu 62(3) tal-Kap 16 jgħid kif ġej

*"Il-qorti tista', fuq talba ta' wieħed jew waħda mill-miżżewġin, li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-konjuġi l-ieħor jew l-oħra milli jkomplu jużaw il-kunjom tal-parti l-ewwel imsemmija wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta'* <u>*preġudizzju gravi*</u> *għal dik il-parti li tkun għamlet it-talba."*

Il-Qorti ma tqisx illi l-fatt illi l-attriċi ikkommettiet adulterju ma' F G u għalhekk il-konvenut iħossu umiljat jammonta għal *preġudizzju gravi* li trid il-liġi f'Artiokolu 62(3) tal-Kap 16 u għalhekk tiċħad din it-talba.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali *in parte*, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi, *stante* li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabilment, iżda dan bi ħtija prinċipalment tal-attriċi u dan minħabba adulterju minn naħa tagħha, filwaqt li l-konvenut instab ħati ta' inġurja gravi, u tistabbilixxi l-20 ta' Ġunju 2010 bħala d-data li fiha l-attriċi nstabet ħatja għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali;

3. Tiċħad it-tieni talba attriċi, u tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali limitatament għall-manteniment tal-minuri Cu tiċħadha għall-konvenut, u tordna li l-attriċi għandha tħallas manteniment għat-tifla Ckif provdut fir-raba' taqsima ta' din is-sentenza u ċioé dik intitolata

***Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-minuri CB;***

4. Tiċħad it-tielet u r-raba' talba attriċi filwaqt li tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali;

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u s-sitt talba rikonvenzjonali u dan safejn hu kompatibbli ma' dak provdut fil-ħames taqsima ta' din is-sentenza u *ċioé* dik intitolata ***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali***;

6. Tilqa' Is-sitt talba attriċi u tordna illi l-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-kreditu parafernali u l-oġġetti mobbli indikati fil-ħames taqsima ta' din is-sentenza u *ċioé* dik intitolata ***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*** taħt is-sub titolu *Proprjetà parafernali tal-attriċi* u tiċħad is-seba' talba rikonvenzjonali *stante* li ma jirriżultawx beni parafernali tal-konvenut;

7. Tiċħad is-seba' talba u tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali u dan skont kif provdut fir-raba' taqsima ta' din is-sentenza u ċioé dik intitolata ***Kura u kustodja, aċċess u manteniment għall-minuri CB;***

8. Tiċħad it-tmien talba attriċi u tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonali;

9. Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenut jirreġistra s-sentenza mar-Reġistru Pubbliku;

*10.* Tiċħad l-għaxar talba rikonvenzjonali *stante* li ma jirriżultax preġudizzju gravi li minħabba fih għandha tiprojbixxi lill-attriċi milli tibqa' tuża kunjom il-konvenut.

Tordna li l-ispejjeż u drittijiet ta' din il-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal tlieta minn erba' partijiet (3/4) mill-attriċi u parti waħda minn erbgħa (1/4) mill-konvenut.